# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 197

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

8 ta' Ġunju 2018


Werrej


I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

**531 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-17 u t-18 ta' Jannar 2018**

2018/C 197/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-promozzjoni tal-SMEs fl-Ewropa, b'attenzjoni speċjali lejn approċċ leġislattiv orizzontali lejn l-SMEs u r-rispett ta' 'aħseb l-ewwel fiż-żgħir' tas-Small Business Act" (opinjoni esploratorja) . . . . . 1

2018/C 197/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-adozzjoni ta' approċċ komprensiv għall-politika industrijali fl-UE – titjib fl-ambjent kummerċjali u appoġġ għall-kompetittività tal-industrija Ewropea" (opinjoni esploratorja) . . . . . 10

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**531 Sessjoni Plenarja tal-KESE fil-17 u t-18 ta' Jannar 2018**

2018/C 197/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2018" *[COM(2017) 453 final]* . . . . . 17

2018/C 197/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA" *[COM(2017) 489 final – 2017/0226 (COD)]* . . . . . 24

2018/C 197/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti transkonfinali rapportabbli" *(COM(2017) 335 final — 2017/0138 (CNS))* . . . . . 29


MT

| | | |
|---|---|---|
| 2018/C 197/06 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-"Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro" *(COM(2017) 770 final)* . . . . . . . . . . | 33 |
| 2018/C 197/07 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur" *[COM(2017) 281 final – 2017/0123 (COD)]* . | 38 |
| 2018/C 197/08 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq" *[COM(2017) 278 final – 2017/0121(COD)]* u dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi" *[COM(2017) 277 final – 2017/0122(COD)]* . . . . . . . . . . . | 45 |
| 2018/C 197/09 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Avjazzjoni: Ewropa Miftuħa u Konnessa" *(COM(2017) 286 final)* u dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004" *[COM(2017) 289 final – 2017/0116 (COD)]* . . . | 58 |
| 2018/C 197/10 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (riformulazzjoni)" *(COM(2017) 548 final — 2017/0237 (COD))* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 66 |
| 2018/C 197/11 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini" *[COM(2017) 735 final — 2017/0328 (COD)]* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 71 |
| 2018/C 197/12 | Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea" *[COM(2017) 734 final – 2017/0326 (COD)]* . . . . . . . . . . . . . . . . . . | 72 |

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## 531 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-17 U T-18 TA' JANNAR 2018

## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-promozzjoni tal-SMEs fl-Ewropa, b'attenzjoni speċjali lejn approċċ leġislattiv orizzontali lejn l-SMEs u r-rispett ta' 'aħseb l-ewwel fiż-żgħir' tas-Small Business Act"

**(opinjoni esploratorja)**

(2018/C 197/01)

Relatur: **Milena ANGELOVA**

Korelatur: **Panagiotis GKOFAS**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Presidenza Bulgara tal-Kunsill, 5.9.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 18.12.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 241/5/8 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jenfasizza li l-SMEs jeħtieġu attenzjoni speċjali ([1]) u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea (KE) biex is-Small Business Act (SBA) u l-prinċipji tiegħu jkunu legalment vinkolanti. Dan irid ikun akkumpanjat minn azzjonijiet konġunti fil-pront, imfassla bir-reqqa u kkoordinati mill-Unjoni Ewropea (UE), l-Istati Membri – inkluż fil-livell reġjonali u lokali – u assoċjazzjonijiet tan-negozju, immirati lejn it-titjib tas-sitwazzjoni għall-SMEs f'termini reali. L-atturi kollha jeħtiġilhom li jieħdu l-impenn li jimplimentaw dak li qablu dwaru b'mod konġunt u jridu jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom fil-kuntest ta' żvilupp soċjetali u progress ekonomiku.

([1]) B'mod speċjali issa, 35 sena wara l-adozzjoni mill-PE tas-"Sena Ewropea tan-Negozji Artiġjanali", 25 sena wara t-tnedija tas-Suq Intern, 15-il sena wara l-introduzzjoni tal-euro.

1.2. Huwa meħtieġ involviment aktar mill-qrib tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs fis-Semestru Ewropew, inklużi rapportar u monitoraġġ konsistenti tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-ftehimiet ta' sħubija tal-Istati Membri. Il-KESE jistieden lill-KE u lill-Kunsill jinkludu implimentazzjoni tas-SBA bħala eżerċizzju ta' skrutinju permanenti fis-Semestru u l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs.

1.3. Il-KESE jitlob politika Ewropea orizzontali dwar l-SMEs li tkun inklużiva, koerenti u effettiva li tqis ukoll il-ħtiġijiet tas-sottogruppi differenti kollha tal-SMEs, eż. kumpaniji li joħolqu l-valur, mikro, żgħar, tal-familja u tradizzjonali kif ukoll dawk li joperaw f'żoni remoti, il-ħaddiema għal rashom u l-artiġjanat, u jikkunsidra essenzjali li jkun hemm definizzjoni għal kull wieħed u waħda minnhom ([2]). Il-libertà li jitwettaq negozju bbażat fuq forom ta' demokrazija ekonomika inerenti fil-mudell soċjali u tas-suq tal-UE – kif irrikonoxxut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – trid tiġi mħarsa b'mod effettiv u l-ispirtu, il-kultura u l-edukazzjoni intraprenditorjali jridu jitjiebu fl-Ewropa.

1.4. Il-KESE jirrakkomanda li l-Presidenzi b'rotazzjoni, tal-Bulgarija, tal-Awstrija u tar-Rumanija, tal-Kunsill tal-UE jistabbilixxu u joperaw "Grupp Konsultattiv tal-SMEs" konġunt, interistituzzjonali u permanenti mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs. Għandu jibda ħidmietu billi jsegwi u jirrapporta dwar il-pjani ta' ħidma speċifiċi għall-2014-2020 fir-rigward ta' politiki u programmi tal-SMEs orizzontali u transsettorjali.

1.5. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa biex jiġu implimentati malajr il-proposti speċifiċi stipulati f'dan id-dokument, u jitlob lill-KE, lill-Parlament Ewropew (PE) u lill-Kunsill biex jieħdu pass f'waqthom għal dan il-għan.

## 2. **Kuntest u s-sitwazzjoni attwali**

2.1. F'Settembru 2017 il-Presidenza Bulgara li jmiss tal-Kunsill tal-UE talbet opinjoni esploratorja dwar il-promozzjoni tal-SMEs fl-Ewropa b'fokus speċjali fuq approċċ leġislattiv orizzontali għall-SMEs u rispett għall-SBA u l-prinċipju ta' "aħseb l-ewwel fiż-żgħir". Il-KESE jilqa' bi ħġaru din l-inizjattiva, peress li hija konformi mad-diversi talbiet fl-opinjonijiet tal-KESE biex l-SBA u l-prinċipji li dan jistabbilixxi jsiru legalment vinkolanti.

2.2. F'Ġunju 2017 il-KE ppubblikat Pjan Direzzjonali ([3]) biex tibda konsultazzjonijiet dwar ir-rilevanza u l-ħtieġa li tiġi aġġornata d-definizzjoni ta' SMEs. Ir-reazzjonijiet inizjali għalih urew li maġġoranza ta' dawk li wieġbu – 18 min 22 – iqisu li d-definizzjoni hija skaduta u jitolbu li din tiġi aġġornata u aġġustata ([4]).

2.3. Fl-2011, il-KE ppubblikat Reviżjoni tas-Small Business Act għall-Ewropa ([5]) bil-għan li titħaffef l-implimentazzjoni tiegħu ([6]), u nediet konsultazzjoni pubblika fl-2014 dwar kif is-Small Business Act għandu jiġi rivedut ([7]), iżda hija ħasra li l-ebda azzjonijiet ta' politika ulterjuri kienu meħuda sabiex dan jiġi segwit. Il-progress annwali tas-Small Business Act huwa eżaminat min-Netwerk tar-Rappreżentanti tal-SMEs, iżda huwa meħtieġ ħafna xogħol biex jiġi żgurat li din l-informazzjoni effettivament tasal għand l-SMEs u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

2.4. Il-KESE jilqa' l-isforzi ffokati tal-KE biex timplimenta l-prinċipju ta' "aħseb l-ewwel fiż-żgħir", u b'mod speċjali l-approċċ ta' attenzjoni lejn l-interessi tal-SMEs, kif applikat fir-REFIT u l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu ([8]).

---

([2]) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22; ĠU C 226, 16.7.2014, p. 10.
([3]) http://ec.europa.eu/growth/smes/business-friendly-environment/sme-definition_en.
([4]) http://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2017-2868537/feedback_en?size=10&page=2. L-isforzi tal-KE biex tniedi l-istadju li jmiss tal-konsultazzjoni fil-lingwi kollha tal-UE jixirqilhom it-tifħir, għax b'hekk jippermettu input usa'.
([5]) COM(2011) 78 final.
([6]) COM(2008) 394 final.
([7]) https://ec.europa.eu/growth/smes/business-friendly-environment/small-business-act_en, Ref. Ares(2015)812234 – 25/02/2015.
([8]) COM (2016) 733 final.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jiddispjaċih li l-progress fl-applikazzjoni reali tal-prinċipju ta' "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" jibqa' frammentat u 'l bogħod milli jitlesta. Dan id-dewmien fl-implimentazzjoni huwa perikoluż ħafna minħabba li l-SMEs bħalissa qegħdin jaffaċċjaw aktar sfidi minn qatt qabel – kompetizzjoni ħarxa, nuqqas ta' forza tax-xogħol tas-sengħa, forom ġodda ta' xogħol u ta' konsum, fluss ta' informazzjoni dejjem aktar kumpless u intens, riżorsi limitati għall-innovazzjoni, tnaqqis kostanti fil-grad tar-rwol tal-imprenditur, swieq finanzjarji volatili, aċċess ikkomplikat għall-finanzjament u dipendenza għolja fuq ambjent estern, setgħa limitata ta' negozjar [9]. Is-sitwazzjoni tal-SMEs hija aggravata aktar minn proċess kumpless iżżejjed ta' standardizzazzjoni teknika, regoli ta' protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u tad-data ġenerali, abbużi tas-suq minn atturi globali, u parteċipazzjoni mxekkla fil-kuntratti pubbliċi tal-UE/nazzjonali u fil-katina ta' valur mondjali. Jenħtieġ li jiġu ddisinjati soluzzjonijiet aktar effiċjenti, b'mod speċjali meta l-SMEs jiġu affettwati b'mod negattiv minn problemi strutturali u fallimenti tas-suq.

3.2. Id-diġitalizzazzjoni u l-iżviluppi teknoloġiċi li din tinvolvi, inkluż il-kummerċ elettroniku, ma jippreżentawx biss opportunitajiet prezzjużi għall-SMEs iżda joħolqu wkoll sfidi importanti, li jheġġuhom jibdlu l-kultura, l-attivitajiet u l-mudelli ta' negozju tagħhom. Ikun mixtieq ħafna li s-setturi ekonomiċi u r-reġjuni li huma l-aktar kritiċi għall-SMEs jiġu involuti aktar mill-qrib fl-Industrija 4.0.

## 4. **Tfassil aħjar tal-politika u implimentazzjoni aktar effettiva**

4.1. Il-KESE ma jarax id-definizzjoni tal-SMEs bħala t-tweġiba għall-problemi kollha tal-SMEs, iżda bħala strument li jipprevedi aċċess aħjar għall-miżuri ta' sostenn. Kwalunkwe reviżjoni tad-definizzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-effetti tal-bidliet proposti dwar il-politiki u l-programmi tal-UE dwar l-SMEs u b'mod speċjali fuq il-kontribuzzjoni tagħhom għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol. L-aġġornament irid iqis ukoll ir-rakkomandazzjoni ewlenija bbażata fuq ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE [10]. Il-KESE jitlob li jsir aktar xogħol biex tiġi esplorata l-possibilità li r-reviżjoni tinkludi mill-anqas [11]: flessibbiltà għall-SMEs biex jagħżlu liema tnejn mit-tliet kriterji tal-Artikolu 2 tal-Anness għar-Rakkomandazzjoni [12] se jissodisfaw, minflok ma jiġi impost il-"kriterju tan-numru ta' impjegati" [13] bħala l-uniku kriterju prinċipali; miżuri biex jiġu aġġornati, kull meta meħtieġ, il-limiti stabbiliti tal-Artikolu 2, inkluż billi jiġu allinjati mal-aktar approċċ aġġornat kif stabbilit fid-Direttiva 2013/34/UE [14] u r-rieżami u r-reviżjoni tar-regoli restrittivi fl-Artikolu 3 [15]. Jekk id-definizzjoni tal-SMEs tiġi riveduta, il-Kummissjoni trid tagħmel dan f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali.

4.2. Jenħtieġ li jiġi applikat approċċ aktar dettaljat u differenzjat għat-tfassil ta' miżuri ta' appoġġ għall-SMEs, b'kunsiderazzjoni tal-eteroġeneità u d-diversità tal-SMEs u l-fallimenti tas-suq differenti li jaffaċċjaw. Jenħtieġ li jiġu esplorati l-ħtiġijiet speċifiċi tas-sottogruppi differenti [16] li għandhom il-potenzjal li jżidu valur għall-proċess ta' żvilupp ekonomiku [17], bid-diversi forom u mudelli legali differenti ta' operazzjoni [18], sabiex jiġi ddisinjat u ppreżentat b'mod effettiv portafoll adegwat ta' miżuri ta' politika biex jiġi promoss it-tkabbir tagħhom, inkluż billi tingħata definizzjoni għal kull wieħed u waħda minnhom [19]. Jenħtieġ li tintuża kummerċjalizzazzjoni effettiva u jenħtieġ li jiġu mmonitorjati u vvalutati studji oġġettivi inklużi analiżijiet kwantitattivi tal-miżuri ta' promozzjoni u ta' sostenn fl-Istati Membri skont is-Semestru tal-UE fil-livell tal-UE kull sena.

## 5. **Finanzjament tal-SMEs**

5.1. Il-maġġoranza tal-SMEs huma intrapriżi żgħar ħafna jew mikro, li jiġbru l-ħaddiema għal rashom u l-professjonijiet liberi. Dawn il-gruppi għandhom ħtiġijiet speċifiċi ħafna f'termini ta' finanzjament – ammonti relattivament baxxi, l-ebda

(9) Diversi studji – eż. PE, 2011; CSES, 2012; KE, 2008; OECD, 1998.
(10) http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/AUTO/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.030.01.0056.01.MLT&toc=OJ:C:2017:030:FULL, http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=183329&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=687947, http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=183335&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=691887.
(11) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 1.
(12) L-Artikolu 2, Anness, 2003/361/KE.
(13) L-Artikolu 4, Anness, 2003/361/KE.
(14) Id-Direttiva 2013/34/UE, 26 ta' Ġunju 2013.
(15) L-Artikolu 3, Anness, 2003/361/KE.
(16) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 1.
(17) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 1.
(18) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 15 (punt 3.2).
(19) ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22; ĠU C 226, 16.7.2014, p. 10.

kollateral, u abbiltà limitata ħafna biex ikampaw b'formalitajiet amministrattivi. Filwaqt li japprezza l-potenzjal konsiderevoli tagħhom biex joħolqu impjiegi sostenibbli, b'mod speċjali fi bliet relattivament żgħar u remoti, il-KESE jistieden lill-KE tagħmel enfasi akbar fuq id-disinn ta' strumenti sempliċi, b'aċċess faċli biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom.

### 5.2. *Dejn*

5.2.1. Peress li l-Karta tal-SMEs u l-SBA huma inklużi fost il-prijoritajiet reċenti tal-Unjoni Bankarja tal-UE, il-KESE jitlob approċċ aktar komprensiv, fil-fond u konsistenti biex jitkejjel kif il-prinċipju ta' "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" ġie jew jista' jiġi applikat għall-politiki bankarji tal-UE u leġislazzjoni bankarja u finanzjarja nazzjonali differenti fl-Istati Membri. Il-KESE jistieden lill-Awtorità Bankarja Ewropea tinkludi rappreżentanza tal-KESE fil-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati kif ukoll f'fora tekniċi rilevanti oħra.

5.2.2. Il-KESE jitlob il-ħolqien u l-iżvilupp ta' netwerk ta' "ombudsman tal-kreditu" mill-Istati Membri taħt il-koordinazzjoni tal-UE, sabiex jiffaċilita u jibbilanċja aktar id-djalogu bejn l-SMEs u l-istituzzjonijiet tal-kreditu.

5.2.3. Sabiex jonqos id-distakk fl-informazzjoni bejn il-banek u l-SMEs u jitjieb l-għarfien finanzjarju tagħhom, il-KESE jissuġġerixxi li d-data kwalitattiva tintalab u tiġi analizzata sabiex jinsilet tagħlim dwar kif l-istrumenti finanzjarji jintużaw mill-banek intermedjarji biex jilħqu lill-SMEs li l-aktar jeħtieġu riżorsi finanzjarji ([20]) u x'inhuma r-raġunijiet għaliex ma jingħatawx kreditu, f'konformità mal-prinċipji tal-feedback mill-banek ([21]).

5.2.4. Il-KESE jinsab tassew imħasseb bir-rapporti ta' banek qegħdin ifallu li qed iġaiegħlu jfallu lil xi intrapriżi żgħar minħabba sempliċi problemi ta' fluss tal-flus u jistieden lill-KE tieħu miżuri fil-pront biex tipprevjeni tali avvenimenti fil-futur. Karta tal-kreditu ta' kumpanija li żżomm rendikont tal-kreditu u tippermetti żieda fil-limitu ta' kreditu abbażi ta' rekord prudenti ([22]) tista' tkun soluzzjoni waħda.

5.2.5. Il-pjattaformi innovattivi għal self bejn il-pari għandhom potenzjal kbir bħala sors alternattiv ta' finanzjament għall-SMEs, li jagħmlu possibbli forom mhux bankarji ta' medjazzjoni finanzjarja. Madankollu, il-potenzjal għoli ta' dawn il-forom ġodda ta' self għadu mxekkel minn oqsma mhux ċari ta' liġi u regolazzjoni. Il-KESE jitlob sforz internazzjonali minn dawk li jfasslu l-politika, ir-regolaturi u l-partijiet ikkonċernati biex jiċċaraw ir-regoli li jirregolaw intermedjarji finanzjarji ewlenin f'dan il-qasam, mingħajr ma jiġi ġġenerat piż regolatorju kbir.

5.2.6. Il-prattiki tajba tal-Istati Membri għal aċċess faċli u affordabbli tal-SMEs għal finanzjament jenħtieġ li jiġi studjat u mxerred, u r-replika tagħhom jenħtieġ li tiġi inċentivata.

5.2.7. L-SMEs fl-Ewropa ftit li xejn għandhom aċċess jew ma għandhom l-ebda aċċess għas-suq tal-bonds maħruġa minn kumpanija, minħabba nuqqas ta' likwidità, spejjeż għolja ta' ħruġ u rekwiżiti għolja ta' informazzjoni. Il-KESE jemmen li rekwiżiti ta' elenkar u ta' divulgazzjoni proporzjonati għall-SMEs, l-adozzjoni ta' inċentivi speċifiċi u l-ħolqien ta' swieq tal-kapital speċjalizzati tal-SMEs fil-livell tal-Istati Membri se jgħinu biex jingħelbu dawn l-ostakli.

### 5.3. *Fondi tal-UE*

5.3.1. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat iridu jiġi ssemplifikati u aġġornati, biex titneħħa kull inċertezza għall-SMEs, b'mod speċjali dawk relatati mal-konnessjoni tal-persuni fiżiċi, is-sjieda mill-Istat u muniċipali, l-istrutturi ta' parteċipazzjoni u limitazzjonijiet oħrajn li huma diffiċli ħafna biex jiġu intraċċati. Il-KESE jappoġġja l-konklużjonijiet tar-Regolamentazzjoni żejda fl-istudju tal-FSIE ppubblikat fl-2017 mid-DĠ għall-Politiki Interni tal-PE, b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar semplifikazzjoni tar-regoli, kif ukoll li jkunu aktar konformi mal-kundizzjonijiet fuq il-post u jiġu applikati b'mod aktar flessibbli, peress li l-kumplessità tagħhom iżżid il-piż amministrattiv, ir-riskji ta' duplikazzjoni tar-rekwiżiti u l-preferenza għal konformità mar-regoli minflok il-prestazzjoni tal-proġetti implimentati ([23]).

([20]) Biex tiġi miġġielda l-prattika negattiva eżistenti fejn il-banek kummerċjali joffru riżorsi finanzjarji ta' valur baxx appoġġjati mill-UE lill-klijenti leali tagħhom, filwaqt li jiġi miċħud l-aċċess għalihom mill-maġġoranza tal-SMEs.

([21]) http://www.ebf.eu/wp-content/uploads/2017/06/High-level-principles-on-feedback-given-by-banks-on-declined-SME-credit-applications.pdf.

([22]) Bħal "Széchenyi card" Ungeriża.

([23]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/585906/IPOL_STU(2017)585906_EN.pdf.

5.3.2. Meta jitfasslu miżuri ta' sostenn u programmi fil-livell tal-UE, dawn jenħtieġ li jinkludu kriterji li se jiggarantixxu bilanċ ġeografiku raġonevoli.

5.3.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-KE biex iżżomm u tiżviluppa aktar il-programm COSME, bħala strument ta' appoġġ importanti tal-SMEs ([24]).

5.3.4. Il-KESE jiddispjaċih li d-data hija skarsa ħafna dwar l-impatt ċar ta' riżorsi ddedikati għall-miżuri ta' politika dwar l-SMEs skont il-QFP 2014-2020. Il-Kumitat jistieden lill-KE tindirizza dan minnufih u, meta tivvaluta l-effett tagħhom, tirrapporta dwar u timmonitorja kemm il-kriterji kwalitattivi kif ukoll dawk kwantitattivi.

5.3.5. Il-KESE jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jimplimentaw il-Prinċipju tas-Sħubija ([25]) b'mod aktar effettiv meta jistabbilixxu l-qafas għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss. Minkejja li l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija vinkolanti, fil-prattika hemm ħafna impedimenti li jwaqqfuhom milli jkollhom impatt reali fuq id-deċiżjonijiet.

5.3.6. B'mod ġenerali l-appoġġ għall-SMEs kien immirat lejn iż-żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni u lejn in-negozji ġodda. Mingħajr ma jqiegħed dubju fuq l-importanza ta' dawn il-politiki, il-KESE jrid jenfasizza li frazzjoni limitata ħafna tal-SMEs kollha se tibbenefika minnhom u għalhekk jitlob strumenti ta' sostenn aktar diversifikati, li jimmiraw it-tipi kollha ta' intrapriżi u li jkopru l-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

### 5.4. *Ekwità*

5.4.1. L-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) – espansjoni tal-fondi ta' riskju, swieq tal-ekwità privati – inklużi swieq informali, investituri informali u finanzjament kollettiv, tejjeb l-aċċess għall-kapital ta' riskju għal kategoriji partikolari ta' SMEs. Madankollu, huwa improbabbli li porzjon kbira ħafna ta' SMEs tkun tista' tibbenefika wisq minnhom. Anke għall-kumpaniji innovattivi, in-negozji ġodda u l-kumpaniji ta' daqs medju, l-istrumenti l-ġodda mhumiex faċli biex jintużaw u għad hemm differenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi minħabba l-livell ta' żvilupp tas-swieq kapitali lokali u n-nuqqas ta' leġislazzjoni xierqa.

5.4.2. Il-KESE jistieden lill-KE tipprovdi aktar informazzjoni u mentoraġġ għall-SMEs sabiex jitwessa' l-ambitu tal-viżjoni strateġika tagħhom u titjieb il-kapaċità tagħhom li jużaw finanzjament tal-ekwità. Peress li b'mod tradizzjonali l-SMEs kienu jiddependu l-aktar minn finanzjament tad-dejn, l-għarfien u l-fehim tagħhom ta' strumenti alternattivi huwa limitat u l-attitudnijiet ta' mġieba tagħhom huma eżitanti fir-rigward tal-finanzjament tal-ekwità. Filwaqt li jagħraf l-isforzi reċenti tal-KE biex iżżid l-għarfien dwar strumenti finanzjarji individwali, il-KESE jenfasizza li dan mhux biżżejjed u jitlob li l-organizzazzjonijiet tan-negozju jiġu appoġġjati u jingħataw inċentivi biex jiżviluppaw approċċ strateġiku fit-tul tal-SMEs għall-finanzjament tan-negozju. Peress li jinsabu f'kuntatt ta' kuljum mal-SMEs, dawn jistgħu jgħinuhom iżidu l-fehim tagħhom ta' kif strumenti differenti jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet ta' finanzjament differenti tal-SMEs fi stadji speċifiċi taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

## 6. **Huma meħtieġa azzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza u li huma prattiċi biex jappoġġjaw l-SMEs**

6.1. Minkejja l-utilità potenzjali tiegħu ([26]), sfortunatament in-netwerk tar-rappreżentanti tal-SMEs naqas milli jagħti prova tal-valur miżjud reali tiegħu f'għadd ta' pajjiżi u huwa diffiċli ħafna li jiġi intraċċat ir-riżultat tal-ħidma tiegħu. Sabiex l-idea eċċellenti ta' tali netwerk tkun tista' terġa' tingħata l-ħajja, dan jeħtieġ li jingħata rwol aktar importanti, inkluż kuntatt aktar mill-qrib u immedjat mal-organizzazzjonijiet nazzjonali u lokali tal-SMEs, u l-iskambju ta' prattiki tajba u rapporti. Il-KESE jirrakkomanda li n-netwerk joħloq u jagħmel disponibbli pjattaforma għal skambju ta' prattiki tajba sabiex jipproduċi, flimkien mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs tal-UE/nazzjonali, rapport annwali dwar kemm qed jiġi infurzat b'mod effettiv "il-prinċipju ta' aħseb l-ewwel fiż-żgħir". Jirrakkomanda wkoll li r-rappreżentant nazzjonali tal-SMEs jiġi sorveljat u segwit minn persuna maħtura mill-organizzazzjonijiet tal-SMEs.

6.2. Il-KESE jqis li jkun ta' għajnuna għar-rappreżentanti jekk jipparteċipaw fir-Reviżjoni tal-Prestazzjoni tal-SMEs u li jkollhom linji gwida ġenerali mill-KE għal kooperazzjoni aktar sistematika u strutturata mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs.

([24]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 125.
([25]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (l-Artikolu 5), żviluppat aktar fir-Regolament ta' Delega 240/2014.
([26]) http://ec.europa.eu/growth/smes/business-friendly-environment/small-business-act/sme-envoys_en. Ir-rapporti ta' attività u dokumenti oħra: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=2666.

6.3. L-Assemblea tal-SMEs hija promossa bħala "l-assemblea ġenerali tal-SMEs" u l-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-idea ta' forum fejn l-SMEs jistgħu jiltaqgħu, jidentifikaw kwistjonijiet urġenti u jfittxu soluzzjonijiet. Sabiex l-Assemblea tal-SMEs titla' għal livell aktar effettiv u ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala pjattaforma ta' diskussjoni u teħid ta' deċiżjonijiet, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li:

— l-organizzazzjonijiet tal-SMEs jiġu involuti aktar mill-qrib fil-preparazzjoni annwali u s-segwitu tal-Assemblea, u jkollhom rwol konsultattiv reali;

— il-laqgħat tal-Assemblea jipprovdu materjal aktar analitiku b'fatti importanti, tendenzi, aspettazzjonijiet ippreżentati minn riċerkaturi newtrali – primarjament istituzzjonijiet akkademiċi;

— l-eżempji tajba u l-analiżijiet komparattivi b'suċċess ta' fora ta' skala simili jiġu implimentati fil-pront ([27]);

— tiġi adottata proċedura trasparenti u inklużiva għal sejħiet għal parteċipazzjoni, li tiggarantixxi taħlita xierqa ta' intraprendituri, organizzazzjonijiet tal-SMEs, intermedjarji, istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka u dawk li jfasslu l-politika mill-Istati Membri kollha ([28]);

— jinkisbu riżultati tanġibbli bbażati fuq id-diskussjonijiet u l-ħidma tal-Assemblea – eż. punti ewlenin mid-diskussjoni, listi ta' x'għandu jsir, eċċ. Kull sena jenħtieġ li jiġi prodott u jsir disponibbli rapport dwar kif ġew implimentati d-deċiżjonijiet tas-sena preċedenti;

— tiġi inkluża konsultazzjoni mal-SMEs u r-rappreżentanti tagħhom meta jiġu deċiżi l-programm u l-ambitu tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi matul l-Assemblea.

6.4. Peress li huwa tassew konvint li r-rappreżentanza żżid l-effettività tal-politiki u l-miżuri fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali u tista' tipprovdi impetu addizzjonali għad-djalogu soċjali fil-livell settorjali, il-KESE jitlob rappreżentazzjoni aħjar tal-SMEs b'investimenti f'azzjonijiet konġunti minn organizzazzjonijiet b'saħħithom u rappreżentattivi tal-SMEs u l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba.

6.5. Xi portals tal-web ta' informazzjoni tal-KE li huma importanti għall-SMEs, mhumiex tradotti fil-lingwi kollha tal-UE, u dan iqiegħed lill-SMEs fi żvantaġġ. L-istess japplika għal ħafna mill-konsultazzjonijiet pubbliċi.

6.6. Il-KESE huma mħasseb li wisq studji u stħarriġiet tal-KE jiġu esternalizzati lil konsulenti privati, li ma għandhomx għarfien profond tal-politiki dwar l-SMEs u l-effetti tagħhom peress li dawn ma jkunux f'kuntatt ta' kuljum mal-SMEs u ma jirrappreżentawhomx. Korpi xjentifiċi indipendenti u sħubijiet pubbliċi/privati f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs huma meħtieġa b'mod urġenti biex jagħtu valur miżjud reali għall-SMEs fil-livell tal-UE.

## 7. **Piż amministrattiv u regolatorju**

7.1. Meta jkunu eċċessivi, il-piżijiet regolatorji Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali jibqgħu ostaklu ewlieni għall-SMEs peress li dawn għandhom it-tendenza li ma jkunux mgħammra tajjeb biex jindirizzaw dat-tip ta' problemi. Il-KESE huwa favur it-tnaqqis tal-burokrazija u l-piżijiet fuq l-intrapriżi ż-żgħar, ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi u fuq iċ-ċittadini. Il-Kummissjoni trid tiffoka fuq il-kwalità iktar milli l-kwantità u tagħti prijorità lit-tnaqqis tal-burokrazija amministrattiva, li tidher li tiġi tradotta bħala spiża fuq l-intrapriżi, kif ukoll bħala xkiel għall-kompetittività tagħhom u ostaklu għall-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjieg. Ovvjament, dawn il-miżuri għandhom jittieħdu filwaqt li jitqiesu l-objettiv u l-għan aħħari li għalihom ġew stabbiliti obbligi. Il-KESE jinsisti li l-proċeduri ta' konformità ma jenħtieġx li jkunu għalja jew jieħdu fit-tul aktar minn dak neċessarju. Il-prinċipju ta' kunsens silenzjuż jeħtieġ li jiġi promoss fit-tfassil ta' leġislazzjonijiet fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. L-Istati Membri jeħtieġ li jiġu mħeġġa jżommu t-taxxi amministrattivi għal livell li ma jaqbiżx l-ispejjeż amministrattivi.

([27]) Pereżempju l-EuroFi Financial Forum http://www.eurofi.net/, il-Financial Services Forum Annwali, eċċ.

([28]) Ir-rappreżentazzjoni tal-SMEs bħalissa qiegħda tiġi diskussa, minħabba li "Id-dħul għall-Assemblea tal-SMEs u l-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża jsir biss bi stedina mill-KE". Dan wassal għal sitwazzjoni fejn kull sena jinġabar l-istess ċirku ta' parteċipanti, mingħajr garanzija ta' jekk dawn jirrappreżentawx lill-komunità tal-SMEs fil-pajjiżi tagħhom jew jekk dawn għandhomx il-kapaċità li jgħaddu l-messaġġi mill-Assemblea lil dik il-komunità. Is-suġġerimenti mhumiex misluta mis-suġġetti u l-aġenda tinkludi biss eżempji frammentati ta' intraprenditorija. L-Assemblea ma tiddiskutix kwistjonijiet importanti u lanqas ma tipproduċi proposti.

7.2. Il-prinċipju ta' "darba biss" u t-test tal-SMEs jenħtieġ li jiġu applikati b'mod iktar bir-reqqa u sistematiku mis-servizzi rilevanti tal-KE ([29]) u jsiru legalment vinkolanti, minħabba li bħalissa l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika hija limitata ħafna peress li titħalla għar-rieda tajba tal-Istati Membri. Dan l-isforz irid ikopri kemm il-leġislazzjoni kif ukoll il-proċeduri amministrattivi li jaffettwaw lill-SMEs (inkluż bl-introduzzjoni ta' interlokutur wieħed u obbligi ta' rapportar imnaqqsa ([30])). Il-KESE jirrimarka li filwaqt li huwa importanti li tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-informazzjoni mitluba, sabiex tiġi żgurata governanza pubblika tajba, data u informazzjoni rilevanti u essenzjali għall-istabbiliment, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki l-kontrolli u l-valutazzjonijiet tal-politiki għandhom ikunu disponibbli f'reġistri tad-data tal-gvern.

7.3. Il-KESE jistieden lill-KE tanalizza l-impenji tagħha biex tivvaluta partijiet differenti tal-leġislazzjoni u r-regolamenti, li huma pendenti jew imdewma, u tipproċedi fil-pront b'dawk li huma relatati mal-SMEs. Il-Kumitat jappella lill-KE biex tikkonsolida u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tad-direttorat speċjali għall-SMEs.

7.4. Il-KE jeħtiġilha tiżgura li l-valutazzjoni tal-impatt u l-programm REFIT jagħtu, meta applikabbli, attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-SMEs. Dan irid jiġi rifless ukoll mill-Istati Membri. L-intenzjoni ddikjarata mill-KE fir-reviżjoni tal-SBA li "tesplora […] il-possibbiltà li tistabbilixxi miri biex tnaqqas l-'esaġerazzjoni' mill-Istati Membri" trid tiġi implimentata fil-prattika ([31]), f'konformità mal-komunikazzjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti, mingħajr ma jixxekklu r-regoli dwar il-protezzjoni tal-pubbliku, il-konsumaturi u l-ħaddiema, jew standards dwar il-ġeneru u ambjentali ([32]), inkluż bit-theġġiġ lill-Istati Membri biex jagħtu responsabbiltà għall-monitoraġġ lil korp ċentrali partikolari. Dan jista' jieħu l-forma ta' servizz ta' twissija bikrija, li jimmonitorja l-koerenza tat-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex jiġu evitati leġislazzjoni b'regolamentazzjoni żejda jew piż amministrattiv mhux neċessarju. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li jenħtieġ li jkun obbligatorju għall-aġendi tar-rappreżentanti tal-SMEs li jinkludu kwistjonijiet li jkunu fl-aġenda regolatorja tal-KE.

7.5. Il-KESE jistieden lil dawk li jfasslu l-politika Ewropea u nazzjonali sabiex jiżguraw li jkun hemm skrutinju sistematiku ta' regolamenti ġodda u l-implimentazzjoni tagħhom minn rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet tan-negozju tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. It-tnaqqis ta' spejjeż u piżijiet mhux meħtieġa għandu jkun ibbażat fuq evidenza minn valutazzjoni "każ b'każ".

7.6. Peress li japprezza l-importanza kruċjali tat-trasferimenti tan-negozju għall-SMEs u b'mod speċjali n-negozji tal-familja, il-KESE jitlob miżuri fil-pront biex dawn jiġu ffaċilitati u ssemplifikati bi spiża raġonevoli.

7.7. Il-kultura ta' teħid ta' riskju trid tiġi promossa b'mod usa', inkluż bil-ħolqien ta' qafas leġislattiv tat-tieni opportunità aktar favorevoli. Proġetti bħal PRE-SOLVE u Twissija Bikrija Ewropa għandhom ikomplu jiġu żviluppati u replikati biex ikopru l-Istati Membri kollha.

## 8. **Riżorsi umani**

8.1. Filwaqt li ħafna mill-impjiegi l-ġodda fl-UE jinħolqu mill-SMEs, reċentement dawn iffaċċjaw problemi serji fl-aċċess għal forza tax-xogħol tas-sengħa, b'mod speċjali ħaddiema mgħammra minn ħiliet relatati mal-ekonomija diġitali, li huwa riżultat, fost affarijiet oħra, tal-istampa demografika li qiegħda tiddeterjora f'ħafna reġjuni f'termini ta' xejriet tal-popolazzjoni u tat-tixjiħ.

8.2. Anke f'reġjuni fejn il-popolazzjoni qiegħda tikber, huwa diffiċli għall-SMEs li jirreklutaw u jżommu forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji u burokratiċi li qed jiżdiedu tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol. L-SMEs jeħtieġu assistenza biex jidentifikaw, jattiraw u jħarrġu riżorsi umani. Huma meħtieġa riżorsi biex jappoġġjaw lill-SMEs fir-rigward tat-taħriġ dwar is-saħħa u s-sikurezza u s-servizzi ta' kura tas-saħħa għall-ħaddiema – pereżempju billi jiġu offruti tali servizzi lil raggruppament jew grupp ta' SMEs, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż u jiġu limitati l-formalitajiet tekniċi.

8.3. Il-KESE jistieden lill-KE tiżviluppa miżuri ta' sostenn li jipprovdu programmi ta' taħriġ barra l-istaġun u mfassla apposta biex tkun kwalifikata l-forza tax-xogħol tagħhom u tħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu sistemi biex joffru tali programmi fuq bażi regolari, peress li l-kumpaniji l-kbar ibatu minn proporzjonijiet għolja ta' tluq. Dawn il-miżuri se jgħinu lill-SMEs jegħlbu n-nuqqasijiet tas-suq tax-xogħol li jxekklu l-prospetti tagħhom.

([29]) http://www.eurochambres.eu/Content/Default.asp?PageID=1&DocID=7733.
([30]) COM(2011) 78 final, p. 8.
([31]) COM(2011) 78 final, p. 8.
([32]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45 (§2.9.1).

8.4. Il-KESE jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiżdied in-numru ta' apprendistati, kif ukoll li jinħolqu programmi speċjali ta' ggwidar u tutelaġġ, sabiex jittaffew il-problemi ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. Dan irid isir bl-anqas piż amministrattiv possibbli għall-SMEs.

8.5. Il-KESE jinnota li ż-żieda fl-impjiegi qiegħda sseħħ primarjament fis-settur tal-SMEs u b'mod partikolari fl-intrapriżi ta' daqs medju. Fl-istess ħin, hija ta' sfida li jinsabu modi xierqa biex tiġi pprovduta opportunità għal djalogu soċjali bejn l-impjegati u l-impjegaturi f'dawn l-intrapriżi, u biex tingħata struttura speċifika. Inizjattiva mmirata lejn il-ġbir ta' eżempji innovattivi misluta mill-aħjar prattiki ta' diversi pajjiżi tista' tikkontribwixxi għal dan.

## 9. **Intraprenditorija**

9.1. F'konformità mal-opinjonijiet preċedenti tiegħu ([33]), il-KESE jinsab imħasseb minħabba li d-data reċenti turi li "l-intraprenditorija tan-neċessità" pprevaliet fuq "l-intraprenditorija tal-opportunità", u jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jibdew ifasslu miżuri biex jaqilbu din it-tendenza ([34]), u jheġġu kultura aktar b'saħħitha ta' intraprenditorija fl-Ewropa.

9.2. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija ([35]) huwa 'l bogħod mill-implimentazzjoni. Il-KESE jqis kwalunkwe dewmien ulterjuri bħala detrimentali ferm, peress li l-ispirtu intraprenditorjali fl-Ewropa qed jaqa' lura meta mqabbel ma' partijiet oħra tad-dinja u l-miżuri fis-seħħ jipproduċu effett limitat ([36]).

9.3. Il-livell baxx ta' adattament mill-SMEs għas-suq intern diġitali fir-relazzjonijiet kummerċjali transkonfinali tagħhom huwa ta' tħassib kbir għalihom, u speċjalment għall-kumpaniji mikro. Għandhom jiġu mħeġġa jipparteċipaw taħt l-istess kundizzjonijiet tas-suq u f'sitwazzjoni ugwali mal-kummerċjanti onlajn il-kbar internazzjonali u Ewropej. L-SMEs iridu jiġu assigurati dwar id-dritt tagħhom li jagħżlu f'liema suq joperaw u dwar il-libertà kuntrattwali, sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja fit-twettiq ta' tranżazzjonijiet transkonfinali.

9.4. Il-KESE jitlob li tinħoloq klima pożittiva globali li tista' tagħti spinta lill-attività intraprenditorjali għal kulħadd, mingħajr ma tingħata attenzjoni speċjali lil gruppi speċifiċi ta' intraprendituri. Għal dan l-għan, huwa meħtieġ b'mod urġenti Pjan ta' Azzjoni għal Edukazzjoni b'Attitudni Intraprenditorjali.

9.5. Filwaqt li jenfasizza r-rwol ta' standards kulturali u soċjali, il-KESE jistieden lill-KE u lill-Istati Membri jkunu aktar innovattivi fis-sejba ta' modi kif tiġi indirizzata l-kultura ta' averżjoni għar-riskju. Il-valur tal-intraprendituri u l-kumpaniji u r-rwol kruċjali tagħhom fil-ħolqien tal-impjieg u t-tkabbir iridu jiġu promossi aħjar, inkluż bit-tfassil ta' Pilastru tad-Drittijiet tal-Intraprendituri speċjali ([37]), li jenħtieġ li jkopri l-forom kollha ta' intraprendituri u tiġi ddikjarata Sena tal-Intraprendituri. Il-KE u l-Istati Membri jeħtiġilhom itejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-intraprenditorija bħall-aċċess għal finanzjament, il-qafas regolatorju u l-edukazzjoni intraprenditorjali.

9.6. Il-KESE jistieden lill-KE tappoġġja u tippromovi servizzi u programmi konsultattivi għat-titjib tal-ġestjoni ta' negozji tradizzjonali żgħar u tal-familja, peress li kollox f'dawn il-kumpaniji huwa relatat direttament ma' dan il-fattur, kif ukoll għal tagħlim tul il-ħajja, inkluż bil-provvediment ta' għodod edukattivi onlajn f'oqsma bħall-ippjanar tan-negozju u l-istandards tal-produzzjoni, il-leġislazzjoni dwar il-konsumaturi u regolamenti oħra.

## 10. **Aċċess għas-swieq**

10.1. Xi studji juru li proporzjon żgħira ħafna ta' SMEs ([38]) tqis is-suq intern bħala s-suq domestiku tagħhom. Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-SMEs huma lokali, l-attivitajiet kummerċjali tagħhom huma dipendenti ħafna fuq ir-regolamenti dwar is-suq intern. Il-KESE jitlob li s-suq intern, kemm għal prodotti kif ukoll servizzi, jiġi approfondit, li l-ostakoli regolatorji u l-piżijiet amministrattivi jonqsu, u li jinħolqu strumenti li jappoġġjaw l-espansjoni tal-SMEs fi ħdan is-suq intern.

---

([33]) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 1.
([34]) Id-data turi li għall-ħames snin wara l-bidu tal-kriżi fl-2008, in-numru ta' SMEs żdied filwaqt li l-valur miżjud u n-numru ta' impjegati naqsu. Sett tad-Data tal-Analiżi tal-Prestazzjoni tal-SMEs tal-KE (edizzjoni tal-2014).
([35]) COM(2012) 795 final.
([36]) Studju tal-KESE dwar "Il-valutazzjoni tal-effikaċja tal-politiki tal-UE relatati mal-SMEs għall-perjodu 2007-2015".
([37]) http://www.eurochambres.eu/custom/EUROCHAMBRES_proposal_for_a_European_Pillar_of_Entrepreneurial_Rights-2016-00213-01.pdf.
([38]) Fl-Iżvezja – 6 % biss.

10.2. Il-KESE jistieden lill-KE tevalwa liema strumenti tal-SMEs fis-setturi differenti jgħinu lill-SMEs ikunu aktar attivi u involuti fil-parteċipazzjoni fin-negozjati dwar il-ftehim kummerċjali u d-difiża tal-kummerċ, u tagħmel sforz biex tippromovi ulterjorment l-aktar strumenti effettivi, u tqiegħed il-prinċipju “aħseb l-ewwel fiż-żgħir” fil-qalba tal-politika tal-kummerċ tal-UE.

10.3. Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-SMEs huma dejjem aktar importanti għall-UE u jitlob li jkun hemm azzjoni rapida sabiex tiżdied l-internazzjonalizzazzjoni tagħhom, li tippermettilhom biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li jipprovdu s-swieq barranin.

10.4. Il-KESE jistieden lill-KE tiżgura operat aħjar u aktar effettiv taċ-ċentri tal-SMEs intiżi biex jgħinu lill-SMEs jidħlu fi swieq importanti – eż. iċ-Ċina, il-Ġappun, eċċ. Dan jistieden lill-KE tiżgura kooperazzjoni aħjar u aktar effettiva bejn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs u awtoritajiet ta’ standardizzazzjoni fir-rigward ta’ standards tekniċi eżistenti u ġodda tal-UE.

10.5. Xi Stati Membri jirrapportaw prattiki kummerċjali inġusti min-naħa ta’ katini kummerċjali kbar li jimponu kundizzjonijiet ta’ kummerċ ta’ piż eċċessiv fuq l-SMEs. Din il-kwistjoni trid tiġi studjata aktar u tiġi indirizzata kif xieraq.

10.6. Il-KESE jistieden lill-KE wkoll biex iżżid l-isforzi tagħha permezz tal-programmi Ewropej u nazzjonali tagħha biex iżżid is-sehem tad-ditti żgħar għal kuntratti tal-gvern miksuba mill-akkwist pubbliku ([39]).

10.7. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-organizzazzjonijiet tal-SMEs jiġu involuti fi sħubijiet sabiex, permezz ta’ taħriġ u koordinazzjoni aħjar, dawn ikunu jistgħu jindirizzaw il-konsegwenzi ta’ diżastri naturali u mhux naturali fil-livell tal-UE.

Brussell, is-17 ta’ Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([39]) https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/strategy_en; https://www.ppact.eu/; www.sesamproject.eu; http://www.tenderio.com/.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-adozzjoni ta' approċċ komprensiv għall-politika industrijali fl-UE – titjib fl-ambjent kummerċjali u appoġġ għall-kompetittività tal-industrija Ewropea"**

**(opinjoni esploratorja)**

(2018/C 197/02)

Relatur: **Gonçalo LOBO XAVIER**

Korelatur: **Dirk BERGRATH**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Presidenza Bulgara tal-Kunsill, 5.9.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 18.12.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet) | 134/1/0 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jirrikonoxxi li strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE hija fattur ewlieni biex torjenta t-tkabbir u l-adattament rapidu tal-Istati Membri lejn xejriet ġodda u lejn mudell ekonomiku ġdid. L-industrija f'sens usa' hija kruċjali għall-ħolqien tal-impjiegi. Għaldaqstant, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw strateġija fit-tul, komprensiva u b'viżjoni globali biex jindirizzaw l-isfidi minflok approċċ ibbażat fuq rimedji għal żmien qasir u li ma jippermettux tkabbir u ħolqien tal-impjiegi b'mod aktar konkret u b'mod sostenibbli. F'dan il-kuntest ikun utli li l-Kummissjoni tfassal studju komparattiv dwar il-pjani differenti għal appoġġ tal-industrija tal-manifattura li ġew adottati reċentement fl-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Korea.

1.2. Is-servizzi tan-negozju li jespandu malajr diġà huma essenzjali fil-qasam tal-manifattura, speċjalment għall-SMEs. It-taħlita tajba ta' servizzi tan-negozju u ta' attivitajiet ta' manifattura hija fundamentali sabiex jinkisbu l-effiċjenza u l-kompetittività u jeħtieġ tkun parti minn strateġija moderna għall-politika industrijali. L-istartups għandhom jitħeġġu jiżviluppaw soluzzjonijiet li jistgħu jagħtu spinta lill-attivitajiet industrijali u jsaħħu l-kompetittività, speċjalment jekk dawn iridu jkunu sostenibbli fit-tul.

1.3. L-għan li l-industrija għandha tirrappreżenta madwar **20 % tal-PGD sal-2020** ([1]), imqabbel ma' 15,1 % fil-perjodu attwali, għandu mhux biss ikun għan politiku, iżda wkoll prijorità adattata għal perspettiva fit-tul. Il-politika Ewropea għandha tibqa' ffukata fuq din il-mira, iżda dejjem b'kont meħud tas-sitwazzjoni strutturali differenti ta' kull Stat Membru u tal-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku. Din għandha tibqa' l-prijorità għall-Kummissjoni. Id-definizzjoni ta' miri ġodda, affidabbli u li jistgħu jitkejlu tista' wkoll issaħħaħ l-impenn tal-Istati Membri u s-sensibilizzazzjoni dwar il-kontribut ta' attivitajiet industrijali għall-benessri taċ-ċittadini Ewropej.

1.4. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-għan prinċipali li ddikjara l-President Juncker biex l-industrija Ewropea ssir aktar b'saħħitha u aktar kompetittiva, filwaqt li tibqa', jew issir, mexxej dinji fl-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni. Biex dan jintlaħaq, l-Ewropa għandha bżonn strateġija fit-tul u bbażata fuq speċjalizzazzjoni intelliġenti ġenwina u fuq id-diversità strutturali u l-flessibbiltà fl-Istati Membri tagħha, u fuq l-antiċipazzjoni ta' tibdil fundamentali, rapidu u bla preċedent fl-ambjent operattiv.

([1]) COM(2017) 479 final.

1.5. Il-KESE jemmen li, biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kompetittività, jeħtieġ jiġu implimentati riformi strutturali maqbula mill-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u fuq l-aġenda jeħtieġ li jkun hemm tibdiliet tal-politika speċifiċi li jirrigwardaw l-edukazzjoni, l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, l-investiment pubbliku u privat u l-produttività. L-aħjar prattiki f'dawn l-oqsma speċifiċi għandhom jiġu kondiviżi. Il-prestazzjoni ekonomika tal-Ewropa li attwalment hija ġeneralment pożittiva tagħmel dan il-mument wieħed opportun biex dan isir.

1.6. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li l-attraenza tal-Ewropa jeħtieġ tkun prijorità għal kwalunkwe politika industrijali bbażata fuq l-innovazzjoni u l-kompetittività, u r-ripatrijazzjoni ta' xi setturi jeħtieġ tkun fuq l-aġenda. Din ir-ripatrijazzjoni jeħtieġ tkun ibbażata fuq l-assi prinċipali tal-Ewropa, bħalma huma mudell ekonomiku bbażat fuq l-għarfien, l-innovazzjoni, il-ħiliet ta' livell għoli, l-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp, u ambjent sostenibbli favur negozju li jkun konformi mal-istandards soċjali tal-UE. Dan jista' jinkiseb biss permezz ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-kumpaniji "kbar" u l-SMEs, sabiex jiġi komplut iċ-ċirku virtuż tal-innovazzjoni. Din il-kooperazzjoni trid tkun riflessa fl-allokazzjoni ta' fondi tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni u għandha tissaħħaħ taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (2014-2020). Pożizzjoni fiskali pożittva għandha tagħmilha iżjed faċli li jiġu allokati riżorsi ġodda mmirati lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija Ewropea.

1.7. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-"Jum tal-Industrija" annwali bħala mezz kif issir enfasi fuq il-prijoritajiet tal-UE u biex titqajjem kuxjenza dwar dan l-għan. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu involuti l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Jum tal-Industrija u dwar l-abbiltà tagħhom li jikkooperaw fl-indirizzar ta' din l-isfida. Għall-Ewropa huwa kruċjali li ċ-ċttadini kollha jifhmu l-qawwa tat-trademark "Made in Europe" u li kulħadd għandu rwol fl-indirizzar ta' din l-isfida. L-industrija Ewropea għandha impatt fuq is-soċjetà u dan għandu jkun ċar għaċ-ċittadini Ewropej.

1.8. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitfasslu u jiġu adottati politiki ġodda dwar il-ħiliet. L-Ewropa għandha tiffaċċja din l-isfida billi tinvolvi lill-imsieħba soċjali u 'l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex ikun żgurat ir-rispett għall-forza tax-xogħol attwali kif ukoll għad-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom, iżda jeħtieġ ukoll tqis il-ġejjieni u l-ħtieġa li tħaffef il-pass fl-adattament tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ sabiex ikunu jaqblu mal-impjiegi ġodda tal-futur.

1.9. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva l-ġdida tal-Kummissjoni biex jinħoloq qafas Ewropew għal apprendistati ta' kwalità u effettivi u li jistgħu jgħinu biex jingħeleb in-nuqqas fis-suq tax-xogħol u jipprovdu lill-kumpaniji b'forza tax-xogħol li għandha għarfien u l-ħiliet prattiċi meħtieġa [2]. Il-kwalità u l-kwantità tal-forza tax-xogħol Ewropea probabbilment hija waħda mill-isfidi l-aktar importanti għall-kompetittività tal-Ewropa, u kull Stat Membru għandu jkun impenjat f'dan il-kompitu enormi.

1.10. Il-KESE jemmen li biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni huwa kruċjali li jintlaħaq kompromess dwar ir-rispett ta' kummerċ ġust fost l-atturi globali [3]. L-Ewropa għandha tmexxi bl-eżempju u billi tinvolvi b'mod attiv reġjuni oħrajn fir-rigward tas-sostenibbiltà, ir-rispett tal-istandards soċjali Ewropej, u l-kompetizzjoni ġusta. Iżda l-Ewropa ma tistax tinjora "prattiki ħżiena" li jeżistu min-naħa ta' atturi globali oħrajn li jheddu l-valuri, il-kompetittività, l-impjiegi u l-benesseri tal-Ewropa. L-Ewropa trid tkun viġilanti u tuża l-għodod adatti sabiex tappoġġja l-valuri u l-kumpaniji industrijali tagħha. Il-kapaċità żejda, l-għajnuna mill-istat illegali u forom oħra ta' kompetizzjoni inġusta għandhom jiġu indirizzati permezz ta' regolamentazzjoni Ewropea, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli tad-WTO. Miżuri antidumping li jkunu imposti mill-Kummissjoni Ewropea huma essenzjali għal ambjent ġust għan-negozju, iżda dawn għandhom jiġu ssorveljati aħjar, ikunu aktar rapidi u aktar flessibbli sabiex jintlaħaq l-għan aħħari mingħajr ma jkollhom "effetti sekondarji" indiretti b'impatt fuq setturi industrijali differenti [4].

## 2. **Is-sitwazzjoni attwali fl-Ewropa u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni**

2.1. It-talba tal-Presidenza Bulgara li jmiss waslet ftit jiem biss qabel ma l-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli – Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE".

---

[2] COM(2017) 563 final – Qafas Ewropew għal apprendistati ta' kwalità u effettivi.

[3] F'konformità mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli nru 9 dwar l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura li ġie miftiehem mill-Istati Membri kollha tal-UE.

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/336 tas-27 ta' Frar 2017 li jimponi dazju antidumping definittiv u l-ġbir definittiv tad-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' ċerta pjanċa tqila tal-azzar mhux illigat jew azzar illigat ieħor li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina kien eżempju tajjeb ta' miżura antidumping, iżda l-effetti sekondarji għandhom jiġu mmonitorjati (http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/336/oj).

2.2. Fil-5 ta' Lulju 2017, il-Parlament Ewropew talab għall-ħolqien ta' strateġija għall-politika industrijali tal-UE li tinkludi "strateġija tal-Unjoni u pjan ta' azzjoni għal politika industrijali konsistenti u komprensiva mmirati lejn ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, b'indikaturi, miri, miżuri u skedi taż-żmien".

2.3. Jekk xejn, il-Komunikazzjoni maħruġa sussegwentement turi t-tħassib tal-Kummissjoni rigward din il-kwistjoni.

2.4. L-għan ta' din l-Opinjoni mhuwiex li tiffoka fuq il-Komunikazzjoni. Madankollu, il-punti li ġejjin ma jistgħux jiġu injorati:

— il-Komunikazzjoni tippreżenta l-industrija Ewropea bħala waħda li qed tiżviluppa skont xejra stabbli ta' tkabbir sa mill-2009. Hija kurżità għalfejn il-Kummissjoni tirreferi għall-2009, l-agħar sena tal-kriżi ekonomika. La s-sehem tal-valur miżjud tal-manifattura u lanqas l-impjieg ma reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-kriżi tal-2007, minkejja – jew preċiżament minħabba – ir-riformi strutturali u l-politiki orjentati lejn il-provvista li għadhom qed ixekklu d-domanda fil-periferija tal-Ewropa;

— huwa diffiċli li jiġi identifikat preċiżament x'hemm ġdid fl-approċċ tal-Kummissjoni. Il-Komunikazzjoni fil-parti l-kbira tinkludi r-rakkomandazzjonijiet ta' politika (tas-soltu) tal-Kummissjoni orjentati lejn il-provvista: tnaqqis tal-burokrazija, approfondiment tas-suq uniku u żvilupp tal-investiment kapitali (nifs ġdid għas-suq tat-titolizzazzjoni għall-kapital ta' riskju, FEIS, eċċ);

— minbarra s-Suq Uniku, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa ta' iktar miżuri ta' kwalifikazzjoni. Madankollu, ħlief għall-intenzjoni tagħha li testendi l-appoġġ tagħha għall-iżvilupp ta' "strateġiji ta' kompetenza nazzjonali" f'setturi oħrajn (jiġifieri l-azzar, il-karta, it-teknoloġiji ekoloġiċi u l-enerġiji rinnovabbli), fill-fatt ma titressaq ebda proposta konkreta;

— fir-rigward tal-finanzjament, il-Kummissjoni telenka l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej eżistenti, il-korpi u l-programmi ta' appoġġ (l-FSIE, l-FEIS, il-BEI, l-Orizzont 2020, eċċ.), u tinjora għal kollox il-kwistjoni kruċjali dwar kif baġit tal-UE mnaqqas wara l-Brexit se jkun jista' jappoġġja inizjattivi ta' politika industrijali;

— fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, id-diġitalizzazzjoni u l-politika kummerċjali l-Kummissjoni ssemmi ġabra ta' miżuri li diġà ttieħdu;

— bil-ħolqien ta' ekonomija ġdida bbażata fuq start-ups teknoloġiċi li jiffokaw fuq servizzi, ikun jaqbel li dawk il-kumpaniji jiġu involuti aktar fil-qasam industrijali mhux biss biex jaqdu aħjar is-setturi differenti iżda wkoll biex jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà tagħhom. (50 % tal-intraprendituri jesperjenzaw falliment fin-negozju fl-ewwel ħames snin ta' attività! ([5])).

2.5. Il-Komunikazzjoni mhijiex ġdida għal kollox ([6]). Tiġbor fiha sommarju tal-miżuri ta' politika li diġà ttieħdu, mingħajr approċċ strateġiku koerenti ġdid, kif intalab mill-PE u kif imwiegħed fit-titolu tal-Komunikazzjoni dwar "Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE". Issa huwa l-waqt biex l-Ewropa titgħallem mill-passat u tħares lejn il-futur, filwaqt li tqis l-interessi taċ-ċittadini tagħha u s-sostenibbiltà tal-mudell Ewropew.

2.6. Fil-kuntest ta' strateġija industrijali għall-Ewropa hemm bżonn ta' pjan ta' azzjoni industrijali konsistenti b'miri vinkolanti, bi skedi taż-żmien, strumenti u responsabbiltà kondiviża biex jindirizza l-erba' sfidi ewlenin tal-għaxar snin li jmiss: id-diġitalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima, il-globaliazzazzjoni u t-tibdil demografiku (b'mod partikolari, l-isfidi tal-mobilità u t-tixjiħ).

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. L-industrija Ewropea, u l-industrija madwar id-dinja, jinsabu għaddejjin minn trasformazzjoni enormi. Dan iġib miegħu sfidi kbar. L-industrija Ewropea hija fundamentali għat-tkabbir Ewropew u għall-ekonomija tal-Istati Membri. Din tirrappreżenta 80 % tal-esportazzjonijiet tal-Ewropa u ssaħħaħ l-innovazzjoni privata u pubblika u tagħti spinta għal impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet għaċ-ċittadini. Hija kruċjali wkoll għas-suq intern. L-Ewropa għadha tgawdi minn vantaġġ kompetittiv fi prodotti u servizzi b'valur miżjud għoli, u jeħtieġ tkompli hekk. Iżda jeħtieġ tieħu vantaġġ ta' dan l-assi u ssostni l-attivitajiet li joħolqu tkabbir. L-industrija tipprovdi 36 miljun impjieg dirett u tikkontribwixxi għal standards ta'

([5]) http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.int-opinions.41082 (punt 2.4).
([6]) COM(2014) 14 final.

għajxien għolja għaċ-ċittadini tagħna. Taqdi rwol importanti fl-appoġġ għat-tmexxija globali tal-Ewropa u għall-pożizzjoni internazzjonali tagħha. L-industrija Ewropea hija kruċjali biex tagħti spinta lill-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, u tagħti kontribut kbir għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir.

3.2. Il-KESE jemmen li r-rivoluzzjoni industrijali attwali hija bbażata fuq bidla drammatika u rapida fl-atturi globali, ċaqliq fundamentali fl-imġiba tal-konsumaturi u żviluppi fix-xjenza u t-teknoloġija li jbiddlu s-sitwazzjoni attwali. Dan flimkien mal-avvanz magħruf sew fid-diġitalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari, ir-robotizzazzjoni u proċessi ġodda ta' produzzjoni. Dan jimplika li l-istrateġija industrijali fit-tul għandha tkun ippreparata għal kundizzjonijiet mingħajr preċedent li jġibu magħhom eż. l-introduzzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali u saħansitra aktar l-emerġenza tal-"Industrija 5.0".

3.3. Din il-bidla fundamentali diġà qed tbiddel fundamentalment in-negozju u s-soċjetà u, għalhekk, l-industrija fl-aspetti kollha tagħha. Wieħed mill-aktar aspetti rilevanti ta' din ir-rivoluzzjoni se jkun it-trasformazzjoni tax-xogħol u l-ħiliet. Dan l-ordni industrijali ġdid ser jaffettwa ħafna mis-setturi ekonomiċi. L-Industrija 4.0 tirrikjedi x-Xogħol 4.0, bi dritt ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja. Hija biss forza tax-xogħol ikkwalifikata li se tkun tista' tirreaġixxi għal swieq li qed jinbidlu u għal postijiet tax-xogħol innovattivi.

3.4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappella lill-Kummissjoni Ewropea tfassal studju komparattiv dwar il-pjani differenti għal appoġġ tal-industrija tal-manifattura li ġew adottati reċentement fl-Istati Uniti, iċ-Ċina u l-Korea, u li dan l-istudju jkun disponibbli lilu. Analiżi kwantitattiva u kwalitattiva tar-riżorsi mobilizzati, kif ukoll tal-prijoritajiet settorjali u tematiċi, għandha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex "tiżviluppa strateġija industrijali komprensiva tal-UE, b'enfasi fuq l-2030 u lil hinn, li tinkludi objettivi strateġiċi fuq perijodu medju sa twil u indikaturi għall-industrija u li għandha tiġi akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni b'miżuri konkreti ([7])".

3.5. Il-KESE jemmen li hemm rabta diretta bejn il-programmi u l-faċilitajiet edukattivi u l-koeżjoni soċjali. Il-ħiliet u l-kwalifiki aġġornati għall-utenti tat-teknoloġija diġitali u t-taħriġ mill-ġdid għall-kisba ta' ħiliet ġodda huma kwistjonijiet ewlenin. L-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti mill-qrib fl-iżvilupp ta' kurrikula għal kull livell u forma ta' edukazzjoni. Atturi globali oħrajn barra l-Ewropa – jiġifieri l-Istati Uniti tal-Amerika ("America First"), iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Indja u l-Korea – diġà qed jieħdu miżuri biex jindirizzaw dawn l-isfidi u huwa kruċjali li jittieħed approċċ ġdid għall-ħiliet.

3.6. Bl-istess mod, l-istrateġija "Make in India" għandha l-għan li tipprepara l-pajjiż biex isir "id-destinazzjoni tal-manifattura li jmiss". Dan il-proċess jikkonċerna mhux biss it-teknoloġija, iżda wkoll, u b'importanza akbar, il-ħiliet. Huwa interessanti li wieħed jinnota li r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina diġà qed tħejji programm immexxi mill-Istat intitolat "Made in China 2025", ibbażat fuq l-Industrie 4.0 tal-Ġermanja u xejriet oħra Ewropej. Dan ifisser li l-Ewropa qiegħda għal darb'oħra tmexxi din il-bidla. Iżda t-tmexxija tal-proċess jaf ma tkunx biżżejjed. Fl-istess ħin jeħtieġ inkunu konxji tal-isfidi futuri u kif għandna nadattaw sabiex jintlaħaq progress fit-tmexxija tal-Ewropa u tiġi konsolidata, b'riżultati u tkabbir għal kulħadd.

3.7. Il-kompetittività industrijali tal-Ewropa jeħtieġ tinħass globalment minkejja d-differenzi bejn l-Istati Membri. Diversi studji juru li hemm diviżjoni ċara bejn "Stati Membri li jinsabu fuq quddiem fit-tmexxija fil-kompetittività" (10), "Stati Membri li jsegwu warajhom" (7) u "Stati Membri li qegħdin fi proċess biex ilaħħqu fil-kompetittività" (11) ([8]).

3.8. Dan ifisser li l-politiki tal-UE li oriġinarjament huma bbażati fuq il-konverġenza ma jieħdux kunsiderazzjoni biżżejjed tal-approfondiment fid-diverġenza bejn l-Istati Membri: soluzzjoni waħda mhijiex tajba għal kulħadd u dan jeħtieġ jiġi indirizzat b'kuraġġ u dejjem bil-ħsieb tal-prinċipju ta' tkabbir għal kulħadd. Ir-rabta bejn il-kompetittività, il-konverġenza u l-koeżjoni jeħtieġ tiġi stabbilita mill-ġdid.

3.9. Dan jista' jiġi applikat ukoll għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni. Huwa importanti ħafna li jiżdied u tal-inqas jinżamm l-investiment f'dawn l-attivitajiet, iżda dejjem b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni speċifika f'kull Stat Membru. Il-politika Ewropea għandha tieħu kont tad-diversità strutturali ġewwa l-Unjoni, anke fir-rigward tal-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni ([9]).

([7]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-30 ta' Novembru-1 ta' Diċembru 2017.
([8]) Factors for Growth – Priorities for competitiveness, convergence and cohesion in the EU; Lighthouse Europe.
([9]) Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar l-evalwazzjoni interim tal-Orizzont 2020 (INT/807).

3.10. Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet tax-xogħol bħala *sine qua non* ta' reindustrijalizzazzjoni komprensiva.

## 4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. *Il-kummerċ u l-globalizzazzjoni (inkluż l-internazzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-kumpaniji)*

4.1.1. Ma hemmx dubju li s-suq intern huwa kruċjali għat-tkabbir tal-Ewropa, u jeħtieġ joffri ambjent ġust għall-ħolqien, it-tnedija, l-iżvilupp u ż-żamma tan-negozji. Huwa importanti ħafna li jinħolqu l-kundizzjonijiet tajbin għall-operat fiż-żona tal-UE. Naturalment, ma rridux ninsew il-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja u l-bżonn ta' interazzjoni ma' reġjuni ekonomiċi oħrajn. Il-ftehimiet kummerċjali reċenti ma' ekonomiji oħrajn u n-negozjati ma' msieħba oħrajn possibbli jeħtieġ li jkunu orjentati lejn il-futur u jitqiesu bħala opportunità għat-tkabbir u għall-iżvilupp tal-industrija. Iżda fl-istess ħin, l-Ewropa ma tistax tinjora ċerti prattiki inġusti f'reġjuni ekonomiċi oħrajn tad-dinja u jeħtieġ li tirreaġixxi b'mod qawwi għal din l-azzjoni.

4.1.2. L-istandards soċjali Ewropej għandhom jibqgħu fil-qalba ta' kull politika, u minkejja li l-Ewropa ma tistax timponi dawn l-istandards fuq id-dinja, jeħtieġ jittieħdu miżuri sabiex tiddefendihom u biex madwar id-dinja toħloq kultura ta' responsabbiltà soċjali korporattiva "bi tmexxija bl-eżempju" u f'mod ta' ħbiberija.

4.2. *Enerġija u industrija sostenibbli bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari*

4.2.1. L-Ewropa għandha tkompli tinvesti kontinwament f'industrija sostenibbli li tkun aċċettabbli għaċ-ċittadini. Soċjetà li tista' tnaqqas il-piż tagħha fuq in-natura billi tiżgura li r-riżorsi jibqgħu jintużaw għall-itwal żmien possibbli hija waħda mħejjija aħjar. Il-kunċett tal-ekonomija ċirkolari għandu jkun fil-qalba ta' kull politika industrijali sabiex jinħolqu prodotti ġodda permezz tal-irkupru, l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ f'ambjent sostenibbli.

4.2.2. L-użu ta' enerġija alternattiva u ekoloġika huwa prijorità aktar minn qatt qabel ([10]). Iċ-ċittadini għandhom ikunu konxji ta' dawn l-attivitajiet li joħolqu l-impjiegi u jippermettu li l-industrija Ewropea tal-manifattura tkun fuq quddiem f'ħafna oqsma ta' trasferiment tal-għarfien. Din l-"industrija" partikolari turi l-kapaċità tal-Ewropa li tikkombina l-għarfien miġbur mill-qasam akkademiku u istituzzjonijiet oħrajn u mis-sistema tal-manifattura.

4.2.3. Minflok ma tiffoka biss fuq miżuri domestiċi, l-UE għandha timmira lejn kundizzjonijiet favorevoli għall-industriji tal-UE biex jesportaw teknoloġiji, prodotti u soluzzjonijiet, u b'hekk jikkontribwixxu biex jindirizzaw l-isfidi globali dwar il-klima u r-riżorsi naturali bl-aktar mod effiċjenti.

4.3. *Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni*

4.3.1. Il-proġetti Ewropej tar-riċerka u l-iżvilupp għandhom jingħataw spinta bil-fondi pubbliċi u jiġu koordinati ma' inizjattivi interni fl-Istati Membri. Iż-żieda fil-livell ta' investiment fl-attivitajiet tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'kull Stat Membru għandha tkun prijorità. Barra minn hekk, il-KESE jappella (mill-ġdid) għas-simplifikazzjoni tal-proċessi għall-aċċess għall-fondi tal-UE għall-innovazzjoni ([11]).

4.3.2. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li l-ekosistema tal-innovazzjoni fil-fatt tibbenefika mill-investiment tal-UE f'"kumpaniji kbar" u tagħti spinta lill-parteċipazzjoni tal-SMEs. Iċ-ċirku virtuż tal-innovazzjoni huwa possibbli biss meta l-investiment ta' kumpaniji kbar jitlaqqa' flimkien mat-tfittxija għal soluzzjonijiet min-naħa tal-SMEs. F'dan il-qasam, il-proġetti Ewropej bħal COSME għandu jkollhom aktar viżibilità fl-Istati Membri sabiex tinbidel in-narrattiva fost iċ-ċittadini.

([10]) Ir-riżultati reċenti dwar il-prestazzjoni tal-"enerġija mir-riħ" (https://windeurope.org/about-wind/daily-wind/: il-Ħamis, 23 ta' Novembru 2017, 19,2 % tad-domanda tal-Ewropa għall-elettriku kienet koperta mill-enerġija mir-riħ. It-tliet pajjiżi fuq quddiem: fid-Danimarka 93 %, fil-Ġermanja 47 % u fil-Portugall 46 %) juru li huwa possibbli li tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija.

([11]) Xi stimi indikattivi juru investiment taħt il-programm Orizzont 2020 ta' EUR 74,8 biljun, inkluż EUR 16,4 biljun għat-tmexxija industrijali. Taħt il-QFP attwali, il-finanzjament mill-Fondi Strutturali għar-riċerka u l-innovazzjoni jammota għal EUR 43,7 biljun; iċ-ċifra għall-kompetittività għall-SMEs hija EUR 63,7 biljun, u dik għall-ekonomija b'livell baxx ta' użu tal-karbonju hija EUR 44,8 biljun. Xi aħbarijiet dwar il-proġett Made in China jindikaw investiment tal-istat li jammonta għal USD 1,5 biljun.

4.3.3. Barra minn hekk, il-KESE jappella biex ir-Riċerka u l-Innovazzjoni Responsabbli (RRI) tissaħħaħ. Dan huwa approċċ olistiku stabbilit taħt l-Orizzont 2020 li jinvolvi l-parteċipazzjoni tal-atturi kollha (mill-komunità tar-riċerka sal-istituzzjonijiet u l-gvernijiet) permezz ta' metodoloġiji inklużivi u parteċipattivi.

4.3.4. Il-KESE ma jinsiex – u jiġbed attenzjoni partikolari għal – l-aktar żviluppi teknoloġiċi reċenti li jirriżultaw minn avvanzi fir-riċerka u fl-implimentazzjoni ta' sejbiet fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (AI). F'dan ir-rigward, il-KESE jiġbed l-attenzjoni lejn l-impatt u l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tagħha fir-rigward ta' mhux biss il-proċessi tal-produzzjoni industrijali iżda wkoll fuq ix-xogħol u, b'mod ġenerali, fuq il-mod kif in-nies jgħixu llum.

4.4. *Brexit*

4.4.1. L-impatt tal-Brexit fuq setturi differenti se jvarja skont il-ftehim aħħari nnegozjat bejn ir-Renju Unit u l-UE-27. Xi setturi aktarx li se jkun aktar sensittivi għall-impatt tal-Brexit, oħrajn anqas. Madankollu, l-esponiment tas-setturi individwali mgħandux jiġi analizzat b'mod separat minħabba li hemm interkonnessjoni kbira bejn is-setturi li tista' tamplifika l-impatt individwali għal kull wieħed. Il-problemi li taffaċċja l-manifattura tal-ikel u x-xorb se tħalli impatt fuq il-lukandi u r-ristoranti, pereżempju, filwaqt li l-ostakli għall-industrija tal-metalli ser jolqtu lill-industrija tal-manifattura tal-karozzi.

4.4.2. Żewġ aspetti jidhru li huma ta' importanza partikolari: l-aċċess għas-suq u l-aċċess għax-xogħol fuq iż-żewġ naħat. Filwaqt li l-aċċess tar-Renju Unit għax-xogħol fl-UE għandu t-tendenza li jkun ġeneralment simili f'bosta setturi, l-importanza relattiva tal-esportazzjonijiet lejn l-UE tvarja b'mod sinifikanti, b'uħud mill-ikbar setturi bħall-kostruzzjoni u l-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut li huma iktar ffokati fuq l-aspett domestiku.

4.4.3. Għall-KESE, huwa essenzjali li tiġi protetta l-integrità tas-suq uniku. Barra minn hekk, huwa importanti li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

## 5. **Pjan ta' Investiment**

5.1. L-investiment għandu rwol ewlieni fil-kuntest tal-era industrijali ġdida. Il-KESE jemmen li jistgħu jittieħdu għadd ta' miżuri biex itejbu l-effettività tal-investiment u biex il-kumpaniji industrijali jilħqu dimensjoni oħra:

— l-estensjoni tal-investiment pubbliku: marġni ta' manuvra fiskali għall-Istati Membri, tnaqqis tal-kriterji tad-dejn għal investiment pubbliku ("regola tad-deheb"); żieda fil-baġit tal-UE għal proċessi ta' trasformazzjoni industrijali, investiment f'infrastruttura (trans-)Ewropea sostenibbli;

— it-tisħiħ tal-investiment privat: titħeġġeġ l-attività ta' investiment tal-Bank Ewropew tal-Investiment, jitwaqqfu programmi ġodda ta' finanzjament minn banek nazzjonali u jissaħħu dawk eżistenti. L-għan huwa li l-SMEs jingħataw qafas ta' finanzjament sigur u fit-tul, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċessi ta' trasformazzjoni kumplessi;

— l-appoġġ tal-istrateġija tal-finanzjament sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li se jiffaċilita l-investiment fit-tul billi flussi privati ta' kapitali jiġu diretti lejn investimenti sostenibbli. B'rabta ma' dan, il-Kumitat jenfasizza l-importanza tar-rapport finali li ġej tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Sostenibbli u l-pjan ta' azzjoni sussegwenti.

5.2. L-allokazzjoni ta' finanzjament tal-UE jeħtieġ tiffoka fuq il-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp tal-politika industrijali, u b'mod partikolari tkun ta' valur miżjud għall-UE (tnaqqis tas-$CO_2$, effiċjenza fl-enerġija, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, diġitalizzazzjoni, eċċ.), u konnessa mal-kriterji soċjali u l-valutazzjoni komparattiva tal-UE.

5.3. Dawn l-għanijiet tas-sostenibbiltà huma fundamentali għall-industrija Ewropea u għat-tmexxija tagħha. Madankollu, dawn l-għanijiet jeħtieġu qafas ta' investiment adatt għall-SMEs li jippermettilhom jibqgħu kompetittivi.

5.4. Il-KESE jqis ukoll li għandha tiġi analizzata l-possibbiltà li l-Istati Membri jinkludu kriterji tal-akkwist soċjali u reġjonali fil-prattiki tal-akkwist tagħhom (il-kunċett ta' "kontenut tajjeb").

5.5. Fl-aħħar nett, jipproponi wkoll reviżjoni tas-sistema tat-tassazzjoni korporattiva bil-għan li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' evażjoni tat-taxxa u ta' kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa.

Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

## 531 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIL-17 U T-18 TA' JANNAR 2018

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2018"**

*[COM(2017) 453 final]*

(2018/C 197/03)

Relatur uniku: **Juan MENDOZA CASTRO**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 9.10.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni | 18.12.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 195/1/0 |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir il-programm ta' standardizzazzjoni għall-2018, b'mod partikolari l-azzjonijiet soċjali u ambjentali, iżda jirrakkomanda li f'verżjonijiet futuri għandu jiġi inkluż sommarju dwar il-konformità mal-programmi preċedenti.

1.2. Jirrakkomanda li l-azzjonijiet kollha fil-qasam tal-ICT jiġu inklużi f'dokument uniku.

1.3. Iħeġġeġ lill-Kumissjoni biex toqgħod attenta sabiex tevita l-abbuż possibbli ta' regoli tal-privattivi u standards magħluqin.

1.4. Il-Kumitat jenfasizza r-rwol tal-Kummissjoni fis-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni, li huwa essenzjali għall-iżvilupp tas-suq intern u li tpoġġi lill-UE bħala mexxeja globali f'dan il-qasam.

1.5. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm riżorsi baġitarji adatti u l-persunal meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

1.6. Jinsisti li għandu jsir segwitu dettaljat għall-isforzi li jsiru mill-atturi ewlenin tal-istandardizzazzjoni. Bħala prijorità, il-KESE jista' joħloq forum ad hoc dwar l-inklużività tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni.

1.7. Il-Kumitat jikkunsidra li b'mod ġenerali s-27 azzjoni ppjanati għall-2018 huma adatto iżda jenfasizza l-aspetti li ġejjin:

— Is-Suq Uniku Diġitali (DSM): Il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu għax l-istandards "de facto" madwar id-dinja spiss jiġu xprunati minn industriji kbar mhux tal-UE b'konsegwenzi negattivi;

— Standards ġodda dwar l-etanol: il-KESE jirrakkomanda ħafna li jiġi kkunsidrat il-ħarsien tal-ambjent;

— Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir b'mod speċjali d-diversi azzjonijiet mmirati biex itejbu konsiderevolment is-saħħa tal-ambjent u tal-bniedem;

— Standards dwar apparat mediku: il-KESE jissuġġerixxi li l-kosteffettività għandha tiġi kkunsidrata wkoll;

— Armonizzazzjoni ta' kriterji dwar l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport: il-KESE jenfasizza l-progress limitat li sar sa mill-ewwel passi fl-1995.

1.8. Il-KESE jappoġġja lill-Kummissjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali iżda jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li numru dejjem jikber ta' standards issa qed jiġu elaborati f'livell internazzjonali mingħajr kontribut Ewropew koordinat.

1.9. Il-KESE jirrakkomanda li l-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni (ESOs) għandhom jissimplifikaw il-proċeduri għall-organizzazzjonijiet tal-Anness III sabiex jaċċessaw il-proċess ta' abbozzar ta' standards u bħala tali "inaqqsu l-ostaklu" għal parteċipazzjoni effettiva.

1.10. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-azzjonijiet differenti tal-Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni (JIS) iżda wkoll jipproponi li jiġu kkunsidrati l-effetti *indiretti* tal-attivitajiet li jistabbilixxu l-istandards dwar kwistjonijiet bħall-ispustjar tal-impjiegi, l-inklużività tas-soċjetà, l-edukazzjoni u t-taħriġ, eċċ.

## 2. **Il-proposti tal-Kummissjoni**

2.1. Il-pjan ta' ħidma annwali tal-UE jindirizza u jirrifletti l-isfidi u l-kunsiderazzjonijiet dwar il-privattivi essenzjali għall-istandards, l-standardizzazzjoni tal-ICT, id-dimensjoni internazzjonali tal-istandardizzazzjoni u l-vetturi awtomatizzati.

2.2. Il-pjan jirrifletti wkoll l-Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni ta' Ġunju 2016 ([1]).

2.3. Hemm stabbiliti azzjonijiet bħala appoġġ tal-prijoritajiet strateġiċi li ġejjin li għandhom l-għan li jappoġġjaw inizjattivi rilevanti fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017 u l-ħtiġijiet ta' standardizzazzjoni għall-2018 li jirriżultaw minn dawn l-inizjattivi:

— L-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali (DSM);

— L-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija;

— L-Istrateġija Ewropea dwar l-Ispazju;

— Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari;

— Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża;

— Suq intern aktar profond u aktar ġust b'bażi industrijali msaħħa.

2.4. Il-Kummissjoni ser torganizza taħriġ interistituzzjonali biex issaħħaħ il-fehim tal-leġislaturi u tal-koleġislaturi dwar l-użu ta' standards fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politiki.

2.5. Jistieden ukoll lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex iżommu u jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiffaċilitaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tal-Anness III u tal-partijiet interessati kollha, b'attenzjoni speċifika fuq ir-regoli u l-proċeduri interni tagħhom, u fuq il-ħidma fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fi ħdan l-ISO u l-IEC.

([1]) COM(2015) 550 final.

## 3. **Kummenti Ġenerali**

3.1. Il-KESE jilqa’ bi pjaċir il-programm ta’ ħidma annwali għall-2018 ippreżentat mill-Kummissjoni, li jkopri temi soċjali u ambjentali ewlenin, inkluż is-suġġetti importanti tal-ekonomija ċirkolari, it-tibdil fil-klima u l-enerġiji nodfa. Madankollu, huwa jinnota, li f’verżjonijiet futuri għandu jiġi inkluż sommarju li jispjega kemm inkiseb mill-programmi annwali preċedenti.

3.2. Hemm ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-pjattaformi u l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni fil-qasam tal-ICT sabiex jiġu evitatu d-duplikazzjoni tal-isforzi u nuqqas possibbli ta’ koordinazzjoni. L-azzjonijiet kollha ta’ standardizzazzjoni f’dan il-qasam għandhom jiġu inkorporati f’dokument uniku.

3.3. Standards miftuħin huma importanti għal żvilupp industrijali u teknoloġiku fl-UE. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipprevjeni l-użu li jkun abbużiv u kuntrarju għall-prinċipji tal-kompetizzjoni tar-regoli tal-privattivi u tal-istandards b’sors magħluq. F’każ ta’ privattivi essenzjali għall-istandards, aħna nappoġġjaw il-prinċipji ta’ liċenzji ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND).

3.4. Il-mudell ta’ standardizzazzjoni jpoġġi lill-UE bħala mexxeja globali. Il-KESE jenfasizza l-ħidma tal-Kummissjoni f’dan il-qasam. L-uniformità u l-konsistenza tal-korp ta’ standards Ewropej jiġu żgurati permezz tal-prinċipju sottostanti ta’ “standard wieħed, test wieħed – aċċettat madwar l-Ewropa”. Dan jipprovdi lin-negozji b’sigurtà tal-investiment, kif ukoll sigurtà legali u finanzjarja.

3.5. Minħabba n-natura speċifika u l-importanza tas-Sistema Ewropea ta’ Standardizzazzjoni (ESS) għall-industrija, l-SMEs, il-konsumaturi u l-ħaddiema, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm riżorsi baġitarji u persunal sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

3.6. Il-Kumitat jitlob li jsir monitoraġġ mill-qrib tal-isforzi tal-atturi ewlenin tal-istandardizzazzjoni, sabiex tissaħħaħ l-inklużività tal-ESS. Bħala prijorità, il-KESE jista’ joħloq forum ad hoc dwar l-inklużività tal-ESS. Dan il-korp ikun inkarigat mill-organizzazzjoni ta’ seduta pubblika annwali bil-għan li jiġi evalwat il-progress f’dan ir-rigward.

3.7. Minħabba n-nuqqas ta’ rispons sodisfaċenti attwalment dwar il-konklużjoni tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-kawża James Elliott ([2]), li għall-ewwel darba tirrikonoxxi li l-istandards Ewropej huma parti tal-liġijiet tal-UE, il-KESE jisħaq dwar l-importanza li l-Kummissjoni teżerċita s-setgħa ta’ kontroll neċessarja fir-rigward tal-ħidma tal-istandardizzazzjoni f’kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn, u jitlob li ssir diskussjoni interistituzzjonali dwar din il-kwistjoni.

3.8. Il-KESE jissuġġerixxi li l-KE teżamina l-proċess ta’ konsultazzjoni tal-abbozz preliminari tal-Programm ta’ Ħidma Annwali tal-Unjoni, għaliex hija ma pprovdiet l-ebda prospettiva strateġika, l-ebda struttura, l-ebda kuntest, u l-ebda spjegazzjoni dwar ir-raġunament għall-proposti mressqa.

## 4. **Kummenti dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-2018**

### ***Spinta ġdida għall-impjiegi, għat-tkabbir u għall-investiment***

4.1. *Stabbiliment ta’ regoli standardizzati għall-manifattura tal-fertilizzanti (inklużi dawk organiċi)* ([3])

Il-Kumitat diġà osserva li xi definizzjonijiet u standards dwar fertilizzanti li joriġinaw minn materja prima sekondarja mhumiex ċari. Sabiex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid, il-KESE jirrakkomanda integrazzjoni u armonizzazzjoni profondi mad-Direttiva eżistenti dwar l-Iskart ([4]) u jfakkar ukoll fl-importanza tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-każ tal-fertilizzanti.

### ***Suq Uniku Diġitali (DSM)***

4.2. *It-titjib tal-kwalità tas-servizzi tal-mowbajl fissi u bla fili* ([5])

4.2.1. L-istandardizzazzjoni għandha rwol ta’ importanza assoluta f’dan il-qasam u tevita l-frammentazzjoni tas-suq li tista’ tipproduċi prattiki antikompetittivi ([6]).

---

([2]) C-613/14 – James Elliott Construction.
([3]) COM(2016) 157 final.
([4]) ĠU L 389, 21.10.2016, p. 80.
([5]) COM (2016) 176 final.
([6]) BEREC (Korp ta’ Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi) Report on Enabling the Internet of Things, 12.2.2016.

4.2.2. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-Kummissjoni dwar l-istrateġija DSM iżda jixtieq jindika li din għandha konsegwenzi importanti għall-organizzazzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew peress li numru dejjem jikber ta' "ħaddiema tal-crowd" qed jaħdmu għal pjattaformi f'relazzjonijiet tax-xogħol li spiss ikunu għal perjodu qasir u jkunu "volatili".

4.2.3. Id-diġitalizzazzjoni tal-industrija hija xejra madwar id-dinja li se tkompli tiżdied fil-ftit snin li ġejjin. L-istandards tal-ICT huma essenzjali fl-iżvilupp ta' teknoloġiji diġitali fost bosta setturi industrijali. Madankollu standards "de facto" madwar id-dinja jiġu xprunati minn industriji kbar mhux tal-UE.

4.2.4. L-iżvilupp ta' standards nazzjonali, Ewropej jew internazzjonali mill-Korpi ta' Standardizzazzjoni uffiċjali (CEN, CENELEC, ETSI) jieħu wisq żmien għat-teknoloġija diġitali li qed tinbidel b'mod rapidu. Għalhekk in-negozji jiżviluppaw l-istandards tagħhom stess – fi żmien ħafna iqsar u bir-regoli tagħhom stess.

4.2.5. Hemm riskju li l-iżvilupp tal-istandards isir mhux trasparenti u esklużiv.

4.3. *L-istabbiliment ta' regoli li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' teknoloġija 5G fil-medda ta' 26 GHz (24,25-27,50 GHz) u f'meded oħra b'tul tal-mewġa ogħla* ([7])

Il-KESE jikkunsidra li din l-azzjoni hija essenzjali sabiex tinżamm it-tmexxija tal-UE fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji 5G.

4.4. *L-istabbiliment ta' standards komuni għat-titjib ta' sistemi ta' komunikazzjoni bir-radju, ta' skambju ta' data dwar il-passiġġieri u skedi ta' żmien u sigurtà tal-IT* ([8])

Il-KESE jissuġġerixxi li għandhom jiġu normalizzati wkoll tibdiliet teknoloġiċi u mudelli ta' negozju ġodda li joħorġu mit-turiżmu; bl-istess mod li l-iżvilupp ta' servizzi intelliġenti ta' biljetti u ta' informazzjoni integrati għandhom jiġu promossi.

4.5. *L-interoperabbiltà u l-iskambju ta' data bejn l-operaturi sabiex jiġu inkoraġġiti aktar servizzi effiċjenti tat-trasport u tal-loġistika* ([9])

Il-Kummissjoni tipproponi "azzjoni anċillari" dwar l-istabbiliment tal-istandards. Madankollu, huwa importanti li wieħed jiftakar l-isfidi l-kbar quddiemna f'din l-industrija minħabba s-sitwazzjoni preżenti: "sottomissjoni ta' data repetuta f'sistemi differenti minħabba taħlita ta' standards mhux interoperabbli; nuqqas ta' sistemi interkonnessi u fiduċja insuffiċjenti fil-protezzjoni ta' data sensittivi; dokumenti tat-trasport elettroniċi li ma jiġux rikonoxxuti mill-awtoritajiet, mill-banek u mill-kumpaniji tal-assigurazzjoni; nuqqas ta' massa kritika ta' partijiet ikkonċernati li jikkondividu d-data u jesploraw opportunitajiet ta' negozju ġodda" ([10]).

***Unjoni tal-enerġija b'saħħitha u b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem***

4.6. *Il-ħolqien ta' sensuri u metodi ta' kejl ġodda għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali* ([11])*; Il-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' ammonijaka (*$HN_3$*), kloru u diossidu tal-kloru fl-atmosfera u l-emissjonijiet tal-fluworur tal-idroġenu (jew l-emissjonijiet totali ta' fluworuri gassużi) minn setturi industrijali* ([12])*; Il-protezzjoni tas-saħħa kontra idrokarburi aromatiċi poliċikliċi* ([13])

Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir it-titjib propost, li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tas-saħħa ambjentali u tal-bniedem. L-esponiment tal-popolazzjoni ġenerali għall-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs), li ħafna minnhom huma karċinoġeni magħrufa, ilu li ġie rikonoxxut bħala kwistjoni ta' tħassib u hemm diversi biċċiet ta' leġislazzjoni tal-UE li diġà jillimitaw il-preżenza ta' dawn is-sustanzi f'ċerti prodotti tal-ikel, fl-ilma u fl-arja tal-ambjent.

(7) Direttiva 2014/53/UE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).
(8) Direttiva (UE) 2016/797 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).
(9) COM(2011) 144 final, COM(2009) 8 final, COM(2013) 913 final, SWD(2013) 524 final, C(2015) 2259 final.
(10) Ara l-Forum dwar it-Trasport Diġitali u l-Loġistika – Sfond, 2015.
(11) Direttiva 2008/50/KE (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1); Direttiva 2004/107/KE (ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3).
(12) Direttiva 2010/75/UE (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).
(13) Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

4.7. *L-ekodisinn: tnaqqis fil-konsum ta' bosta prodotti (kompjuters, eċċ.)* ([14]); *tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika ta' sistemi ċentralizzati* ([15]); *infrastruttura ekoloġika* ([16])

Il-KESE jenfasizza r-reżiljenza ta' infrastruttura tal-UE importanti fil-konfront tal-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima, u r-rispons bil-mod mis-sistema ta' standardizzazzjoni għal din il-kwistjoni importanti. L-istandards jistgħu jżidu l-iżvilupp tal-Infrastruttura Ekoloġika, filwaqt li jikkontribwixxu għal effiċjenza mtejba fir-riżorsi fis-settur tal-bini u għal reżiljenza aħjar għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

4.8. *L-iżvilupp ta' standards għal taħlita ta' 20/25 % etanol fil-petrol (issa 10 %)* ([17])

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tipprovdi lis-CEN b'mandat dwar din il-kwistjoni, il-KESE jirrakkomanda ħafna l-kunsiderazzjoni ta': l-impatti ekoloġiċi ta' tħawwil ta' għelejjel monokulturali; il-ħsara lill-ilma u 'l-ħamrija mill-applikazzjoni ta' pestiċidi u fertilizzanti; l-erożjoni tal-ħamrija; il-lixxivjazzjoni tan-nutrijenti; iż-żieda fl-użu ta' riżorsi ta' ilma ħelu; it-telfien tal-bijodiversità u l-abitat tal-fawna selvaġġa ([18]).

4.9. *L-armonizzazzjoni ta' kriterji dwar l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport* ([19])

Skont il-KESE, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti aktar speċifiċi dwar din l-azzjoni, li b'mod ċar huma meħtieġa. Ta' min jinnota li l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport ittieħed fl-1995 ([20]).

***Suq intern***

4.10. *It-tisħiħ tar-rwol tal-Kumitat Ewropew għall-Istandards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI)* ([21])

Minħabba n-numru kbir ta' rekwiżiti attwali dwar it-trasport marittimu fuq distanzi qosra, hija meħtieġa azzjoni ([22]), iżda l-KESE jikkunsidra li l-proposta għandha tkun aktar preċiża.

4.11. *Pjan direzzjonali għal standardizzazzjoni downstream tas-Sistema Globali Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita (EGNSS), u l-implimentazzjoni ta' pjan direzzjonali u ż-żieda fl-interoperabbiltà tas-servizzi Galileo mas-suq tal-avjazzjoni* ([23])

Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ din il-proposta, filwaqt li jinnota li s-suq globali għal prodotti u servizzi bbażati fuq il-GNSS – imsejjaħ suq "downstream" – fl-2013 kellu valur ta' EUR 200 biljun ([24]).

4.12. *L-Akkwist Elettroniku* ([25])

L-armonizzazzjoni hija pass ewlieni lejn id-demokratizzazzjoni ta' suq li huwa maħsub li jkun trasparenti u aċċessibbli, bl-għan li l-fondi pubbliċi jiġu skjerati b'mod estensiv. Fl-istess ħin, huwa importanti li l-ispejjeż jinżammu baxxi kemm jista' jkun meta jinħolqu, jiġu aġġustati jew jinżammu l-pjattaformi eżistenti. Għalhekk, l-istandardizzazzjoni hija ta' importanza fundamentali ([26]).

4.13. *L-iżvilupp ta' standards għall-printers u apparat ieħor* ([27])

Il-KESE jaqbel dwar il-ħtieġa għal Standards Armonizzati ġodda peress li l-konsumaturi jistennew li prodotti ġodda u innovattivi bħal printers 3D, robots u vetturi awtonomi jkunu siguri daqs prodotti aktar tradizzjonali. Huwa fundamentali li l-prodotti ġodda ma joħolqux riskju għas-sikurezza tal-konsumatur.

([14]) Direttiva 2009/125/KE (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).
([15]) Direttiva 2009/28/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).
COM (2016) 767 final.
([16]) COM(2013) 249 final; COM(2013) 216 final; COM(2014) 445 final.
([17]) Direttiva 2009/28/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).
([18]) Proġett: Biofuel Marketplace. Mejju 2006.
([19]) Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).
([20]) COM(95) 302 final.
([21]) Direttiva (UE) 2016/1629 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).
([22]) European Standard laying down Technical Requirements for Inland Navigation vessels. Edition 2015/1.
([23]) COM(2016) 705 final.
([24]) Galileo Services Position Paper on the main priorities of the Horizon 2020 Space Work Programme 2018-2020.
([25]) COM(2013) 453 final; Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (2017/24/UE); COM(2015) 0192 final.
([26]) ĠU C 67, 6.3.2014, p. 96.
([27]) Direttiva 2006/42/KE, Direttiva 95/16/KE (riformulazzjoni) (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).

4.14. *L-aġġornament ta' rekwiżiti dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni għal apparat mediku* ([28])

Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li r-Regolament il-ġdid *"isaħħaħ ir-rekwiżiti dwar is-sikurezza u l-prestazzjoni għall-apparat mediku, biex jinżamm il-pass mal-progress teknoloġiku u xjentifiku"*. Dan huwa l-objettiv ewlieni, iżda minħabba li t-teknoloġija hija x-xprun primarju ta' nefqa fuq il-kura tas-saħħa li qed tiżdied b'mod rapidu, il-KESE jissuġġerixxi li l-kosteffettività għandha tiġi kkunsidrata wkoll.

4.15. *L-aġġornament ta' rekwiżiti dwar is-sikurezza u l-iġjene għal prodotti ta' kostruzzjoni f'kuntatt ma' ilma tax-xorb* ([29])

Il-KESE jiddispjaċih li, anke wara għaxar snin ta' diskussjoni, l-istandards Ewropej għadhom ma ġewx żviluppati f'dan il-qasam. Id-deċiżjoni li jiġi mmodifikat il-mandat attwali (M/136) ([30]) tobbliga lill-korpi ta' standardizzazzjoni biex jipprovdu r-riżultati inizjali sal-aħħar tal-2018.

4.16. *Xogħol ta' appoġġ dwar ir-rekwiżiti essenzjali għal sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAS)* ([31])

Il-KESE jinnota li kien hemm żieda fid-dibattitu pubbliku dwar l-użu ta' teknoloġija ta' vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord għar-rikreazzjoni u l-kummerċ, inklużi s-sikurezza u r-riskji ta' sigurtà tagħha. L-istandards internazzjonali huma kritiċi dwar il-ħolqien tas-suq kummerċjali globali. Huwa essenzjali li dawn l-istandards joħolqu spazju tal-ajru armonizzat fuq livell globali għal aċċess ta' UAS ta' rutina li se jespandi l-opportunitajiet kummerċjali mingħajr ma jpoġġi f'riskju s-sikurezza u l-effiċjenza globali tal-ispazju tal-ajru. L-istandards kritiċi li qed jiġu żviluppati attwalment jinkludu "identifika u evita", u "ikkmanda u kkontrolla" ([32]).

4.17. *Reviżjoni tal-kriterji armonizzati dwar l-isplussivi għal użu ċivili (speċjalment detonaturi)* ([33])

L-għan ta' din l-azzjoni huwa li tiżdied is-sikurezza tal-isplussivi ċivili, li għalkemm huma prodotti li jintużaw ħafna (b'mod partikolari detonaturi elettroniċi) mhuma koperti bl-ebda mod mill-istandards armonizzati eżistenti. Naturalment, il-Kumitat jikkunsidra l-proposta bħala adatta b'mod sħiħ.

4.18. *Interoperabbiltà: speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda għall-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja* ([34])

Il-KESE jilqa' bi pjaċir din il-proposta bħala pass ieħor fit-triq twila lejn l-integrazzjoni ferrovjarja fl-Ewropa; f'dan il-każ, standards ta' rolling stock għal gejġ tal-linji ta' 1 520 mm jiffavorixxu r-relazzjoni mal-gejġ tal-linji Ewropew ta' 1 435 mm.

4.19. *Il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema kontra riskji minn atmosferi splussivi (ATEX)* ([35])

Il-KESE jaqbel bis-sħiħ, peress li d-Direttiva l-ġdida tal-ATEX tirrikjedi aġġornament tal-mandat skont il-Qafas Leġislattiv Ġdid.

4.20. *It-titjib tas-sikurezza tal-konsumaturi* ([36])

Il-KESE jittama li l-istandards il-ġodda jikkonformaw mal-prinċipju li l-protezzjoni tal-konsumatur tirrikjedi li l-oġġetti u s-servizzi li jkunu disponibbli għall-konsumaturi, meta jintużaw f'ċirkustanzi normali jew prevedibbli, ma jkunux ta' periklu għas-saħħa tal-konsumaturi, u, meta jkunu hekk, dawn jitneħħew mis-suq permezz ta' proċeduri rapidi u sempliċi ([37]).

***Żona tal-ġustizzja u tad-drittijiet fundamentali***

4.21. *L-istandardizzazzjoni: L-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' apparat ta' detezzjoni għall-protezzjoni minn attakki terroristiċi (f'oqsma minbarra l-avjazzjoni)* ([38])

Filwaqt li japprova bis-sħiħ din l-azzjoni, il-KESE jenfasizza li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti hija essenzjali,

([28]) Regolament (UE) 2017/745 (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1); Regolament (UE) 2017/746 (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).
([29]) Regolament (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5); Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).
([30]) Mandat rivedut għas-CEN/CENELEC.
([31]) COM(2015) 613 final.
([32]) ISO. How standards will target the drone industry.
([33]) Direttiva 2014/28/UE (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1).
([34]) Direttiva (UE) 2016/797 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).
([35]) Direttiva 2014/34/UE (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309).
([36]) Direttiva 2001/95/KE (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).
([37]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 81.
([38]) COM(2014) 247 final; COM(2015) 624 final; COM(2012) 417 final.

minħabba li t-tnejn qed ibatu mill-pjaga tat-terroriżmu ([39]). Ta' min jindirizza, fost l-oħrajn, kwistjonijiet li jirrelataw maċ-ċibersigurtà u theddid li huwa speċifiku għas-settur tat-trasport.

***L-UE bħala attur aktar b'saħħtu fix-xena internazzjonali***

4.22. *L-iżvilupp: L-Appoġġ għall-isforzi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw kapaċitajiet ta' difiża Ewropej konġunti (standards minimi)* ([40])

Il-KESE, filwaqt li jistenna li jsir jaf aktar dwar l-istudju li qed jiġi ppreparat mill-Kummissjoni u d-deċiżjoni sussegwenti tagħha, jappoġġja l-iżvilupp ta' standards komuni kemm ħall-armi kif ukoll għal oġġetti b'użu doppju, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' standards eżistenti, b'mod partikolari standards tan-NATO ([41]).

5. **Kooperazzjoni internazzjonali**

5.1. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tintensifika d-djalogu politiku tagħha mal-atturi internazzjonali tal-istandardizzazzjoni, iżda jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li numru dejjem jikber ta' standards issa qed jiġu elaborati f'livell internazzjonali mingħajr kontribut Ewropew koordinat.

5.2. Din l-internalizzazzjoni tal-istabbiliment ta' standards għandha l-konsegwenzi: il-partijiet ikkonċernati soċjetali, l-SMEs u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq m'għadhomx jistgħu jipparteċipaw peress li dawn m'għandhomx biżżejjed riżorsi biex jinfluwenzaw b'mod attiv ix-xena internazzjonali ta' stabbiliment tal-istandards.

5.3. Peress li dawn l-istandards internazzjonali jistgħu jittieħdu direttament f'livell nazzjonali, filwaqt li jaqbżu l-involviment tal-ESO, hemm riskju dejjem jikber ta' dearmonizzazzjoni tas-suq intern.

6. **Inklużività**

Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex jiġi mmonitorjat il-progress tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea ġenwinament inklużiva. Il-KESE jinkoraġġixxi ħafna lill-ESOs biex jissimplifikaw il-proċeduri għall-organizzazzjonijiet tal-Anness III sabiex jaċċessaw il-proċess ta' abbozzar ta' standards u bħala tali "inaqqsu l-ostaklu" għal parteċipazzjoni effettiva.

7. **It-twettiq tal-Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni (JIS)**

7.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-azzjonijiet differenti tal-JIS. Fir-rigward ta' "Studju fil-livell tal-UE dwar l-impatti ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-aċċess għal standards fl-UE u l-Istati Membri tal-EFTA"; huwa jipproponi wkoll li jiġu kkunsidrati l-effetti indiretti tal-attivitajiet li jistabbilixxu l-istandards b'enfasi fuq kwistjonijiet bħall-ispustjar tal-impjiegi, l-inklużività tas-soċjetà, l-edukazzjoni u t-taħriġ, eċċ.

7.2. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-inizjattivi biex jitħaffef il-proċess tat-twettiq tal-istandards, iżda huwa mħasseb li dan jiġi għad-detriment ta' "viżibbiltà" imnaqqsa tax-xogħol preparatorju li jwassal għall-istandards.

Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([39]) The Benefits of U.S.-European Security Standardisation. National Institute of Standards and Technology. U.S. Department of Commerce, June 2012.
([40]) COM (2016) 950 final.
([41]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 62.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA"**

*[COM(2017) 489 final – 2017/0226 (COD)]*

(2018/C 197/04)

Relatur: **Victor ALISTAR**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 2.10.2017 |
| | Kunsill, 25.10.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Kompetenza | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata | 18.12.2017 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 129/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprijoritizza l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, fenomenu li jaffettwa l-istrumenti tal-pagamenti elettroniċi, anke jekk din il-prijorità kellha tiġi stabbilita żmien ilu. Il-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni għandhom jiġu akkumpanjati minn mekkaniżmi ta' reazzjoni għall-isfidi li din tippreżenta, sabiex l-ekonomija Ewropea u ċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ mis-soċjetà tal-informazzjoni. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni, fejn għandha l-għan li tipproteġi liċ-ċittadini u lin-negozji kontra netwerks kriminali ċibernetiċi u tipprevedi miżuri biex tiżdied il-fiduċja fl-użu tal-istrumenti ta' pagament elettroniċi.

1.2. Il-Kumitat jinnota, fil-kuntest tal-eżami tad-direttiva proposta, għadd ta' nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati u kkoreġuti:

1.2.1. Fir-rigward tal-Artikolu 11 dwar id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, għandu jiġi ppreċiżat jekk il-prinċipju bażiku huwiex il-preżenza fit-territorju tal-awtur tar-reat jew dik tas-sistema ta' informazzjoni użata, sabiex jiġi evitat kunflitt pożittiv ta' ġurisdizzjoni. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob li jiddaħħal paragrafu ġdid f'dan l-artikolu dwar ir-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni skont wieħed miż-żewġ metodi proposti f'dan ir-rapport.

1.2.2. Il-proposta għal direttiva ma tindirizzax b'mod effikaċi s-sitwazzjoni li jinsabu involuti fiha wkoll qrati oħra barra l-UE, u lanqas il-kundizzjonijiet ta' ritorn lejn strumenti legali oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, b'tali mod li huwa meħtieġ il-ħolqien ta' qafas proċedurali prevedibbli u definit.

1.2.3. L-Artikolu 16 dwar il-prevenzjoni għandu jiġi kkompletat b'miżuri speċifiċi, stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri, dwar l-obbligu ta' informazzjoni li għandha titqiegħed fuq l-operaturi li joħorġu prodotti elettroniċi ta' pagament, jew fuq l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jew saħansitra fuq il-korpi responsabbli fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja.

1.2.4. Fir-rigward tal-Artikoli 12 u 13, għandu jkun previst ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki ta' identifikazzjoni, investigazzjoni u rimedju f'każijiet ta' ċiberkriminalità bbażati fuq il-frodi fir-rigward ta' mezzi ta' pagament elettroniċi.

1.3. Għalkemm il-qasam regolatorju indirizzat huwa dak tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-investigazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet ta' frodi tal-informatika, huwa importanti li jitwaqqfu mekkaniżmi ta' dissważjoni u informazzjoni pubblika dwar il-modus operandi tal-kriminali permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mwettqa minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri.

1.4. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-miżuri ta' protezzjoni tal-individwi u sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jiġġustifikaw din l-inizjattiva – jiġifieri li tittejjeb il-fiduċja fi strumenti ta' pagament elettroniċi u diġitali, kif ukoll livell ogħla ta' konformità u ta' prevenzjoni – għandha tiżdied mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 l-introduzzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' assigurazzjoni finanzjarja kontra l-frodi, li tikkonsisti f'obbligu ta' kumpens għall-vittmi sa 100 % fil-każ ta' frodi tal-informatika li jikkawżaw dannu lid-detenturi ta' strumenti ta' pagament elettroniċi. Dan ir-rimborż għandu jingħata meta tintemm l-investigazzjoni mwettqa mill-entità emittenti, bħala l-parti ċivili kkonċernata.

1.5. Biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika tal-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' strumenti ta' pagament elettroniku, għandu jiġi previst fid-direttiva l-obbligu li jiġu nnotifikati l-inċidenti li jinvolvu strumenti ta' pagament elettroniċi falsifikati, bħal fil-każ tal-obbligu ta' rappurtar fil-kuntest tal-politiki għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew ir-regolament dwar il-protezzjoni tad-data personali.

1.6. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' fehim u ta' prevenzjoni tal-fenomenu tal-frodi mwettqa b'mezzi ta' pagament elettroniċi u diġitali u biex jiġu evitati milli jseħħu billi jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-ġbir tad-data statistika bl-għan li jissaħħu l-istrateġiji ta' prevenzjoni u rimedju tal-konsegwenzi ta' tali frodi. Bl-istess mod, il-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' traspożizzjoni fil-livell tal-Istati Membri għandha tkun kontinwa u tipprovdi rapporti kwantitattivi annwali kif ukoll valutazzjoni kwalitattiva tal-impatt kull sentejn jew tliet snin, sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-politika u jiġu identifikati l-aġġustamenti meħtieġa.

1.7. Sabiex l-effikaċja tal-ġlieda kontra l-frodi tal-informatika u l-falsifikazzjoni tal-mezzi ta' pagament tiżdied fit-terminu medju huwa xieraq li tissaħħaħ id-dispożizzjoni tal-Artikolu 16 u jiġi speċifikat b'mod ċar li l-Istati Membri huma obbligati jiżviluppaw speċjalizzazzjonijiet f'dan il-qasam, billi jagħmlu użu mill-għarfien espert fil-qasam ta' investigazzjoni u billi jibnu fuq l-iskambju ta' esperjenzi, sabiex jittejbu l-ħiliet ġenerali ta' gradwati (fil-qafas ta' korsijiet fakultattivi) u ta' esperti u investigaturi (permezz ta' taħriġ speċjalizzat kontinwu).

1.8. Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li l-koperazzjoni fil-livell lokali hija essenzjali u għandha tiġi promossa, kemm jekk nazzjonali kif ukoll transkonfinali, u din għandha tkun bl-għan li tiġġieled kontra din il-forma ta' kriminalità jew għall-prevenzjoni tagħha. L-atturi rilevanti kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għandhom ikunu involuti f'dan il-proċess.

1.9. Sabiex tiġi evitata l-konfużjoni dwar l-għan tad-direttiva, aħna nipproponu s-sostituzzjoni fit-titolu ta' *"mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti"* b'*"mezzi ta' pagament elettroniċi u diġitali"*.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. L-għan ta' din id-direttiva huwa li tiġi żgurata armonizzazzjoni tal-istrumenti u t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri li jinvestigaw il-frodi mwettqa b'mezzi ta' pagament elettroniċi jew diġitali. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jippromovi l-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjonijiet u li jidħlu fis-seħħ sensiela ta' miżuri dwar kooperazzjoni bħal din kif ukoll standards minimi komuni ta' ħidma ta' prevenzjoni, għajnuna lill-vittmi u r-responsabbiltà tal-emittenti ta' dawn l-istrumenti. F'dan ir-rigward, l-approċċ segwit huwa li jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument, li għandu l-għan jipprovdi perspettiva newtrali mil-lat teknoloġiku.

2.2. Fil-kuntest tal-iżviluppi teknoloġiċi u tad-diversifikazzjoni ta' modus operandi għall-frodi tal-IT, inklużi strateġiji użati minn gruppi kriminali, il-Kummissjoni tirrikonoxxi fl-*Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa* ([1]) li d-deċiżjoni qafas mhijiex biżżejjed biex tindirizza l-isfidi u l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda bħall-muniti virtwali u l-pagamenti bil-mowbajl.

2.3. Peress li kards jikkostitwixxu l-iktar strument ta' pagament – mhux bi flus kontanti – importanti fl-UE f'termini ta' numru ta' tranżazzjonijiet, il-frodi bil-kards maħruġin fiż-żona euro fl-2013, skont studju tal-Bank Ċentrali Ewropew, laħqu EUR 1,44 biljun, u għadu qed jikber ([2]). Minkejja li d-data dwar il-frodi tezisti biss għall-pagamenti bil-kards, il-kards huma l-iktar strument ta' pagament – mhux bi flus kontanti – importanti fl-UE f'temini ta' għadd ta' tranżazzjonijiet ([3]).

2.4. Jirriżulta mill-analiżi tal-Kummissjoni li wieħed mill-profili l-aktar vulnerabbli għall-frodi huwa marbut mal-użu ta' pagamenti elettroniċi għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar – biljetti tal-ferrovija, tal-ajru, akkomodazzjoni u operazzjonijiet oħra relatati, mhux limitati għal dawn.

([1]) COM(2015) 192 final.
([2]) Il-Bank Ċentrali Ewropew, *Fourth report on card fraud* ("Ir-Raba' Rapport dwar il-frodi ta' kards ta' pagament"), Lulju 2015 (l-aħħar data disponibbli).
([3]) Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

2.5. Fir-rigward tal-ambitu regolatorju, il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura qafas solidu u teknoloġikament newtrali, tneħħi l-ostakli operattivi u ssaħħaħ il-prevenzjoni kontra l-frodi għal mezzi ta' pagament elettroniċi.

2.6. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm mezzi effettivi għall-ġlieda kontra l-frodi fir-rigward tal-istrumenti ta' pagament elettroniċi u l-kriminalità informatika, il-proposta għal direttiva tistabbilixxi regoli komuni għal-leġislazzjoni nazzjonali dwar: ir-reati msemmija fil-liġi kriminali dwar il-frodi tal-informatika għal mezzi ta' pagament; il-parteċipazzjoni f'infrazzjonijiet kriminali u l-politika penali dwar is-sanzjonijiet; ir-responsabbiltà legali tal-persuni legali u l-uniformità tas-sanzjonijiet għal skopijiet ta' dissważjoni. Il-KESE jenfasizza bħala element ta' novità l-ewwel dispożizzjonijiet leġislattivi dwar muniti virtwali elettroniċi fil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Id-definizzjoni ta' reati tkopri aġir li, minkejja li ma jikkostitwix direttament frodi fil-veru sens tal-kelma, jitwettqa fil-kuntest ta' frodi (is-serq u l-iffalsifikar, iżda wkoll il-bejgħ u s-sempliċi żamma ta' strumenti ta' pagament misruqa).

2.7. Sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità informatika u tal-frodi għall-istrumenti ta' pagament elettroniċi, id-direttiva tipprevedi l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet speċifiċi u rispettivi dwar il-mekkaniżmi istituzzjonali u l-kompetenzi ta' investigazzjoni fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll għall-mekkaniżmu Ewropew ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali.

2.8. Element importanti tal-proposta huwa li tintroduċi l-obbligu li jiġu stabbiliti mezzi effettivi ta' difiża tal-interessi tal-vittmi, li jiggarantixxi aċċess għal rimedju effettiv.

2.9. Il-proposta tal-Kummissjoni taqa' bis-sħiħ fl-ambitu tas-setgħat regolatorji tal-UE kif definiti fl-Artikolu 83 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u titlob li jkun hemm armonizzazzjoni minima fil-livell tal-Istati Membri, fil-qafas ta' perjodu ta' traspożizzjoni ta' 24 xahar.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. L-għażla regolatorja magħżula hija aktar adatta peress li, permezz ta' direttiva, huwa possibbli li jiġu stabbiliti regoli legalment vinkolanti fil-livell tal-ġurisdizzjonijiet nazzjonali kollha (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, jekk dan il-pajjiż ma jkunx jixtieq jaderixxi), li jmur lil hinn mill-istandardizzazzjoni tal-prattiki prevista mid-Deċiżjoni Qafas 2001/413/JAI, mingħajr preġudizzju tal-kontenut tiegħu.

3.2. Il-KESE jinnota li l-abbozz ta' direttiva għandu jsir f'sinerġija ma' strumenti regolatorji oħra li jinvolvu l-Istati Membri u huwa komplementari għal politiki oħra tal-Unjoni, bħalma huma l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni pan-Ewropej fil-kwistjoni kriminali, kif ukoll atti legali maħsuba biex jiġġieldu l-frodi u l-ħasil tal-flus. F'dan il-kuntest, għandha tiġi enfasizzata wkoll il-ħtieġa li tiġi żgurata korrelazzjoni bejn il-problema inkwistjoni u l-mezzi ta' protezzjoni għal data personali miżmuma minn istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll il-miżuri tas-sigurtà ċibernetika.

3.3. Fl-ewwel lok, jeżisti fil-livell tal-Unjoni Ewropea pakkett ta' strumenti legali li jistabbilixxu r-regoli meħtieġa fil-livell tas-swieq finanzjarji u tas-servizzi finanzjarji, dwar obbligi ta' diliġenza dovuti vinkolanti mal-ħruġ, il-ġestjoni u s-sigurtà ta' strumenti ta' pagament, iżda d-direttiva proposta tipprovdi tweġibiet xierqa biex issaħħaħ l-infrastruttura legali ta' rappurtar, ta' investigazzjonijiet u ta' sanzjonijiet kriminali għal frodi tal-informatika għal mezzi ta' pagament.

3.4. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' fehim u ta' prevenzjoni tal-fenomenu tal-frodi mwettqa b'mezzi ta' pagament elettroniċi u diġitali u biex jiġu evitati milli jseħħu billi jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-ġbir tad-data statistika bl-għan li jissaħħu l-istrateġiji ta' prevenzjoni u rimedju tal-konsegwenzi ta' tali frodi. Bl-istess mod, il-valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri ta' traspożizzjoni fil-livell tal-Istati Membri għandha tkun kontinwa u tipprovdi rapporti kwantitattivi annwali kif ukoll valutazzjoni kwalitattiva tal-impatt kull sentejn jew tliet snin, sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-politika u jiġu identifikati l-aġġustamenti meħtieġa.

3.5. Barra minn hekk, sa fejn se jiġu introdotti elementi ta' responsabbiltà legali għal persuni ġuridiċi u fir-rigward tas-sanzjonijiet, bħala parti minn sistema b'saħħitha ta' assigurazzjoni tal-mezzi legali, huwa importanti li titfakkar il-ħtieġa li jiġu introdotti xi strumenti ta' appoġġ għall-operaturi li jipprovdu prodotti ta' pagament elettroniċi jew jużaw pjattaformi għall-pagamenti onlajn sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-regolamenti settorjali ([4]).

([4]) ĠU L 267, du 10.10.2009, p. 7.

3.6. Fir-rigward tal-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni dwar investigazzjonijiet ta' frodi għal strumenti ta' pagament fil-kuntest taċ-ċiberkriminalità, stabbilit mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 13 u 14 tad-direttiva proposta, huwa meħtieġ li tiġi prevista setgħa ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb ta' leġislazzjoni permezz ta' atti delegati għal dak li jirrigwarda kemm matriċi ta' skambju ta' informazzjoni kif ukoll id-data standardizzata għar-rappurtar dwar każijiet taħt investigazzjoni.

3.7. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni, jekk fil-Komunikazzjoni tagħha l-Kummissjoni tirreferi għal azzjoni simili għal dik adottata mil-leġislazzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE, il-KESE jikkunsidra li kien neċessarju, minn naħa, għal aktar ċarezza dwar ir-rekwiżiti stabbiliti għal miżuri ta' prevenzjoni, u, min-naħa l-oħra, li tintroduċi sensiela ta' obbligi ta' kuxjenza pubblika dwar il-kawżi, ir-riskji u l-mezzi ta' prevenzjoni individwali, sabiex tiġi evitata l-frodi għall-istrumenti finanzjarji ta' pagament imwettqa minn netwerks ta' ċiberkriminalità permezz ta' tagħmir ta' interċettazzjoni.

3.8. Għandha tiġi żviluppata speċjalizzazzjoni f'dan il-qasam, billi jsir użu mill-għarfien espert fil-qasam ta' investigazzjoni u billi wieħed jibbaża fuq l-iskambju ta' esperjenzi, sabiex, minn naħa, jittejbu l-ħiliet ġenerali ta' gradwati ta' edukazzjoni ġenerali fil-kuntest ta' korsijiet fakultattivi, u, min-naħa l-oħra, li jiġi żviluppat qafas ta' kompetenza għall-esperti u l-investigaturi li jużaw programmi ta' taħriġ speċjalizzati.

3.9. Tinħtieġ kooperazzjoni effiċjenti fil-livell lokali għall-ġlieda kontra din it-tip ta' kriminalità. Din il-kooperazzjoni għandha tiġi organizzata f'diversi oqsma u tinvolvi kemm jista' jkun lill-partijiet interessati kollha. L-għan għandu jkun mhux biss dak tal-ġlieda kontra din il-forma ta' kriminalità serja, iżda wkoll il-prevenzjoni tagħha, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll f'livell transkonfinali.

3.10. Il-proposta għal direttiva ma tindirizzax b'mod effikaċi s-sitwazzjoni li jinsabu involuti fiha wkoll qrati oħra barra l-UE, u lanqas il-kundizzjonijiet ta' ritorn lejn strumenti legali oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, b'tali mod li huwa meħtieġ il-ħolqien ta' qafas proċedurali prevedibbli u definit.

3.11. Għalkemm il-qasam regolatorju indirizzat huwa dak tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-investigazzjoni u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'każijiet ta' frodi tal-informatika, huwa importanti li jitwaqqfu mekkaniżmi ta' dissważjoni u informazzjoni pubblika dwar il-modus operandi tal-kriminali permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mwettqa minn aġenziji tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li, fid-dispożizzjonijiet finali tal-proposta regolatorja ssir referenza għall-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja kriminali internazzjonali fejn jissemmew fil-kuntest tas-sitwazzjonijiet ta' extraterritorjalità u tal-metodi ta' twettiq tal-investigazzjonijiet li jibnu fuq dawn il-mezzi. Fir-rigward tal-proċedura, din hija għodda regolatorja utli u għandha valur ta' kjarifika.

## 4. **Proposti speċifiċi**

4.1. Fir-rigward tal-Artikolu 11 dwar id-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, għandu jiġi ppreċiżat jekk il-prinċipju bażiku huwiex il-preżenza fit-territorju tal-awtur tar-reat jew dik tas-sistema ta' informazzjoni użata, sabiex jiġi evitat kunflitt pożittiv ta' ġurisdizzjoni bejn is-sitwazzjoni mfissra fl-Artikolu 11(2)(a) li tirreferi għall-preżenza fiżika ta' min iwettaq il-ksur, u l-Artikolu 11(2)(b), fil-każ fejn l-awtur wettaq il-ksur tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, iżda uża mekkaniżmu b'aċċess mill-bogħod (*"remote shell"*). Dan jista' jiġġustifika l-kompetenza taż-żewġ Stati Membri kkonċernati. Huwa meħtieġ li fl-Artikolu 11 jiddaħħal paragrafu ġdid dwar ir-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' ġurisdizzjoni, jew billi tinħatar l-entità li dan se jkun id-dmir tagħha (pereżempju l-Eurojust) jew billi mmorru lura għal mekkaniżmu simili ta' riżoluzzjoni (pereżempju d-Deċiżjoni Kwadru 2009/948/JAI ([5])).

4.2. L-Artikolu 16 dwar il-prevenzjoni għandu jiġi kkompletat b'miżuri speċifiċi, stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri, dwar l-obbligu ta' informazzjoni li għandha titqiegħed fuq l-operaturi li joħorġu prodotti elettroniċi ta' pagament, jew fuq l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jew saħansitra fuq il-korpi responsabbli fil-qasam tal-edukazzjoni finanzjarja.

4.3. Fir-rigward tal-obbligu li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni dwar investigazzjonijiet ta' frodi, previst fl-Artikolu 13 tal-proposta għal direttiva, jeħtieġ li jiġi stabbilit punt ta' kuntatt uniku, simili għal dak li jeżisti fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew is-sikurezza tal-ikel, sabiex tiġi assigurata uniformità fil-livell Ewropew. Dan il-punt uniku ta' kuntatt jista' jkun jew il-Ministeru tal-Ġustizzja jew entità oħra kompetenti – fil-biċċa l-kbira l-qrati tal-UE. Il-KESE jqis li l-kliem "mezzi ta' komunikazzjoni xierqa" jistgħu jwieġbu parzjalment għall-bżonn ta' effiċjenza, iżda mhux dak ta' armonizzazzjoni.

([5]) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42.

4.4. Fir-rigward tal-Artikoli 12 u 13, għandu jkun previst ukoll l-iskambju tal-aħjar prattiki ta' identifikazzjoni, investigazzjoni u rimedju f'każijiet ta' ċiberkriminalità bbażati fuq il-frodi fir-rigward ta' mezzi ta' pagament elettroniċi.

4.5. Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-miżuri ta' protezzjoni tal-individwi u sabiex jintlaħqu l-għanijiet li jiġġustifikaw din l-inizjattiva – jiġifieri li tittejjeb il-fiduċja fi strumenti ta' pagament elettroniċi, kif ukoll livell ogħla ta' konformità u ta' prevenzjoni – għandha tiżdied mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 l-introduzzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali ta' assigurazzjoni finanzjarja kontra l-frodi, li tikkonsisti f'obbligu ta' kumpens għall-vittmi sa 100 % fil-każ ta' frodi tal-informatika li jikkawżaw dannu lid-detenturi ta' strumenti ta' pagament elettroniċi. Dan ir-rimborż għandu jingħata meta tintemm l-investigazzjoni mwettqa mill-entità emittenti, bħala l-parti ċivili kkonċernata. Dawk il-garanziji għandhom ikopru wkoll id-dannu kkawżat lill-professjonisti rappreżentati mill-SMEs f'każ ta' falliment tas-saldu ta' ammonti sa limitu raġonevoli, kif deċiż fil-livell tal-Istati Membri.

4.6. Biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika tal-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' strumenti ta' pagament elettroniku, għandu jiġi previst fid-direttiva l-obbligu li jiġu nnotifikati l-inċidenti li jinvolvu strumenti ta' pagament elettroniċi falsifikati, bħal fil-każ tal-obbligu ta' rappurtar fil-kuntest tal-politiki għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew ir-regolament dwar il-protezzjoni tad-data personali.

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti transkonfinali rapportabbli"**

*(COM(2017) 335 final — 2017/0138 (CNS))*

(2018/C 197/05)

Relatur: **Victor ALISTAR**

Korelatur: **Petru Sorin DANDEA**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.7.2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-Sezzjoni Speċjalizzata | 20.12.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 184/2/7 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-proposta tal-Kummissjoni fiha direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE, li tirregola l-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni, u anness li jistabbilixxi lista ta' karatteristiċi kruċjali li jistgħu potenzjalment jindikaw pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Huwa propost li l-għodda ta' skambju awtomatiku tal-informazzjoni (AEOI) tiġi użata mill-Istati Membri individwali sabiex l-informazzjoni rrappurtata mill-intermedjarji tkun disponibbli għal Stati Membri oħrajn.

1.2. Il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni peress li d-dispożizzjonijiet legali attwali ma jippermettux lill-Istati Membri jagħmlu skambju ta' informazzjoni fejn l-iskemi ta' evitar u/jew l-evażjoni tat-taxxa jinġiebu għall-attenzjoni tagħhom.

1.3. Il-KESE jilqa' u jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza l-problema tal-intermedjarji li jippermettu l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Li l-attivitajiet tagħhom isiru trasparenti, permezz tal-obbligu ta' rappurtar propost fil-proposta għal direttiva, ser jiskoraġġixxi lill-intermedjarji milli joffru lill-klijenti tagħhom skemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u b'hekk tonqos l-erożjoni ta' ħsara tal-bażijiet fiskali tal-Istati Membri. Dan għandu joħloq kundizzjonijiet ekwi u ġustizzja fit-taxxa bejn kumpaniji li għandhom qafas għal pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u dawk li m'għandhomx iżda li huma soġġetti għal tassazzjoni ogħla biex ipattu għall-erożjoni tal-bażi fiskali fl-Istati Membri individwali. B'hekk, il-proposta tipprovdi risposta għax-xewqa tal-maġġoranza tal-kumpaniji Ewropej għal ġustizzja ugwali fit-taxxa bejn il-kontribwenti, u għall-pressjoni li dejjem togħla minn kontribwenti individwali.

1.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ loġistiku u tekniku lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-direttorju ċentrali sikur li għandu jintuża biex tiġi rrekordjata l-informazzjoni soġġetta għall-kooperazzjoni amministrattiva. Minħabba l-kumplessità ta' uħud mill-iskemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tappoġġja wkoll lill-Istati Membri fir-rigward tat-taħriġ tal-persunal li ser ikun responsabbli għar-rekordjar u l-iskambju tal-informazzjoni kkonċernata.

1.5. Il-proposta hija wiesgħa ħafna fl-ambitu tagħha. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-direttiva tkun deterrent effikaċi kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Huma meħtieġa rekwiżiti aktar preċiżi għall-kwalifika ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu rrappurtati sabiex jiġi evitat rappurtar eċċessiv minn kumpaniji permezz ta' proċessi amministrattivi li jieħdu ħafna ħin kemm għall-amministrazzjonijiet fiskali kif ukoll għall-kontribwenti.

1.6. Il-KESE jinnota li r-rekwiżit li jikkonformaw mal-prinċipju ta' distakkament tal-linji gwida tal-OECD dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti mhuwiex xi xjenza preċiża u inevitabbilment jinkludi interpretazzjoni suġġettiva mingħand il-kontribwenti u l-awtoritajiet tat-taxxa. Il-KESE għalhekk jappella għal gwida xierqa u kostruttiva mill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar jekk it-tranżazzjonijiet jaqgħux taħt din il-karatteristika jew le.

1.7. Il-KESE jinnota li l-kontribwent jerfa' r-responsabbiltà aħħarija biex jikkonforma mad-direttiva proposta. Biex jissodisfaw ir-rekwiżit ta' proporzjonalità, l-ispejjeż amministrattivi għandhom jitnaqqsu sal-iktar punt possibbli għal negozji ta' kull daqs.

1.8. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-iskadenza ta' ħamest ijiem għar-rappurtar, sabiex tiżgura li din hija fattibbli għall-entitajiet li huma soġġetti għall-obbligu tar-rappurtar u, li fl-istess ħin, hija konsistenti mal-objettiv ta' politika ta' rappurtar effettiva. Għalhekk jidher li huwa neċessarju u proporzjonat li tiġi estiża din l-iskadenza.

1.9. Il-proposta għal direttiva tħalli numru ta' kwistjonijiet mhux solvuti, bħal kif għandha tiġi applikata għall-kontribwenti fl-ekonomija diġitali, minħabba d-diffikultà biex tiġi determinata l-preżenza fiżika tagħhom bħala persuni taxxabbli fil-ġurisdizzjonijiet individwali tal-Istati Membri. Kwistjoni oħra hija relatata maċ-ċarezza tal-kriterji stabbiliti fil-proposta għall-iskopijiet li jkun żgurat approċċ uniformi madwar ir-regoli nazzjonali li jirregolaw il-penali jekk jonqsu milli jirrapportaw.

1.10. Il-Kumitat jirrimarka li l-mekkaniżmi tar-rappurtar m'għandhomx joħolqu instabbiltà fil-leġislazzjoni fiskali bħala riżultat ta' tibdil frekwenti, u għandu jittieħed kont tal-fatt li t-tassazzjoni diretta taqa' fi ħdan il-kompetenza leġislattiva tal-Istati Membri.

## 2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. Il-globalizzazzjoni żiedet il-mobbiltà tal-kapital għal livell bla preċedent. F'dan il-kuntest, u fid-dawl tal-iskandli ([1]) li ħarġu fi snin reċenti dwar korporazzjonijiet u ġurisdizzjonijiet li jippromovu l-iskemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, li spiss irriżultaw fl-erożjoni tal-bażi tat-taxxa fl-Istati Membri, il-Kummissjoni poġġiet il-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva fost il-prijoritajiet ewlenin fl-aġenda tagħha.

2.2. Il-proposta tal-Kummissjoni fiha direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE, li tirregola l-kooperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni, u anness li jistabbilixxi lista ta' karatteristiċi kruċjali li jistgħu potenzjalment jindikaw pjanifikazzjoni fiskali aggressiva.

2.3. Il-proposta għal direttiva tintroduċi rekwiżit ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet u l-professjonisti li jipprovdu konsulenza dwar pjanifikazzjoni fiskali, li huma msemmija fid-direttiva bħala intermedjarji. Dawn jistgħu jkunu konsulenti tat-taxxa, banek, aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, u oħrajn li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' intermedjarji, jiġifieri "kwalunkwe persuna li għandha r-responsabbiltà fil-konfront tal-kontribwent għat-tfassil, il-kummerċjalizzazzjoni, l-organizzazzjoni jew il-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-aspetti tat-taxxa ta' arranġament transkonfinali rapportabbli, jew serje ta' dawn l-arranġamenti, matul il-provvediment ta' servizzi relatati mat-tassazzjoni". Taħt ċerti ċirkostanzi, l-obbligu li wieħed jirreġistra t-taxxa jsir ir-responsabbiltà tal-kontribwent.

2.4. L-entitajiet, l-individwi u l-kumpaniji li jipprovdu konsulenza fil-qasam tal-pjanifikazzjoni fiskali ser ikunu meħtieġa li jiżvelaw arranġament transkonfinali rapportabbli, jew serje ta' arranġamenti, mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li l-iskema tkun saret disponibbli għall-implimentazzjoni. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet tat-taxxa rilevanti u ser tkun soġġetta għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri. L-iskambju awtomatiku ser jitwettaq fuq bażi trimestrali.

2.5. Il-Kummissjoni tikkunsidra li d-direttiva ser ikollha effett deterrent fuq l-intermedjarji li jipprovdu konsulenza dwar pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u ser inaqqsu l-prattiki tal-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva.

2.6. Il-Kummissjoni kkunsidrat tliet opzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-politika tagħha: rakkomandazzjoni (mhux vinkolanti) għall-Istati Membri biex jintroduċu żvelar obbligatorju fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, kodiċi ta' kondotta għall-intermedjarji, jew direttiva tal-UE li tirrikjedi lill-Istati Membri jintroduċu reġim ta' żvelar obbligatorju.

([1]) Luxleaks, Panama u Paradise Papers.

2.7. Il-Kummissjoni għażlet li tipproċedi permezz ta' direttiva, sabiex tiżgura li dawn il-miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva jiġu implimentati b'mod uniformi madwar l-Istati Membri kollha. L-inizjattiva tal-Kummissjoni tikkorrispondi għal Azzjoni 12 tal-proġett tal-BEPS tal-OECD, li tirrakkomanda l-iskoraġġiment tal-attivitajiet tal-intermedjarji li jipprovdu konsulenza lill-kumpaniji dwar il-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva; din tistabbilixxi sett ta' strumenti biex din l-azzjoni ssir prattika.

2.8. Il-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-prinċipju ta' djalogu bejn il-kontribwent u l-awtorità tat-taxxa, u fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera bejniethom fil-livell tas-suq uniku. Il-mekkaniżmu li għandu jiġi stabbilit huwa notifika minn qabel tat-tranżazzjonijiet ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva potenzjali, taħt erba' tipi standard ta' indikaturi (jew karatteristiċi kruċjali), stipulati fl-anness għall-proposta għal direttiva. Għandu jkun ċar li sempliċiment jiġi rrappurtat l-arranġament ma jfissirx preżunzjoni awtomatika ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, iżda pjuttost jiftaħ djalogu bejn il-kontribwent u l-ġurisdizzjoni fiskali. B'hekk, il-Kummissjoni għażlet li tmur għal approċċ preventiv, li għandu jnaqqas ir-riskju tal-penali għall-kontribwenti.

2.9. Fil-proposta għal direttiva, il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll obbligu ta' rappurtar dirett minn qabel għall-kontribwenti nfushom jekk l-iskema ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva potenzjali jew it-tranżazzjoni ssir wara proposta interna, mingħajr l-involviment jew il-konsulenza ta' intermedjarju, jew jekk l-intermedjarju/il-konsulent ikun marbut bi klawsola ta' kunfidenzjalità jew protett minn leġislazzjoni nazzjonali dwar segretezza professjonali, jew it-tielet nett, jekk l-intermedjarju jew il-konsulent ma jkunx taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

3. **Kummenti ġenerali u speċifiċi**

3.1. Il-KESE jilqa' u jappoġġja d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza l-problema tal-intermedjarji li jippermettu l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Li l-attivitajiet tagħhom isiru trasparenti, permezz tal-obbligu ta' rappurtar propost fil-proposta għal direttiva, ser jiskoraġġixxi lill-intermedjarji milli joffru lill-klijenti tagħhom skemi ta' pjanifikazzjoni fiskali li jnaqqsu b'mod artifiċjali l-ammont ta' taxxa li jħallsu. B'riżultat ta' dan, id-direttiva ser tnaqqas l-erożjoni dannuża tal-bażijiet fiskali tal-Istati Membri.

3.2. Il-proposta għal direttiva tissoponi l-bona fede tal-kontribwenti, aktar milli intenzjoni li jevitaw it-taxxa. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li s-sempliċi rappurtar ta' arranġamenti tat-taxxa li jistgħu potenzjalment jikkostitwixxu pjanifikazzjoni fiskali aggressiva mhux neċessarjament ifisser li l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva saret fil-verità.

3.3. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha toħloq kundizzjonijiet ekwi u ġustizzja fit-taxxa bejn kumpaniji li għandhom qafas għal pjanifikazzjoni fiskali aggressiva u dawk li m'għandhomx iżda li huma soġġetti għal tassazzjoni ogħla biex ipattu għall-erożjoni tal-bażi fiskali fl-Istati Membri individwali.

3.4. Il-proposta hija wiesgħa ħafna fl-ambitu tagħha. Huwa importanti li jiġi żgurat li d-direttiva tkun deterrent effikaċi kontra l-pjanifikazzjoni fiskali aggressiva. Huma meħtieġa rekwiżiti aktar preċiżi għall-kwalifika ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu rrappurtati sabiex jiġi evitat rappurtar eċċessiv minn kumpaniji permezz ta' proċessi amministrattivi li jieħdu ħafna ħin kemm għall-amministrazzjonijiet fiskali kif ukoll għall-kontribwenti.

3.5. Għandha tiġi evitata firxa wiesgħa ta' interpretazzjonijiet u għaldaqstant għandha tingħata aktar gwida mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex il-proposta ssir effettiva. Dan huwa b'mod partikolari l-każ fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament tal-linji gwida tal-OECD dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti.

3.6. Barra minn hekk, il-proposta għal direttiva tħalli numru ta' kwistjonijiet mhux solvuti, bħal kif għandha tiġi applikata għall-kontribwenti fl-ekonomija diġitali, minħabba d-diffikultà biex tiġi determinata l-preżenza fiżika tagħhom bħala persuni taxxabbli fil-ġurisdizzjonijiet individwali tal-Istati Membri. Kwistjoni oħra hija relatata maċ-ċarezza tal-kriterji stabbiliti fil-proposta għall-iskopijiet li jkun żgurat approċċ uniformi madwar ir-regoli nazzjonali li jirregolaw il-penali jekk jonqsu milli jirrapportaw.

3.7. Il-KESE jqis li hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt aktar komprensiva sabiex jiġi żgurat li d-direttiva proposta hija proporzjonata. Hemm bżonn li jiġi vvalutat kemm jieħdu ħin l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u intermedjarji/għan-negozji biex jikkonformaw mar-regoli.

3.8. Il-Kummissjoni tipproponi li l-għodda ta' skambju awtomatiku tal-informazzjoni (AEOI) tiġi użata mill-Istati Membri individwali sabiex l-informazzjoni rrappurtata mill-intermedjarji tkun disponibbli għal Stati Membri oħrajn. Il-KESE japprova l-proposta tal-Kummissjoni peress li d-dispożizzjonijiet legali attwali ma jippermettux lill-Istati Membri jagħmlu skambju ta' informazzjoni fejn l-iskemi ta' evitar u/jew l-evażjoni tat-taxxa jinġiebu għall-attenzjoni tagħhom.

3.9. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tad-Direttiva dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim ([2]).

3.10. Il-KESE jemmen li, billi jintużaw l-iskemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, ċerti kumpaniji b'attivitajiet transkonfinali qegħdin iċaqalqu porzjon sinifikanti tal-profitt li jagħmlu fi Stat Membru partikolari għall-ġurisdizzjonijiet b'rata aktar baxxa ta' tassazzjoni, b'hekk inaqqsu b'mod artifiċjali l-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri u jikkawżaw distorzjonijiet serji fis-suq intern. Il-Kumitat għalhekk jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-Istati Membri jipprevedu fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom penali għal ksur tad-direttiva, applikabbli kemm għall-intermedjarji u kif ukoll għall-konsulenti li jużaw skemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva.

3.11. Hawnhekk, il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tintroduċi regoli ċari fil-proposta għal direttiva dwar l-identifikazzjoni ta' elementi li potenzjalment jattivaw ir-responsabbiltà min-naħa tal-kontribwenti u l-intermedjarji li jużaw skemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, u biex tħalli f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar il-livell tal-penali involuti.

3.12. Huwa imperattiv li n-negozju Ewropew u l-kompetizzjoni ħielsa fis-suq uniku – inkluża distribuzzjoni ġusta tal-piż tat-taxxa – jiġu protetti mill-Kummissjoni. Il-KESE għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-oqsma li fihom tista' żżid mal-kategoriji ta' karatteristiċi kruċjali li jindikaw skemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva mniżżla fl-anness għad-direttiva, permezz ta' atti delegati.

3.13. Il-Kumitat jirrimarka li l-mekkaniżmi tar-rappurtar m'għandhomx joħolqu instabbiltà fil-leġislazzjoni fiskali bħala riżultat ta' tibdil frekwenti, u għandu jittieħed kont tal-fatt li t-tassazzjoni diretta taqa' fi ħdan il-kompetenza leġislattiva tal-Istati Membri.

3.14. Il-KESE jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ loġistiku u tekniku lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tad-direttorju ċentrali sikur li għandu jintuża biex tiġi rrekordjata l-informazzjoni soġġetta għall-kooperazzjoni amministrattiva. Minħabba l-kumplessità ta' uħud mill-iskemi ta' pjanifikazzjoni fiskali aggressiva, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tappoġġja wkoll lill-Istati Membri fir-rigward tat-taħriġ tal-persunal li ser ikun responsabbli għar-rekordjar u l-iskambju tal-informazzjoni kkonċernata.

3.15. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-iskadenza ta' ħamest ijiem għar-rappurtar, sabiex tiżgura li din hija fattibbli għall-entitajiet li huma soġġetti għall-obbligu tar-rappurtar u, li fl-istess ħin, hija konsistenti mal-objettiv ta' politika ta' rappurtar effettiva. Għalhekk jidher li huwa neċessarju u proporzjonat li tiġi estiża din l-iskadenza.

3.16. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-perjodu ta' żmien għall-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-direttiva bil-għan li jitfassal rapport kull sentejn, u jitlob biex ir-rapport ikun pubbliku għall-kontribwenti Ewropej u ċ-ċittadini. Minħabba l-isforz amministrattiv konsiderevoli, il-KESE jemmen li dan ir-rapport ta' kull sentejn ser jiżgura t-trasparenza jekk jiċċentralizza d-data kwalitattiva mingħajr ma jinkisru d-drittijiet leġittimi tal-kumpaniji.

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

([2]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja fl-Unjoni Ewropea u l-opinjoni tal-KESE "Titjib tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim fir-rigward tat-tassazzjoni doppja", ECO/420 (ĠU C 173, 31.5.2017, p. 29).

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-"Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro"**

*(COM(2017) 770 final)*

(2018/C 197/06)

Relatur: **Javier DOZ ORRIT**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 18.1.2018 |
| Bażi legali | Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sezzjoni | 20.12.2017 |
| Adottata fil-plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 182/2/5 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-enfasi fuq it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, ir-reżiljenza u l-konverġenza bħala għanijiet ta' politika fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-politiki taż-żona tal-euro ([1]).

1.2. Il-KESE jinnota li minkejja l-irkupru ekonomiku fiż-żona tal-euro qabad ir-ritmu mis-sena li għaddiet, din tibqa' "fraġli", "inkompleta" u "atipika", kif jissemma fit-Tbassir tal-Ħarifa tal-Kummissjoni Ewropea ([2]).

1.3. Minkejja żdiet fin-numru ta' impjiegi maħluqa, hemm biżżejjed evidenza kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-Bank Ċentrali Ewropew li "s-sottoimpjieg fis-suq tax-xogħol għadu sinifikanti, fattur li kien il-bażi taż-żieda relattivament dgħajfa fil-pagi meta mqabbla mas-saħħa tal-irkupru ekonomiku. Il-persistenza ta' qgħad u sottoimpjieg fiż-żona tal-euro timplika telf ta' ħiliet u kapaċità produttiva għal dawn l-Istati Membri u tikkostitwixxi theddida ewlenija għall-inklużjoni soċjali, il-benesseri u l-ugwaljanza.

1.4. Barra minn hekk, l-investiment f'dan il-qasam għadu taħt il-livelli tal-2008, u dan jikkontribwixxi wkoll għal telf sinifikanti fil-potenzjal tal-produzzjoni f'bosta Stati Membri taż-żona tal-euro. Is-surplus persistenti fil-kont kurrenti taż-żona tal-euro mal-bqija tad-dinja jkompli jissuġġerixxi li d-domanda domestika fiż-żona għadha baxxa.

1.5. Il-KESE jirrikonoxxi li l-livelli għoljin ta' dejn pubbliku u privat fiż-żona tal-euro jagħmlu l-ekonomija vulnerabbli u jaqbel mal-ħtieġa li dawn jitnaqqsu.

1.6. Wara li qies bir-reqqa l-opportunitajiet u r-riskji relattivi li jirriżultaw mill-fatturi msemmija hawn fuq, il-KESE ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali u minflok jipproponi pożizzjoni fiskali pożittiva ta' madwar 0,5 % tal-PGD. Il-probabbiltà ta' tnaqqis fir-ritmu tat-tkabbir bejn l-2017 u l-2019, li huwa mbassar mill-Kummissjoni, il-bidla mħabbra fil-politika monetarja tal-BĊE, il-persistenza ta' defiċit ċar fl-investiment u l-kummerċ dinji u r-riskji ġeopolitiċi jirrikjedu wkoll li r-responsabbiltà tingħadda minn politika monetarja għal politika fiskali.

([1]) Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, COM(2017) 770 final.

([2]) European Economic Forecast – Autumn 2017 (Tbassir Ekonomiku Ewropew– Ħarifa 2017), Kummissjoni Ewropea, Novembru 2017 (mhux disponibbli bil-Malti).

1.7. Stimolu fiskali li jiffoka fuq l-investiment pubbliku joħloq domanda akbar fuq perjodu qasir, iżda jespandi wkoll il-potenzjal tat-tkabbir fit-tul, u b'hekk tiġi indirizzata l-kwistjoni tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. Investiment pubbliku bħal dan għandu jiffoka mhux biss fuq l-infrastruttura iżda wkoll fuq il-politiki dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet ("investiment soċjali"), u b'hekk jgħin jiġu implimentati wħud mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li tħabbar reċentement.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li meta jiġu applikati r-regoli fiskali, il-Kummissjoni Ewropea għandha teskludi n-nefqa pubblika fuq l-investiment mill-ambitu tal-applikazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

1.9. Il-KESE jilqa' r-referenza espliċita fir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropeabiex jiġu prijoritizzati r-riformi strutturali li mhux biss ser iżidu l-produttività u t-tkabbir potenzjali, itejbu l-ambjent tan-negozju u jappoġġjaw l-investiment, iżda wkoll jappoġġjaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jnaqqsu l-inugwaljanza, skont it-talbiet li saru f'opinjonijiet preċedenti tal-KESE ([3]). Huwa jtenni li sabiex jiġu żgurati l-appoġġ vitali taċ-ċittadini għar-rikostruzzjoni taż-żona tal-euro kif ukoll il-kisba ta' riformi strutturali f'dan ir-rigward, id-dimensjoni soċjali ta' dawn ir-riformi teħtieġ li tissaħħaħ, u għandhom jintużaw forom demokratiċi u trasparenti ta' governanza taż-żona tal-euro bl-għan li jiżguraw il-prosperità ekonomika u livell għoli ta' għajxien.

1.10. Il-KESE ifaħħar lill-Kummissjoni Ewropea talli appellat lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu kontra l-evitar tat-taxxa, fost l-oħrajn billi jkomplu jaħdmu lejn il-ħolqien ta' Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK). Huwa jqis ukoll li hija prijorità li, għal raġunijiet ekonomiċi, politiċi u etiċi, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri jimplimentaw miżuri effettivi – dawk diġà miftiehma u oħrajn ġodda – kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-attivitajiet illeċiti tar-rifuġji fiskali.

1.11. Il-KESE jappoġġja l-passi meħtieġa biex tiġi approfondita l-UEM, inkluża t-tlestija sħiħa u rapida kemm tal-Unjoni Bankarja – l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, il-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u t-tisħiħ tal-qafas superviżorju Ewropew biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni tar- riskji – u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. It-tnejn li huma għandhom mhux biss jikkontribwixxu għal finanzjament aħjar u aktar diversifikat tal-ekonomija, iżda fl-istess ħin għandhom jagħmlu s-sistema finanzjarja u ekonomika aktar sigura, aktar stabbli u aktar reżiljenti għall-impatti permezz ta' aktar kondiviżjoni transkonfinali tar-riskju privat u integrazzjoni finanzjarja.

1.12. F'konformità mal-Opinjoni preċedenti tiegħu ECO/435, il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-euro hija l-munita tal-UE kollha u jenfasizza l-ħtieġa li:

— tinħoloq unjoni fiskali;

— tissaħħaħ ir-responsabbiltà u s-sjieda tal-Istati Membri għall-obbligi fir-rigward tal-UEM;

— jiġu introdotti riformi strutturali fi ħdan il-pjattaforma tas-Semestru Ewropew;

— jitkomplew jissaħħu l-koordinazzjoni ekonomika u l-governanza, u jinħoloq Fond Monetarju Ewropew;

— tittejjeb is-sistema ta' intermedjazzjoni finanzjarja, li twassal għat-tisħiħ ta' investiment fuq terminu twil billi jiġi ottimizzat ir-rwol tal-BEI, l-FEI u l-FEIS 2.0;

— l-UEM issir aktar reżiljenti sabiex tkun tista' teżerċita influwenza akbar fid-dinja.

## 2. **Sfond**

2.1. Wara t-tnedija tad-dibattitu dwar il-ġejjieni tal-Ewropa u d-dokumenti ta' riflessjoni li jakkumpanjawh, b'mod partikolari dwar l-approfondiment tal-UEM u l-ġejjieni tad-dimensjoni soċjali tal-UE, u l-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali mis-Summit Soċjali ta' Göteborg, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat l-Istħarriġ Annwali tagħha dwar it-Tkabbir, akkumpanjat minn rakkomandazzjoni għall-politiki taż-żona tal-euro għall-2018. Ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali tal-Kummissjoni Ewropea huma mqassra fil-punti li ġejjin:

([3]) F'dan ir-rigward ara l-Opinjonijiet tal-KESE li ġejjin: Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (2016) ĠU C 177, 18.5.2016, p.41; Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (2017) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 33; u Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017 (opinjoni addizzjonali) ĠU C 81 2.3.2018, p. 216.

2.2. Jitħaddmu politiki li jappoġġjaw tkabbir sostenibbli u inklużiv u li jtejbu r-reżiljenza, l-ibbilanċjar mill-ġdid u l-konverġenza. Jenħtieġ li l-Istati Membri b'defiċits fil-kontijiet kurrenti jew b'dejn estern kbir jimmiraw iżjed biex irażżnu t-tkabbir fil-kost tal-unità lavorattiva. Jenħtieġ li barra dan l-Istati Membri b'surpluses fil-kont kurrenti jippromovu t-tkabbir fil-pagi u jimplimentaw, bi prijorità, miżuri li jrawmu l-investiment, jappoġġjaw id-domanda domestika u jiffaċilitaw l-ibbilanċjar mill-ġdid fiż-żona tal-euro.

2.3. Jimmiraw lejn pożizzjoni fiskali newtrali fil-livell aggregat għaż-żona tal-euro u lejn taħlita ta' politika bbilanċjata.

2.4. Jimplimentaw riformi li jippromovu l-ħolqien tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u li jappoġġjaw il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni.

2.5. Ikomplu l-ħidma għall-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskji, inkluż il-ħolqien ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, iwasslu biex il-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni tibda topera u jsaħħu s-sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni tar-riskji.

2.6. Jieħdu miżuri biex jaċċelleraw b'mod tanġibbli t-tnaqqis fil-livelli tas-self improduttiv fuq il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill (ECOFIN) maqbul u jippromovu tnaqqis fl-ingranaġġ fl-Istati Membri bi stokks kbar ta' dejn privat. Isaħħu l-integrazzjoni u l-iżvilupp tas-swieq kapitali tal-UE biex jappoġġjaw it-tkabbir fl-ekonomija reali filwaqt li jissalvagwardjaw l-istabbiltà tas-suq finanzjarju.

2.7. Jagħmlu progress rapidu fl-ikkompletar tal-UEM.

3. **Kummenti ġenerali u speċifiċi**

3.1. Meta mqabbel ma' tbassiriet preċedenti tal-Kummissjoni Ewropea, il-produzzjoni qabdet ir-ritmu u nfirxet għal aktar Stati Membri fiż-żona tal-euro meta mqabbla mas-sena l-oħra. Min-naħa l-oħra, it-tliet kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu nnutati.

3.2. L-ewwel nett, li din l-aċċelerazzjoni fl-irkupru qed isseħħ wara perjodu relattivament twil ta' staġnar fiż-żona tal-euro kollha kemm hi, meta mqabbla ma' ekonomiji bħal dik tal-Istati Uniti. Dan l-istaġnar u l-falliment tal-politiki ekonomiċi fiż-żona tal-euro sabiex jimmitigawh ħallew ġrieħi serji ekonomiċi u soċjali f'ħafna partijiet taż-żona u dgħajfu l-fiduċja taċ-ċittadini fil-kapaċità tal-UE li ġġibbilhom il-prosperità.

3.3. Min-naħa l-oħra, fit-tbassir tagħha tal-ħarifa il-Kummissjoni Ewropea tbassar li r-rata ta' tkabbir tal-produzzjoni għall-2017 – 2,2 % – x'aktar tirrappreżenta l-ogħla livell meta mqabbla mal-2018 u l-2019, meta t-tkabbir huwa mistenni li jonqos ftit – b'2,1 % u 1,9 % rispettivament. Id-domanda domestika fiż-żona tal-euro, kif evidenzjat mis-surplus partikolarment għoli fil-kont kurrenti mal-bqija tad-dinja, baqgħet baxxa: il-konsum privat, għalkemm qed jikber, huwa mistenni li jibda jonqos, filwaqt li d-distakk fl-investiment jippersisti.

3.4. It-tielet nett, l-irkupru ddependa mill-appoġġ ipprovdut mill-BĊE li ħadem b'mod attiv permezz ta' politiki monetarji espansivi u mhux konvenzjonali, akkumpanjati minn politika fiskali ristretta bla bżonn. Il-BĊE reċentement ħabbar it-tneħħija gradwali tal-politiki tiegħu mhux konvenzjonali. Filwaqt li dan ma jfissirx neċessarjament li ser jitnaqqas l-appoġġ għall-politika monetarja, ma naqasx il-bżonn li l-politiki fiskali jappoġġjaw aktar l-irkupru.

3.5. Minbarra t-tibdil fil-politika monetarja u t-tnaqqis previst fit-tkabbir wara l-2018, hemm raġunijiet oħrajn biex tiġi proposta pożizzjoni fiskali pożittiva b'mod moderat fiż-żona tal-euro, li l-KESE jistabbilixxi għal 0,5 % tal-PDG: id-defiċit persistenti fl-investiment tiegħu, li ma jseħħx f'reġjuni ekonomiċi oħrajn fid-dinja; rata ta' qgħad li hija għolja wisq – 9,1 % fl-2017; u l-persistenza tar-riskji ġeopolitiċi u riskji fil-kummerċ dinji minħabba l-introduzzjoni ta' politiki protezzjonisti, partikolarment min-naħa tal-Istati Uniti. Huwa għalhekk meħtieġ li t-taħlita ta' politiki tuża l-istrumenti kollha li jiffavorixxu t-tkabbir sostenibbli.

3.6. Il-KESE jaħseb li pożizzjoni fiskali kemxejn iktar espansjonarja għaż-żona tal-euro kollha minn dik attwalment proposta mill-Kummissjoni Ewropea tkun ta' benefiċċju għall-irkupru u kompatibbli fuq medda twila ta' żmien fir-rigward tas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. L-applikazzjoni tar-"regola tad-deheb għall-investiment" (inkluż l-investiment soċjali) fl-implimentazzjoni tar-regoli fiskali tista' tgħin f'dan ir-rigward u toħloq kuntest favorevoli għal tkabbir aktar inkluživ u konverġenza 'l fuq. Huwa daqstant importanti li jiġi promoss l-investiment soċjalment responsabbli u ta' inizjattivi maħsuba biex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU.

3.7. Il-KESE jesprimi li jaqbel totalment mal-kriterju tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li l-pajjiżi bi spazju fiskali u bilanċi ta' surpluses fil-pagamenti jżidu r-rati tagħhom ta' investiment pubbliku dment li dan jiġġenera effetti konsegwenzjali pożittivi għall-bqija taż-żona tal-euro. L-effetti fit-tul fuq il-PDG jeċċedu l-impatt fuq perjodu qasir minħabba li l-investiment pubbliku jżid il-produttività tal-kapital privat u x-xogħol fuq perjodu twil ta' żmien ([4]).

3.8. Il-KESE jilqa' bi pjaċir it-talba tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri b'defiċits fil-kontijiet kurrenti u dejn barrani għoli biex jiffukaw mhux biss biex itejbu t-tkabbir tal-produttività tagħhom, iżda biex itejbu wkoll l-ambjent tagħhom tan-negozju. F'dan il-kuntest, jinnota li ridistribuzzjoni ġusta tad-dħul u l-ġid li jirriżultaw miż-żieda fil-produttività għandha żżid l-ugwaljanza u tħalli impatt pożittiv fuq id-domanda domestika u aggregata fiż-żona tal-euro. Huwa importanti li tiġi stimolata d-domanda domestika bħala kundizzjoni meħtieġa biex jiġi appoġġjat it-tkabbir u biex tingħeleb il-kriżi. Iż-żieda fil-pagi, b'mod partikolari ta' dawk l-iktar baxxi, illum hija waħda mill-istrumenti l-aktar importanti sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet fl-ekonomija u fis-soċjetà Ewropej.

3.9. Il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali għandha tkun kkomplementata minn progress lejn armonizzazzjoni fiskali, u wieħed mill-objettivi ewlenin ikun biex jitwaqqaf l-evitar tat-taxxa fl-UE. Il-KESE jappoġġja l-adozzjoni urġenti tad-Direttiva dwar il-BKKTK. Din hija strument meħtieġ sabiex jiġu implimentati miżuri li jwaqqfu l-evażjoni fiskali skandaluża mwettqa minn diversi kumpaniji multinazzjonali u li jċaħħdu lill-baġits pubbliċi minn ammont ta' bejn EUR 40 u 60 biljun ([5]), waqt li jeżerċitaw kompetizzjoni inġusta fil-konfront ta' kumpaniji li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom tat-taxxa.

3.10. L-evażjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus jew il-ġabra ta' attivitajiet illeċiti żviluppati f'rifuġji fiskali jċaqalqu somom ħafna ogħla minn dawk tal-paragrafu preċedenti li jnaqqsu mill-finanzi pubbliċi fi żmien meta huma l-aktar meħtieġa. Fil-fehma tal-KESE, għandha tkun prijorità għall-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tagħhom li jmexxu l-ġlieda globali kontra dawn ir-reati u b'mod urġenti jimplimentaw l-istrumenti legali li diġà ġew approvati biex jindirizzawhom u jieħdu kwalunkwe miżura li hija meħtieġa biex inaqqsuhom b'mod sinifikanti.

3.11. Il-KESE jemmen li fir-riformi strutturali għandha tingħata prijorità lil dawk ir-riformi li jsaħħu t-tkabbir tal-produttività iżda wkoll li jsaħħu s-sigurtà tal-impjieg u s-sistema tal-protezzjoni soċjali fi ħdan il-qafas ta' kundizzjonijiet tan-negozju adatti. L-ebda pajjiż taż-żona tal-euro ma jista' jikkompeti fid-dinja moderna abbażi ta' pagi baxxi u impjieg okkażjonali. L-enfasi għandha tkun fuq riformi li jikkombinaw flessibbiltà negozjata mas-sigurtà sabiex jissaħħu, u jinħolqu inċentivi għat-tisħiħ tal-ħiliet u tal-innovazzjoni. Ir-riformi tas-suq tax-xogħol għandhom jippromovu aktar stabbiltà tal-impjieg, li tgħin biex ittejjeb kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda tal-ekonomija taż-żona tal-euro, anke fuq perjodu ta' żmien qasir. Huma għandhom jikkontribwixxu wkoll għat-tisħiħ tan-negozjar kollettiv, abbażi tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali u tad-djalogu soċjali.

3.12. Il-KESE jaħseb li l-passi proposti sabiex tiġi kkompletata l-Unjoni Bankarja huma essenzjali sabiex jittaffa l-piż fuq il-baġits tal-gvern nazzjonali, filwaqt li jiġi żgurat il-benefiċċju pubbliku ta' stabbiltà tas-sistema bankarja.

([4]) Commission Staff Working Document: Analysis of the Euro Area economy, accompanying the document, Recommendation for a Council Recommendation on the economic policy of the euro area, SWD(2017) 660 final, paġna 5 (mhux disponibbli bil-Malti).
([5]) Commission Staff Working Document, Ibid, paġna 9.

3.13. Barra minn hekk, għandha ssir ħidma għall-istabbiliment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Flimkien mal-Unjoni Bankarja, din għandha tippermetti li tespandi u tiddiversifika s-sorsi ta' finanzjament għall-ekonomija. Aktar kondiviżjoni transkonfinali tar-riskju privat u integrazzjoni finanzjarja għandhom jagħmlu lis-sistema ekonomika u finanzjarja aktar sigura, aktar stabbli u aktar reżiljenti għall-impatti. Fejn xieraq, jistgħu jgħinu biex l-effetti asimettriċi tal-impatti ekonomiċi jiġu assorbiti b'mod aktar effettiv, li jkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha.

3.14. B'konformità ma' dan ta' hawn fuq, il-KESE jenfasizza għal darb'oħra li huwa importanti ħafna li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' self improduttiv tal-banek sabiex jiġu kkomplementati l-politiki li għandhom l-għan li jniedu mill-ġdid it-tkabbir. Sabiex il-problema tiġi indirizzata għandhom jittieħdu passi minnufih, filwaqt li fl-istess ħin jitqiesu l-aspetti tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur"**

*[COM(2017) 281 final – 2017/0123 (COD)]*

(2018/C 197/07)

Relaturi: **Stefan BACK** u **Pasi MOISIO**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 15.6.2017 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.6.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 91 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.1.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 221/3/2 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-objettiv tal-Proposta u l-Pakkett kollu tal-Mobbiltà biex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur Ewropew tal-mobbiltà, inkluż billi jiġi żgurat suq intern li jkun soċjalment ġust u kompetittiv għas-servizzi tat-trasport bit-triq ([1]).

1.2. Il-KESE jilqa' l-enfasi tal-Komunikazzjoni fuq mobbiltà nadifa, kooperattiva u konnessa li tippermetti għażliet multimodali sostenibbli u effiċjenti u r-rikonoxximent tar-rwol kruċjali tat-trasport bit-triq.

1.3. Għalhekk il-KESE jilqa' l-għanijiet tal-Proposta biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni f'suq intern tat-traport bit-triq mhux frammentat u li jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq in-negozji, jittejbu ċ-ċarezza u l-infurzar tal-qafas regolatorju u jiġu indirizzati abbużi bħall-użu ta' kumpaniji tal-isem, mudelli ta' negozju b'nuqqas ta' trasparenza u l-kabotaġġ illegali.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-għanijiet tal-Proposta biex fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jiġu introdotti rekwiżiti ta' stabbiliment li għandhom jipprevjenu l-użu ta' kumpaniji tal-isem għall-operazzjonijiet tat-trasport bit-triq, u biex jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-konformità, inkluż permezz tat-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-awtoritajiet u l-implimentazzjoni tar-Reġistru elettroniku Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU).

Il-KESE jappoġġja wkoll ir-regoli mtejba dwar il-proċeduri ta' ksur u dwar il-valutazzjoni ta' sanzjonijiet li jinvolvu riskju ta' telf ta' reputazzjoni tajba, żewġ miżuri li jtejbu ċ-ċertezza legali. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżiti tal-limitu stabbilit fl-Artikolu 6 paragrafu 1, it-tielet sottoparagrafu (a) u (b), għal ksur li jkollu effett fuq ir-reputazzjoni tajba.

Fir-rigward tal-kumpaniji tal-isem, il-KESE jikkonkludi li l-infurzar effiċjenti ser jibqa' jiddependi mill-effiċjenza tal-awtoritajiet nazzjonali, il-kooperazzjoni transkonfinali effiċjenti u interpretazzjoni uniformi tal-kriterji ta' stabbiliment. Jenħtieġ li jitqies ukoll il-progress fil-qasam diġitali.

([1]) ĠU L 13, 15.1.2016, p. 176.

Il-KESE jilqa' it-titjib tal-informazzjoni disponibbli fir-reġistri nazzjonali u l-introduzzjoni ta' limiti ta' żmien biex jingħataw tweġibiet għal talbiet għal informazzjoni. Il-KESE jilqa' li l-awtoritajiet ta' kontroll ikunu jistgħu jaċċessaw f'ħin reali l-informazzjoni disponibbli b'mod elettroniku fir-reġistri nazzjonali.

Il-KESE jqis li d-data li trid tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar is-sewwieqa impjegati minn intrapriża, li hija rilevanti sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' konformità mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra tali miżura.

1.5. Il-KESE jistaqsi dwar il-mod mhux komplut ta' kif il-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) iddaħħlu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 dwar id-dħul għall-professjoni u jiddubita l-valur miżjud ta' din il-miżura fid-dawl tal-fatt li dawn il-vetturi għadhom esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Il-KESE għalhekk iqis li l-LCVs għandhom ikunu kompletament koperti mir-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u 1072/2009, għalkemm possibbilment b'mod limitat.

1.6. Il-KESE jilqa' l-għan prinċipali tal-emendi proposti għar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 sabiex jiġu ssemplifikati u ċċarati r-regoli dwar il-kabotaġġ u jissaħħaħ il-monitoraġġ tal-konformità. Il-KESE jinnota l-potenzjal tat-takografu diġitali bħala mezz effiċjenti ta' kontroll tal-konformità u jappoġġja l-istallazzjoni bikrija tiegħu, inkluż fil-vetturi eżistenti.

Madankollu, il-KESE jenfasizza bil-qawwa li l-emendi proposti rigward il-kabotaġġ jistgħu jiġu introdotti b'suċċess u b'mod ġust biss jekk jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiċċaraw meta l-forniment ta' servizzi ta' kabotaġġ ma jibqax temporanju u jinħoloq obbligu ta' stabbiliment u jekk is-sensiela kollha ta' regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema tapplika għal kull operazzjoni ta' kabotaġġ mingħajr eżenzjoni.

1.7. Il-KESE jiddispjaċih li din l-okkażjoni ma ntużatx biex jiġu ċċarati għadd ta' punti oħrajn rigward ir-regoli ta' kabotaġġ, li kienu s-suġġett ta' interpretazzjonijiet differenti. Prerekwiżit essenzjali għall-monitoraġġ effiċjenti tal-konformità, b'mod partikolari waqt kontrolli fil-ġenb tat-triq, huwa li jkun hemm regoli ċari u sempliċi li jippermettu valutazzjoni tal-konformità immedjata u ċerta fuq il-bażi tal-fatti disponibbli mill-ewwel. Il-KESE jiddispjaċih li għalkemm il-Proposta hija pass 'il quddiem, il-leġislazzjoni għadha mhix ċara u hija soġġetta għall-interpretazzjonijiet differenti dwar għadd ta' punti.

1.8. Il-KESE jiddispjaċih li d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-trasport ikkombinat, li fil-prattika tipprovdi aċċess għas-suq parallel, mhijiex indirizzata fl-istess ħin bħar-Regolamenti (KE) Nru 1071 u Nru 1072/2009. Sabiex ikun hemm leġislazzjoni effettiva, il-kabotaġġ fil-forom kollha għandu jkun soġġett għal regoli simili.

1.9. Il-KESE jappoġġja l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq bħala mezz effiċjenti biex jitjieb l-infurzar transkonfinali f'dan is-settur.

## 2. **Sfond**

2.1. Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 u r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur ("il-Proposta") tagħmel parti mill-Pakkett tal-Mobbiltà ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fil-31 ta' Mejju 2017.

2.2. L-għanijiet ewlenin tal-Proposta huma:

li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal mobbiltà kompetittiva u ġusta, jiġu eliminati l-kumpaniji tal-isem, jiġu ssemplifikati u ċċarati r-regoli dwar il-kabotaġġ, ikun hemm monitoraġġ effikaċi permezz ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet, fost l-oħrajn permezz tar-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU).

2.3. L-għanijiet globali tal-pakkett kollu kemm hu, barra mill-għanijiet stabbiliti fil-punti 2.1 u 2.2 hawn fuq, huma stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Attiva. Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd" [COM(2017) 283] ("il-Komunikazzjoni").

2.4. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi strateġija biex l-Ewropa żżomm ir-rwol tagħha bħala mexxej fil-qasam tal-mobbiltà kompetittiva, kooperattiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent li tippermetti għażliet multimodali effiċjenti u sostenibbli. Dan hu meħtieġ minħabba r-rwol essenzjali tal-mobbiltà fil-funzjonament ta' Ewropa mingħajr fruntieri u jirrikjedi sistema ta' mobbiltà moderna, li hija importanti għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

2.5. Il-Komunikazzjoni tirrikonoxxi r-rwol ewlieni tat-trasport bit-triq u hija akkumpanjata minn sett ta' proposti li jiffukaw fuq dan is-settur, inkluż qafas għal suq intern b'saħħtu, kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fit-trasport tal-merkanzija bit-triq, trasport digitalizzat u regoli riveduti dwar il-pedaġġi tat-triq.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jappoġġja l-istrateġija tal-mobbiltà deskritta fil-Komunikazzjoni bl-enfasi tagħha fuq il-multimodalità ottima u r-rikonoxximent tar-rwol kruċjali tat-trasport bit-triq.

3.2. L-għanijiet ewlenin tal-Proposta biex jiġu eliminati l-kumpaniji tal-isem u jiġu ssemplifikati r-regoli dwar il-kabotaġġ fuq it-trasport bit-triq biex dawn jinftiehmu aħjar u biex jiġu infurzati b'mod aktar faċli huma konformi mal-għan li jiġi żgurat suq intern ġust u kompetittiv fit-trasport bit-triq stabbilit fil-Komunikazzjoni u huma appoġġjati bis-sħiħ mill-KESE.

3.3. Il-KESE jirreferi għall-Opinjonijiet preċedenti tiegħu TEN/566 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Progress u Sfidi" u TEN/575 "Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ" fejn ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jitlesta s-suq intern fil-qasam tat-trasport bit-triq, kif ukoll il-ħtieġa tal-prevenzjoni tal-frodi, iċ-ċirkomvenzjoni u l-abbuż, inkluż permezz tal-operazzjoni bis-saħħa ta' kumpaniji tal-isem u ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli dwar il-kabotaġġ. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Proposta tindirizza wħud mill-problemi urġenti ferm imqajma f'dawn l-opinjonijiet. Madankollu, il-KESE jiddispjaċih dwar il-fatt li ma ttiħditx l-opportunità biex jiġi indirizzat b'mod espliċitu d-dumping soċjali, definit b'mod kunsenswali mill-KESE fl-Opinjonijiet imsemmija ([2]) bħala azzjoni ta' frodi, evażjoni u abbuż (ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-14 ta' Settembru 2016 tal-Parlament Ewropew dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea, l-ewwel sezzjoni, punt 1 (2015/2255 (INI)).

3.4. Jibqa', madankollu, il-kwistjoni ta' jekk il-mezzi magħżula biex jindirizzaw dawn il-problemi humiex adegwati, jekk kellhomx jittieħdu miżuri oħra jew miżuri ulterjuri u jekk il-miżuri proposti humiex sproporzjonati fid-dawl tal-għanijiet imfittxija.

3.5. Il-KESE huwa tal-fehma li l-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq se jkun ta' importanza ewlenija fit-tisħiħ tal-infurzar transkonfinali fit-trasport bit-triq.

## 4. **Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 —l-aċċess għall-professjoni**

4.1. Il-KESE jappoġġja l-emendi għall-Artikolu 1 peress li jagħmlu t-test aktar ċar jew inkella jagħtu valur miżjud billi jtejbu l-funzjonament tas-suq intern fit-trasport bit-triq. Il-KESE jiddubita l-valur miżjud li jiġi kwotat wieħed minn ħafna każijiet possibbli ta' attività mhux kummerċjali fiż-żieda proposta għall-Artikolu 1(4)(b), mingħajr ma tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-oneru tal-prova li fil-prinċipju għandu jaqa' fuq dawk li jeżerċitaw attività. Il-proposta dwar dan il-punt tista' toħloq iktar problemi milli ssolvi. Ma żżid l-ebda ċertezza legali u toħloq ir-riskju li jiżdiedu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-ħolqien ta' "suq griż" (mhux uffiċjali).

4.2. L-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu 6 l-ġdid tal-Artikolu 1 jinkludi impriżi li joperaw LCVs ta' anqas minn 3,5 tunnellati fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament iżda jeskludihom mir-rekwiżiti ta' reputazzjoni tajba u l-kompetenza professjonali kif ukoll mir-rekwiżit għal maniġer tat-trasport.

Il-KESE jqis li dawn l-eżenzjonijiet jibagħtu sinjal negattiv ħafna. Il-KESE jirrakkomanda l-inklużjoni sħiħa tal-LCVs fir-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u Nru 1072/2009, għalkemm possibbilment b'mod limitat. Dan biss jista' jiżgura l-livell komuni ta' professjonalizzazzjoni tas-settur u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

Il-KESE jenfasizza li għandhom jiġu pprovduti riżorsi adegwati biex jittrattaw iż-żieda tal-volumi ta' xogħol meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mal-kamp ta' applikazzjoni usa' tar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u Nru 1072/2009.

Il-KESE jistaqsi wkoll dwar il-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri li japplikaw, kompletament jew parzjalment, id-dispożizzjonijiet dwar ir-reputazzjoni tajba, il-kompetenza professjonali, il-kapaċità tal-maniġer tat-trasport fir-rigward tal-vetturi kummerċjali ħfief. Din l-għażla thedded li tfixkel il-koerenza tas-suq intern. Barra minn hekk, mhuwiex koerenti mal-proposta li titħassar l-għażla skont l-Artikolu 3.2 attwali li jippermetti lill-Istati Membri jżidu aktar rekwiżiti għad-dħul għall-professjoni.

([2]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 176,

4.3. Il-KESE jappoġġja t-tneħħija tal-possibilità li, taħt l-Artikolu 3.2, l-Istati Membri jimponu rekwiżiti addizzjonali għad-dħul għall-professjoni, apparti dawk stipulati fl-Artikolu 3.

4.4. L-emendi proposti għall-istabbiliment tal-kriterji fl-Artikolu 5 huma diretti kontra l-kumpaniji tal-isem. Ir-rekwiżiti proposti huma iktar żviluppati mid-dispożizzjonijiet attwali. Il-Proposta tqiegħed enfasi ikbar fuq l-eżerċizzju attwali ta' attivitajiet kummerċjali u amministrattivi fis-sede tal-impriżi fl-Istati Membri fejn ikunu stabbiliti, fejn għandhom jinżammu wkoll id-dokumenti tan-negozji ewlenin, pereżempju billi żżid li l-attivitajiet amministrattivi u kummerċjali għandhom jitwettqu kontinwament u effettivament f'dak l-Istat Membru filwaqt li jinżamm ir-rekwiżit għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport tal-vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriża. Barra minn hekk, jiżdied ir-rekwiżit li l-impriża għandu jkollha assi u timpjega persunal b'mod proporzjonat mal-attività tal-istabbiliment. Il-KESE jappoġġja dawn l-emendi u jenfasizza l-importanza ta' interpretazzjoni uniformi sabiex tiġi żgurata l-prevedibbiltà. Il-KESE jassumi li d-dokumenti tan-negozji ewlenin jistgħu jinżammu wkoll f'format elettroniku, kull fejn huwa legalment possibbli.

4.5. Madankollu, il-KESE jemmen li ser jibqa' diffiċli biex jiġi provat li attività ssir fil-forma ta' kumpanija tal-isem. It-testi proposti jħallu marġni kbir ta' diskrezzjoni li jġib miegħu riskju ta' prattiki diskrezzjonali diverġenti. Id-deċiżjonijiet ibbażati fuq testi bħal dawn jistgħu faċilment jiġu sfidati. Jistgħu jinqalgħu problemi partikolari ma' impriżi li huma parti minn grupp internazzjonali jew li jesternalizzaw, pereżempju, ċerti attivitajiet amministrattivi. Hemm riskju ovvju li l-prattiki nazzjonali jistgħu jevolvu b'mod differenti ħafna minħabba interpretazzjonijiet nazzjonali diverġenti.

4.6. Fil-fehma tal-KESE tista' tinkiseb stampa aktar ċara tal-istatus ta' impriża permezz ta' obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar is-sjieda ([3]).

4.7. Għaldaqstant, jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet fl-implimentazzjoni u jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni transkonfinali effiċjenti u ta' skambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet tal-infurzar.

4.8. Il-KESE jieħu nota tal-fatt li minkejja d-dettalji ulterjurji miżjuda fit-tieni subparagrafu tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 6 dwar iċ-ċirku ta' persuni li l-imġiba tagħhom tista' tinfluwenza l-valutazzjoni tar-reputazzjoni tajba, l-Istati Membri xorta ser ikunu liberi li jżidu aktar "persun[i] rilevanti". Għaldaqstant, iċ-ċirku ta' persuni kkonċernati xorta jista' jvarja bejn l-Istati Membri.

Il-KESE jappoġġja ż-żieda ta' "liġi dwar it-taxxa" bħala bażi biex tiġi ddubitata reputazzjoni tajba kif propost fit-tielet sottoparagrafu (a) tal-istess paragrafu li tirrifletti l-importanza dejjem akbar mogħtija lill-konformità mal-liġi dwar it-taxxa, kif ukoll l-importanza mogħtija lill-konformità mar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, riflessa fl-Artikolu 6, paragrafu 1, it-tielet sottoparagrafu (b) xi.

Fiż-żewġ każijiet, iċ-ċertezza legali hija żgurata permezz ta' limiti massimi bil-kundizzjoni li huma biss l-atti li rriżultaw f'kundanni jew sanzjonijiet għal ksur serju tar-regoli nazzjonali jew tal-UE li għandhom jiġu kkunsidrati.

4.9. Il-KESE għandu dubji dwar l-inklużjoni ta' sanzjonijiet għal ksur serju tal-liġi tal-UE rigward il-liġi applikabbli għal obbligu kuntrattwali peress li dan il-punt jikkonċerna r-regoli dwar l-għażla tal-liġi applikabbli, u mhux problemi sostantivi. Jekk din id-dispożizzjoni tikkonċerna l-ksur tal-għażla obbligatorja tar-regoli legali applikabbli, dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar. Miżura aktar pertinenti tista' tkun li jiġu indirizzati s-sejbiet negattivi fi proċedimenti ċivili bbażati fuq kondotta ħażina, frodi jew ġestjoni ħażina.

4.10. Il-KESE japprova l-emendi għad-dispożizzjonijiet proċedurali fl-Artikolu 6(2). Fid-dawl tal-effetti potenzjali ta' ksur serju tar-regoli tal-UE fir-rigward tal-possibbiltajiet ta' impriża jew maniġer tat-trasport biex iwettqu attività, il-KESE jistaqsi kemm hu xieraq li jkun hemm lista ta' atti bħal dawn mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati kif propost fil-paragrafu l-ġdid 2(a) tal-Artikolu 6.

4.11. Il-KESE jiddubita l-proporzjonalità tal-limitu ta' sena għar-riabilitazzjoni ta' maniġer tat-trasport mid-data tat-telf ta' reputazzjoni tajba. Iż-żmien u l-adegwatezza tar-restituzzjoni ta' reputazzjoni tajba għandhom ikunu determinati fuq bażi ta' każ b'każ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

([3]) ĠU L 140, 30.5.2012, p. 32.

4.11.1. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet dwar il-kapaċità finanzjarja, il-KESE għandu dubji dwar il-proposta għal dispożizzjoni fil-paragrafu 2 l-ġdid tal-Artikolu 7 li jistipula li l-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi "dokument vinkolanti ieħor" bħala prova suffiċjenti ta' kapaċità finanzjarja. Id-dispożizzjoni proposta mhijiex sodisfaċenti peress li n-natura tad-dokument inkwistjoni hija vaga wisq.

4.12. Il-KESE japprova l-proposta li tiġi inkluża informazzjoni addizzjonali fir-reġistri elettroniċi nazzjonali skont l-Artikolu 16, u li kull ksur jiddaħħal fir-reġistru. B'mod partikolari, il-KESE jilqa' l-limitu ta' ħamest ijiem biex tingħata tweġiba għal talba għal informazzjoni u jinnota li l-awtoritajiet ta' kontroll għandhom jingħataw aċċess f'ħin reali, matul il-kontrolli mal-ġenb tat-triq u/jew tal-kumpanija, għall-informazzjoni kollha disponibbli f'forma elettronika fir-reġistri rilevanti.

Il-KESE jqis ukoll li d-data li trid tiddaħħal fir-reġistri elettroniċi nazzjonali għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar is-sewwieqa impjegati minn intrapriża, li hija rilevanti sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' konformità mal-liġijiet soċjali u tax-xogħol. Dan ikollu impatt partikolari fuq it-tnaqqis tal-prattiki frodulenti msemmija fil-punt 3.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra tali miżura (ara r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2017 dwar it-trasport bit-triq fl-Unjoni Ewropea, (2017/2545 (RSP)), punt. 33).

4.13. Il-KESE jilqa' t-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva fl-Artikolu 18 il-ġdid inkluż l-introduzzjoni ta' proċeduri ċari u limiti ta' żmien għall-konformità ma' talba għall-informazzjoni. Madankollu, il-KESE jissuġġerixxi t-titjib li ġej:

Fil-paragrafu 3, il-KESE jissuġġerixxi li l-kontrolli għandhom dejjem jitwettqu meta mitluba mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra. Huwa ssuġġerit ukoll li r-rekwiżit tal-kredibilità fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 3 jitneħħa peress li l-kwistjoni ta' sostanzjament tat-talba għall-informazzjoni hija indirizzata b'mod adegwat fil-paragrafu 4.

Il-KESE jqis li l-limitu ta' żmien fil-paragrafu 5 dwar li Stat Membru li jagħmel it-talba jiġi infurmat dwar problemi fil-ksib ta' informazzjoni għandu jitqassar għal ħamest ijiem.

4.14. Il-KESE japprezza l-obbligu ta' rapport annwali dwar talbiet li jsiru skont l-Artikolu 18 paragrafi 3 u 4 u l-mod kif dawn ġew segwiti. Il-kooperazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri hija essenzjali għal infurzar effiċjenti u l-monitoraġġ tal-konformità huwa għalhekk essenzjali.

## 5. **Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 – l-aċċess għas-suq**

5.1. Il-KESE jilqa' l-emendi proposti bil-għan li jiġu kjarifikati r-regoli dwar l-aċċess għas-suq rigward il-kabotaġġ u d-disponibbiltà tal-evidenza għall-kontrolli mal-ġenb tat-triq. Madankollu, il-proposti magħmula jqajmu għadd ta' mistoqsijiet, kif stipulat hawn taħt. Il-KESE jiddispjaċih ukoll li għadd ta' kwistjonijiet, l-aktar rigward il-kabotaġġ, għadhom ma ssolvewx, kif spjegat hawn taħt.

5.2. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjonijiet ġenerali li ġejjin.

— Kif indikat fil-punt 4.2, il-KESE jiddispjaċih li r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 mhuwiex estiż għall-LCVs li jfisser ftuħ tas-suq mhux ġustifikat għall-vetturi koperti minn regoli dwar l-aċċess għall-professjoni. Dan jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jkollu impatt negattiv pereżempju fuq il-konġestjoni u l-ambjent.

— Il-KESE jiddispjaċih li fil-Proposta mhijiex indirizzata l-kwistjoni ta' meta attività ta' kabotaġġ ma tibqax temporanja imma ssir attività permanenti u kontinwa, ma jibqax japplika id-dritt li jiġu pprovduti servizzi fi Stat Membru differenti minn dak li fih l-intrapriża hija stabbilita, kif definit fl-Artikolu 8.

Is-sitwazzjoni attwali, fejn l-operazzjonijiet li jirrispettaw il-kriterji formali għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ, kif stabbiliti fl-Artikolu 8, jistgħu jitwettqu sistematikament u regolarment matul perjodu twil, anki taħt kuntratt fit-tul, u jibqgħu temporanji, mhijiex sodisfaċenti u mhix konsistenti mal-kriterji li jiddefinixxu n-natura temporanja tad-dritt li jiġu provduti servizzi transkonfinali (ara Rapporti tal-Qorti Ewropea 1995 p. I-04165 u Rapporti tal-Qorti Ewropea 1985 p. 01513). Għaldaqstant, il-KESE jqis li huwa kruċjali li tiġi stabbilita regola ċara dwar dak li huwa temporanju.

Il-KESE jinnota li l-Artikolu 91(1)(b) tat-TFUE jagħti lil-leġisatur tal-UE marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kabotaġġ bħala provvista temporanja ta' servizzi. Soluzzjonijiet possibbli jistgħu jkunu numru massimu ta' operazzjonijiet jew ta' jiem operazzjonali matul perjodu partikolari jew li jiġi stabbilit perjodu ta' mistrieħ (cooling-off period) bejn is-sensiliet ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ. Fil-fehma tal-KESE, huwa importanti ħafna li r-regoli dwar din il-kwistjoni jkunu ċari u faċli biex jiġu applikati, pereżempju, waqt kontroll mal-ġenb tat-triq.

— L-iżgurar li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom aċċess għal persunal b'kompetenza adegwata biex iwettqu verifiki effettivi skont l-Artikolu 10a propost huwa ta' importanza ewlenija għall-monitoraġġ effiċjenti tal-konformità. Fil-fehma tal-KESE, huwa essenzjali li jiġu stabbiliti dawn l-elementi u li jitwaqqaf netwerk għall-iskambju tal-aħjar prattika.

— Il-KESE jiddispjaċih li l-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 92/106/KEE dwar it-trasport ikkombinat ma ġietx ippreżentata fl-istess waqt tal-Proposta peress li, fil-prattika, din id-Direttiva tistabbilixxi aċċess għas-suq parallel għall-operazzjonijiet tat-trasport nazzjonali għal trasportaturi tal-merkanzija stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Fil-fehma tal-KESE, l-għan tal-politika tat-trasport kompletament leġittima li tippromovi ktajjen tat-trasport ikkombinat għandu jinkiseb permezz ta' mezzi oħra mingħajr din ir-regola speċjali ta' aċċess għas-suq. Għalhekk il-parti ta' vjaġġ li ssir bit-triq f'operazzjoni tat-trasport ikkombinat lejn u minn portijiet jew terminals ferrovjarji ġewwa Stat Membru wieħed għandha titqies bħala operazzjoni tat-trasport nazzjonali u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 jew id-dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward.

5.3. Il-KESE jieħu nota taż-żieda mal-Artikolu 1 paragrafu 1 rigward it-trasport ta' kontejners vojta jew ta' pallets u jikkonkludi li kuntratt tat-trasport huwa deċiżiv u b'hekk anke tagħbija insinifikanti ħafna tikkwalifika bħala trasport għall-kiri jew bi ħlas.

5.4. Il-limitazzjoni attwali għal tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ matul il-perjodu ta' kabotaġġ kienet soġġetta għal interpretazzjoni differenti ta' x'inhu inkluż f'operazzjoni waħda u kien diffiċli, saħansitra impossibbli, li tiġi kkontrollata l-konformità ma' din ir-regola fil-prattika.

Il-KESE japprova l-proposta li tiġi eliminata l-limitazzjoni għal tliet operazzjonijiet u li jitnaqqas il-ħin disponibbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ minn seba' għal ħamest ijiem sakemm:

1. In-natura temporanja tal-kabotaġġ tiġi żgurata permezz ta' definizzjoni ċara, kif mitlub fil-punt 5.2 hawn fuq;

2. Ir-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema (Direttivi 96/71/KE u 2014/67/KE) japplikaw għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ kollha sa mill-ewwel ġurnata. Dan jista' jsir billi jiġu inklużi d-Direttivi 96/71/KE u 2014/67/KE fost ir-regoli applikabbli għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ fl-Artikolu 9, irrispettivament mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71 KE.

Inkella, il-KESE jippreferi li jinżammu r-regoli attwali dwar il-kabotaġġ għax il-proposta magħmula mill-Kummissjoni, li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet t'hawn fuq, fil-prattika tfisser kważi l-ftuħ sħiħ tas-suq li jista' jikkawża effetti imprevedibbli fis-suq.

Il-KESE jilqa' wkoll il-limitazzjoni tal-operazzjonijiet ta' kabotaġġ awtorizzati fi Stati Membri oħra minbarra dak li huwa d-destinatarju ta' vjaġġ internazzjonali (l-Istat Membru ospitanti), għall-Istati Membri kontigwi għall-Istat Membru li jiffaċilita l-kontroll tal-konformità. Madankollu, il-Proposta għandha tiġi emendata biex tagħmilha ċara li d-drittijiet ġodda tal-kabotaġġ wara operazzjoni ta' trasport internazzjonali lejn Stat Membru kontigwu ser iġibu fi tmiemhom id-drittijiet tal-kabotaġġ eżistenti sabiex tiġi evitata akkumulazzjoni ta' drittijiet bħal dawn ("katina tal-kabotaġġ"). Din il-kwistjoni ta' previdibilità legali hija importanti ħafna.

5.5. Il-bidliet proposti għar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport [COM(2017) 278] jagħmluha ċara li dawk ir-regoli ser japplikaw għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ mill-ewwel ġurnata. Għalkemm ir-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema jafu ma jeliminawx għalkollox id-distakk tal-livell tal-ispiża bejn l-Istati Membri, dan ir-regolament jista' jnaqqsu. Madankollu, il-KESE jistaqsi dwar l-effiċjenza ta' dikjarazzjoni ta' stazzjonar eħfef anke għal perjodu ta' sitt xhur u rekwiżiti ta' dokumentazzjoni inqas onerużi mingħajr obbligu li jinħatar rappreżentant rigward il-kabotaġġ proposti mill-Kummissjoni fil-proposta għal regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u tad-Direttiva 2014/67/UE, sakemm ma tiġix riżolta l-kwistjoni dwar in-natura temporanja tal-kabotaġġ stipulata fil-punti 1.6 u 5.2.

5.6. Fl-2011 il-Kummissjoni tat il-fehmiet tagħha dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ f'għadd ta' punti (Ir-reġim il-ġdid tal-kabotaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ MOVE). Il-proposta attwali inkludiet il-fehma tal-Kummissjoni fir-rigward ta' operazzjoni ta' kabotaġġ fl-emenda proposta għad-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 2(6) u ssolvi l-kwistjoni tad-disponibbiltà ta' dokumentazzjoni fil-vettura għal spezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, li hija indirizzata fil-proposta għal paragrafu 4(a) ġdid fl-Artikolu 8.

Il-KESE jilqa' dawn lil-kjarifiki iżda jiddispjaċih li xi mistoqsijiet pertinenti oħra indirizzati fid-dokument interpretattiv tal-Kummissjoni ma ġewx indirizzati fil-Proposta. Dan huwa l-każ tal-kwistjoni ta' jekk il-merkanzija internazzjonali kollha għandhiex tasal qabel ma jkun jista' jibda l-kabotaġġ u kif għandu jiġi kkalkulat il-perjodu ta' sebat ijiem ta' kabotaġġ kif stipulat fl-Artikolu 8 paragrafu 2 attwali.

Il-KESE jiddispjaċih ukoll li ġietx sfruttata din l-opportunità biex jiġi ċċarat jekk id-data tat-takografu tistax tintuża wkoll għall-verifika tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-kabotaġġ. Id-dokument interpretattiv tal-2011 tal-Kummissjoni jagħmilha ċara li l-fehma tal-Kummissjoni hija li dan huwa l-każ. Il-KESE jqis li l-opportunità kellha tintuża biex dan il-punt jiġi ċċarat għalkollox fit-test tar-Regolament.

Fi kwalunkwe każ, il-KESE jindika l-importanza li t-takografu diġitali jkun għalkollox disponibbli bħala mezz ta' kontroll tal-konformità u jixtieq jara tnaqqis sostanzjali fil-limitu ta' żmien għall-istallazzjoni ta' dan it-tip ta' takografu f'vetturi eżistenti.

5.7. Il-KESE jilqa' d-dispożizzjoni l-ġdida dwar ir-responsabbiltà fl-Artikolu 14(a), iżda jirrimarka li s-sejba ta' provi dwar l-ikkummissjonar volontarju ta' servizzi illegali tista' tkun problematika.

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq"**

*[COM(2017) 278 final – 2017/0121(COD)]*

**u**

**dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi"**

*[COM(2017) 277 final – 2017/0122(COD)]*

(2018/C 197/08)

Relatur: **Tanja BUZEK** (DE-II)


| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Il-Parlament Ewropew, 15.6.2017 |
| | Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.6.2017 |
| Bażi legali | Artikolu 91 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.1.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 173/89/17 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |


1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jirrikonoxxi r-rwol importanti tat-trasport bħala xprun tal-ekonomija tal-UE u jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fl-ambizzjonijiet tagħha biex tiżgura li l-UE tibqa' f'pożizzjoni ta' tmexxija fil-mobilità nadifa, kompettitiva u konnessa, fil-futur ukoll. Il-KESE jenfasizza li l-għodda essenzjali biex jintlaħaq dan l-għan tibqa' suq uniku implimentat b'mod sħiħ u li jaħdem sew fis-settur tat-trasport, li jkun soċjalment sostenibbli u jimminimizza l-piż amministrattiv.

1.2. Għal aktar żvilupp tat-trasport bit-triq b'mod partikolari, madankollu, il-KESE jenfasizza li hemm ukoll limiti li jirriżultaw minn nuqqas ta' spazju għall-bini ta' toroq u parkeġġi, min-nuqqas ekoloġikament motivat ta' aċċettazzjoni soċjali f'bosta reġjuni tal-Ewropa, minn kwistjoni solvuta dwar is-sigurtà fit-toroq, kif ukoll mill-importanza ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tas-sewwieqa. Dawn il-limiti għandhom jiġu kkunsidrati fl-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi kollha tal-UE f'dan il-qasam. Barra minn hekk, mudelli ekonomiċi futuri jistgħu jnaqqsu t-trasport bit-triq billi jfittxu modi aktar sostenibbli tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni.

1.3. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-fatt li l-inizjattiva li ħadet il-KE biex tiċċara l-qafas regolatorju dwar it-trasport bit-triq u biex tiżgura infurzar aħjar u kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri, filwaqt li tiġġieled id-dumping soċjali, jiġifieri l-forom kollha ta' prattiki inaċċettabbli u illegali li jippruvaw jevitaw jew li qegħdin jiksru r-regolament soċjali jew tal-aċċess għas-suq (kumpaniji tal-isem) bil-għan li jinkisbu vantaġġi kompetittivi, kif imfisser fl-Opinjoni tal-KESE TEN/575 u f'konformità mad-Direttiva adottata dwar l-infurzar 2014/67/UE, u b'hekk tiżgura suq intern li jiffunzjona tajjeb u li huwa ġust fis-settur u rispett sħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema fis-settur.

1.4. Madankollu, il-KESE huwa tal-opinjoni li t-tibdil propost fil-leġislazzjoni dwar il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ u dwar l-istazzjonar tax-xufiera jonqos milli jindirizza b'mod effettiv il-problemi identifikati fit-trasport bit-triq

f'bosta aspetti, inkluż li ma jagħmilx ir-regoli aktar sempliċi, aktar ċari u aktar infurzabbli. Il-KESE huwa tal-fehma li n-nuqqasijiet fil-proposti huma minħabba analiżi tal-problemi insuffiċjenti u jqis li l-proposti dwar il-leġislazzjoni soċjali lura ma jilħqux l-għanijiet politiċi tal-KE stess filwaqt li hemm inċertezza legali. Il-KESE jinnota li l-inizjattiva ġġenerat perspettivi differenti fost l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-operaturi nnifishom.

1.5. Il-KESE jirrimarka li l-uniku mod biex tintlaħaq l-aġenda tal-KE għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd, huwa permezz tas-salvagwardja tad-drittijiet soċjali, l-iżgurar kemm tal-infurzar kif ukoll tal-infurzabbiltà tar-regoli u l-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta filwaqt li jitnaqqsu l-proċeduri onerużi. Is-suq intern jeħtieġ jaħdem għall-partijiet interessati kollha u fl-Istati Membri kollha, kemm antiki kif ukoll ġodda.

1.6. Fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu referenzjarju għad-distribuzzjoni tal-perjodi ta' mistrieħ minn ġimagħtejn għal erba' ġimgħat, il-KESE jinnota l-isforzi tal-KE biex tindirizza d-domandi tal-industrija u tal-operaturi tat-trasport għal flessibilità akbar fit-trasport bit-triq, iżda jindika li din jista' jkollha impatt negattiv fuq il-bilanċ fin bejn il-kompetizzjoni ġusta, is-saħħa u s-sigurtà tax-xufier u s-sikurezza stradali kif ukoll fuq interpretazzjoni armonizzata komuni tar-regoli filwaqt li l-infurzar u l-kontroll tagħhom isiru aktar diffiċli.

1.7. Il-KESE jitlob lil-leġislatur biex iqis ukoll li jingħata kumpens għal perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa b'konnessjoni ma' perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum, kif provdut fir-regolament attwali. Fir-rigward ta' pawżi, il-KESE jissuġġerixxi li titqies valutazzjoni tal-impatt dwar il-possibilità li d-distribuzzjoni aktar flessibbli tal-45 minuta ta' pawża wara li jgħaddu 6 sigħat titħalla għad-diskrezzjoni tas-sewwieq. Din il-valutazzjoni tal-impatt għandha tiffoka fuq il-kapaċità tas-sewwieq li juża l-waqfa għall-mistrieħ u jiġi bejn disa' sigħat, u rispettivament għaxar sigħat ta' sewqan.

1.8. Il-KESE jiddispjaċih għall-fatt li, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport tal-passiġġieri bix-xarabank u bil-kowċ, it-tibdil propost qed isir mingħajr valutazzjoni bir-reqqa tas-sikurezza tal-passiġġieri, tax-xufiera u tat-toroq. Għalhekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir studju ġenerali madwar l-UE kollha dwar l-għeja tax-xufiera u jiddispjaċih li l-KE ma offritx soluzzjonijiet dwar kif għandha tiġi indirizzata din il-problema.

1.9. F'dan l-isfond kruċjali ta' pprezzar fis-settur tat-trasport, il-KESE jindika li huwa ta' importanza ewlenija li jitressqu regoli li b'mod effettiv jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi kollha tat-trasport bit-triq, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u għall-ħaddiema mobbli kollha, mingħajr ma joħolqu ostakli ġodda għas-suq intern jew titnaqqas il-leġislazzjoni soċjali.

1.10. Il-KESE japprova l-istqarrija tal-KE li l-infurzar effiċjenti tar-regoli huwa essenzjali u jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni. Għalhekk, il-KESE huwa tal-opinjoni li jeħtieġ li jiġi żgurat infurzar aħjar tar-regoli eżistenti dwar il-ħin ta' mistrieħ qabel ma jinħolqu oħrajn aktar flessibbli u mingħajr bażi ta' evidenza sodisfaċenti.

1.11. Barra minn hekk, il-KESE jappella lill-KE biex tilħaq progress lejn infurzar intelliġenti, u biex tipprovdi l-appoġġ kollu possibbli għall-introduzzjoni u l-użu sħaħ ta' sistemi li jikklassifikaw ir-riskju; jappella wkoll lill-KE u 'l-Istati Membri biex lill-awtoritajiet tal-infurzar jagħtuhom aċċess f'ħin reali għar-reġistri elettroniċi nazzjonali, filwaqt li jagħmlu użu massimu mir-Reġistru Ewropew tal-Impriżi tat-Trasport bit-Triq (ERRU) għal dan il-għan.

1.12. Il-KESE jirrakkomanda li l-KE tadotta miżuri ċari ta' infurzar biex jiġi eliminat ir-riskju ta' manipulazzjoni ta' takografi diġitali billi a) tmexxi 'l quddiem l-iskadenza għall-introduzzjoni tat-takografu "intelliġenti" fuq il-vetturi kummerċjali kollha involuti fil-kabotaġġ u fit-trasport internazzjonali; u b) tuża l-mezzi teknoloġiċi innovattivi meħtieġa kollha biex jiġi żgurat li l-entrati manwali tad-data tat-takografu jkunu preċiżi, pereżempju billi jiġi konness sensur tal-piż mat-takografu bħala mod aktar effettiv kif jiġu kkontrollati aħjar l-attivitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt, li fil-fatt huma parti mill-ħin tax-xogħol tax-xufier.

1.13. Il-Kumitat jirrakkomanda wkoll lill-KE u l-Istati Membri biex jindirizzaw il-problema tal-parkeġġi protetti, inkluża d-disponibbiltà limitata attwali ta' spazji b'faċilitajiet xierqa għax-xufiera, li mingħajrhom il-pakkett dwar il-mobbiltà jista' jhedded li jġib fix-xejn l-obbligu ta' mistrieħ barra mill-kabina. Il-KESE jappella lill-KE biex tipprovdi verifika ddettaljata tan-netwerk eżistenti ta' parkeġġi fl-Istati Membri b'mod partikolari f'toroq u kurituri tat-trasport ġeografikament periferiċi, kif ukoll biex tiżviluppa pjan direzzjonali sabiex jiġu eliminati ż-żoni nieqsa mill-parkeġġ f'dak ir-reġjun, li għandu jkun kruċjali sabiex il-pakkett tal-mobilità jiġi implimentat b'mod effiċjenti.

1.14. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li l-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa u ta' mistrieħ fil-ġimgħa kompensatorju jitqattgħu f'kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni adatti, b'aċċess għal faċilitajiet sanitarji individwali u għall-ikel, filwaqt li mill-banda l-oħra jiżguraw l-investiment f'infrastruttura ta' toroq ta' kwalità għolja u fil-kostruzzjoni tagħha. F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' bi pjaċir b'mod partikolari s-sentenza reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2017, li tikkonferma li l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa għandu jittieħed barra mill-vettura. Jistieden ukoll lill-KE tiċċara r-responsabbiltà finanzjarja għar-ripatrijazzjoni tax-xufier lejn daru/darha, peress li din ma għandhiex tkun bi spejjeż għax-xufier.

1.15. Il-KESE jqis li l-applikazzjoni madwar l-UE kollha tar-regoli dwar l-istazzjonar fit-trasport bit-triq hija ta' importanza ewlenija biex jinżammu dawn il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-ħaddiema u n-negozji bl-istess mod. Il-KESE bl-istess mod huwa favur miżuri ta' infurzar sempliċi, effettivi u mhux diskriminatorji għal dawn ir-regoli filwaqt li l-piż amministrattiv għandu jiġi evitat akkost ta' kollox.

1.16. Il-KESE jirrikonoxxi n-natura mobbli ħafna tat-trasport bit-triq, madankollu, huwa tal-opinjoni li l-proposta tal-KE kif inhi issa dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema tat-trasport bit-triq internazzjonali mhux se tindirizza l-problemi attwali b'mod adatt. Huma meħtieġa regoli ċari u sempliċi kemm għall-operaturi tat-trasport kif ukoll għas-sewwieqa. Fir-rigward tal-operazzjonijiet purament ta' tranżitu, il-KESE jistieden lil-leġislatur biex jiċċara li r-regoli tal-istazzjonar ma japplikawx. Il-KESE jitlob ukoll kjarifika dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-istazzjonar għal operaturi tat-trasport stabbiliti f'pajjiż terz (mhux tal-UE).

1.17. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ li, għall-kabotaġġ, id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema għandha tkompli tkun applikabbli mill-ewwel jum. Madankollu, jistaqsi jekk ir-regoli amministrattivi l-ġodda li huma anqas stretti għandhomx japplikaw għall-kabotaġġ.

1.18. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-aġġustament tar-rekwiżiti tal-infurzar għall-ispeċifiċitajiet tas-settur u jqis li l-piż amministrattiv ser jittaffa jekk jiġi introdott punt uniku ta' servizz għan-notifiki fl-UE kollha.

Madankollu, il-KESE għandu jirrikonoxxi bl-istess mod li, meta l-kundizzjonijiet ta' stazzjonar ikunu ssodisfati, l-istazzjonar temporanju ta' xufier minn Stat Membru bi dħul baxx fi Stat Membru b'livell tal-pagi ogħla għandu, sa fejn dan jikkonċerna l-paga, tal-inqas jikkonforma mal-livelli minimi tal-pagi tal-pajjiż ospitanti, kif stabbiliti bil-liġi jew bil-prattika.

1.19. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni tal-miżuri ta' infurzar fl-UE kollha li jkunu sempliċi, ċari, nondiskriminatorji u effettivi, mingħajr ma jimponu piż amministrattiv, inklużi:

— it-tranżizzjoni minn evidenza bbażata fuq il-karti lejn teknoloġiji diġitali intelliġenti fejn huwa kkonċernat l-infurzar;

— l-avvanz fl-introduzzjoni obbligatorja tat-takografu "intelliġenti" fuq il-vetturi kummerċjali kollha kkonċernati li huma involuti fit-trasport internazzjonali, bħala l-uniku mezz biex b'mod effettiv jiġu ddeterminati it-tul ta' żmien u n-natura temporanja tal-attività tax-xufiera fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru partikolari;

— l-introduzzjoni ta' dikjarazzjoni Ewropea elettronika dwar l-istazzjonar għal kull individwu stazzjonat bħala xufier, u sistema ta' notifika permezz ta' punt uniku ta' servizz fl-UE kollha li l-ispettorati jkollhom aċċess għaliha f'ħin reali, bħala l-uniku mezz biex jiġu evitati piżijiet amministrattivi filwaqt li jiġu żgurati kontrolli effettivi.

1.20. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li jsir użu massimu mir-reġistri elettroniċi nazzjonali (NERs) u l-ERRU għall-impriżi tat-trasport bit-triq billi 1) fin-NERs tiġi inkluża data dwar ix-xufiera impjegati mill-impriżi; 2) jingħata aċċess f'ħin reali lill-awtoritajiet tal-infurzar tat-triq għad-data rreġistrata fin-NERs u fl-ERRU, inkluż għad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar elettronika; u 3) jiġi estiż il-perjodu ta' żmien permess biex jiġi kkontrollat fuq il-kard tax-xufier minn 28 jum għal bosta xhur, sabiex l-awtoritajiet tal-kontroll ikunu jistgħu jiddeterminaw faċilment il-perjodi ta' xogħol temporanju mwettaq mix-xufiera f'diversi Stati Membri.

1.21. Finalment, biex jiġi żgurat infurzar transfruntier aħjar tar-regoli tal-UE applikabbli għat-trasport bit-triq, il-KESE jistieden lill-KE tistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq li l-kompetenza prinċipali tagħha tkun li ttejjeb il-kultura tal-konformità fit-trasport bit-triq u li tipprovdi appoġġ għat-tfassil tal-politika fis-settur kemm fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali. Madankollu, sakemm dan isir, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom ikunu attivi fis-servizzi Ewropej eżistenti ta' spezzjoni tat-trasport (EUROCONTROLE Route eċċ), u jinvestu fit-taħriġ tal-awtoritajiet ta' spezzjoni nazzjonali.

## 2. **Kuntest**

2.1. Fil-bidu tal-mandat tagħhom, il-KE impenjat ruħha li tniedi proċess leġislattiv biex tagħmel ir-regoli tal-UE applikabbli għat-trasport bit-triq aktar sempliċi, ċari u faċli biex jiġu infurzati. Dan kien imqanqal minn diversi talbiet minn Stati Membri u mill-imsieħba soċjali tas-settur Ewropew tas-settur tat-trasport bit-triq u tal-loġistika, mill-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u mill-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (IRU), li lkoll huma tal-opinjoni li l-leġislazzjoni attwali tal-UE mhix ċara fuq numru ta' punti u infurzata ħażin.

2.2. Fl-2013, l-ETF u l-IRU b'mod konġunt ipproponew inizjattivi li ma jinvolvux aktar ftuħ tas-suq għall-kabotaġġ, infurzar aktar effiċjenti, u pjan direzzjonali vinkolanti għall-armonizzazzjoni fiskali, soċjali u tas-sikurezza stradali (Dokument ta' opinjoni ta' politika konġunta tal-EFT-IRU).

2.3. Il-kundizzjonijiet diverġenti tal-kompetizzjoni inkluż strutturi tal-ispejjeż differenti fi Stati Membri differenti enfasizzaw kwistjonijiet relatati mal-liberalizzazzjoni tas-suq, il-pagi minimi, il-kundizzjonijiet relatati mal-istazzjonar tal-ħaddiema u l-applikabbiltà tagħhom għall-ħaddiema mobbli. Dan, flimkien ma' qafas regolatorju mhux ċar, wassal għad-dumping soċjali minħabba l-evażjoni ta' regolamenti, inkluż arranġamenti ta' impjieg atipiċi u kumpanniji tal-isem.

2.4. Ir-regolamenti jew il-prattiki nazzjonali emerġenti wasslu għal numru ta' proċeduri ta' ksur u enfasizzaw il-ħtieġa għal miżuri adatti fil-livell tal-UE biex isolvu l-problemi u jiżguraw ċertezza legali kemm għall-atturi tas-suq kif ukoll għall-impjegati.

2.5. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Juncker, li ħadet il-mandat tagħha fl-2014, iddikjarat b'mod miftuħ l-impenn tagħha għal suq uniku aktar ġust billi tiġġieled id-dumping soċjali, kif iddikjarat mill-President tal-KE Jean-Claude Juncker fl-ewwel indirizz tiegħu lill-PE. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-KE sistematikament tenniet dan l-impenn matul it-tħejjija għall-pakkett tal-mobilità filwaqt li enfasizzat l-importanza li tkun miżmuma l-koerenza tas-suq intern.

2.6. Barra minn hekk, f'Settembru 2015, il-KESE adotta l-Opinjoni esploratorja TEN/575 dwar "Is-suq intern tat-trasport internazzjonali tal-merkanzija bit-triq: dumping soċjali u kabotaġġ". F'Settembru 2016 il-PE adotta l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "Id-Dumping Soċjali fl-Unjoni Ewropea". Iż-żewġ opinjonijiet stipulaw għadd ta' proposti validi b'mod partikolari fil-qasam tal-infurzar bil-għan li jiġi żgurat suq intern ġust u li jiffunzjona tajjeb. F'Mejju 2017 il-PE adotta riżoluzzjoni dwar it-trasport bit-triq fl-UE fl-istess spirtu.

2.7. Bħala riżultat ta' dan, fil-31 ta' Mejju 2017 il-KE ppreżentat pakkett tal-mobilità li jinkludi l-ewwel sett ta' tmien inizjattivi leġislattivi ffukati fuq it-trasport bit-triq tal-merkanzija kummerċjali u tal-passiġġieri, settur li jimpjega ħames miljun persuna fl-UE. L-għan tal-pakkett huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq tal-merkanzija bit-triq u jgħin fit-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tal-ħaddiema. Skont il-Kummissjoni, dan se jsir billi jiżdied l-infurzar, jiġu miġġielda l-prattiki ta' impjieg illeċitu, jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji u jkun hemm aktar ċarezza fir-regoli eżistenti, pereżempju rigward l-applikazzjoni tal-liġijiet nazzjonali dwar il-paga minima.

2.8. L-erba' pilastri tal-pakkett jinkludu 1) is-suq intern, 2) il-kompetizzjoni ġusta u d-drittijiet tal-ħaddiema, 3) id-dekarbonizzazzjoni u 4) t-teknoloġiji diġitali. Din l-opinjoni hija parti mill-pilastru tal-kompetizzjoni ġusta u tad-drittijiet tal-ħaddiema u tkopri l-bidliet proposti għal-leġislazzjoni soċjali.

2.9. Sabiex jiġu indirizzati l-problemi t'hawn fuq u biex titjieb aktar is-sikurezza stradali, il-pakkett tal-mobilità tal-KE jipproponi tibdil fir-regoli tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ (ir-Regolament (KE) Nru 561/2006), fl-istazzjonar tal-ħaddiema (id-Direttiva 96/71/KE) u fl-att legali tal-infurzar tagħha (id-Direttiva 2014/67/UE).

2.10. Fir-rigward tal-ħin tax-xogħol tat-trasport fit-toroq (id-Direttiva 2002/15/KE), il-pakkett tal-mobilità ma jressaq l-ebda proposta imma minflok, f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti mill-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jikkonsulta mal-imsieħba soċjali dwar ir-reviżjoni possibbli tad-Direttiva.

2.11. Qabel tnieda l-Pakkett tal-Mobbiltà f'April 2017, 27 organizzazzjoni tat-trade unions minn 20 pajjiż Ewropew li jinkludu l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit adottaw id-Dikjarazzjoni ta' Varsavja fejn jistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi proposti konkreti fil-Pakkett tal-Mobbiltà, li fil-qalba tiegħu iżomm l-applikazzjoni sħiħa fir-rigward tal-istazzjonar tal-ħaddiema għas-settur tat-trasport bit-triq.

B'reazzjoni għall-Pakkett tal-Mobbiltà tal-KE propost f'Ottubru 2017 ġiet ippubblikata dikjarazzjoni reċiproka kontra l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema tal-operazzjonijiet għat-trasport internazzjonali, li kienet ffirmata mill-assoċjazzjonijiet tat-trasport u l-loġistika u l-kmamar tal-kummerċ mill-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u r-Renju Unit.

2.12. Il-KESE jieħu nota tal-pożizzjoni reċenti tal-Kunsill EPSCO, jiġifieri li r-regoli eżistenti dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema se jkomplu japplikaw għat-trasport bit-triq sal-introduzzjoni ta' kwalunkwe regola ġdida speċifika għas-settur. Bl-istess mod, il-KESE jieħu nota tan-natura konfliġġenti ħafna tal-kwistjoni tal-applikabilità tar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport bit-triq li pprovokat pożizzjonijiet diverġenti kemm fil-livell politiku kif ukoll mill-partijiet interessati.

## 3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jappoġġja l-objettiv li jiġi żgurat li l-UE żżomm pożizzjoni fuq quddiem fil-mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa, li hija xprun tal-ekonomija tal-UE fil-futur. L-għodda essenzjali biex jintlaħaq dan l-għan tibqa' suq intern uniku implimentat b'mod sħiħ u li jaħdem sew fis-settur tat-trasport, li jkun soċjalment sostenibbli u jimminimizza l-piż amministrattiv.

3.2. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-għan globali tal-inizjattiva li ħadet il-KE u jinnota li l-inizjattiva ġġenerat perspettivi differenti fost l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-operaturi nnifishom. Il-KESE, fir-rwol tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjetà ċivili, jenfasizza l-importanza tal-proċess leġislattiv li jasal għal riżultati li huma aċċettabbli għal dawk ikkonċernati u li jindirizza tħassib leġittimu. Dan huwa partikolarment il-każ fir-rigward tal-proposta dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema għat-trasport bit-triq, li pprovokat tħassib serju u konfliġġenti fost il-partijiet interessati. Għaldaqstant, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' leġislazzjoni bbilanċjata, ċara u funzjonali li ma tfixkel la l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u lanqas it-titjib fl-istandards soċjali tal-industrija.

3.3. Il-KESE jaqbel mal-valutazzjoni tal-impatt tal-KE li l-kompetizzjoni inġusta bejn l-operaturi tat-trasport bit-triq u d-dumping soċjali huma intrinsikament konnessi (Driving change for business and people), b'kunsiderazzjoni tad-definizzjoni tiegħu fl-Opinjoni esploratorja tal-KESE TEN/575 ([1]). Il-KESE jinnota li l-valutazzjoni tal-impatt hija parzjalment ibbażata fuq evidenza kwalitattiva u evidenza kwantitattiva limitata.

3.4. Il-KESE jaqbel bl-istess mod mar-raġunament tal-KE li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jseħħu meta l-operaturi mhux konformi jevadu l-liġi biex jiggwadanjaw vantaġġi kompetittivi. Il-lakuni fir-regoli tal-UE u l-interpretazzjoni diverġenti fl-Istati Membri differenti jistgħu– fil-fehma tal-KE – iwasslu għall-istess effett. Barra minn hekk, il-KESE jżid li l-kapaċitajiet baxxi ta' monitoraġġ tal-konformità jikkontribwixxu għal din is-sitwazzjoni. Il-KESE għalhekk jikkondividi l-fehma stipulata fil-valutazzjoni tal-impatt tal-KE li din hija biss raġuni oħra biex nimmiraw għal qafas regolatorju trasparenti u li jista' jiġi infurzat b'mod faċli.

3.5. Il-KESE jaqbel ukoll mal-osservazzjoni tal-KE li l-kompetizzjoni aggravata fit-trasport bit-triq ħalliet is-swieq b'distorsjoni minħabba diversi żviluppi li mhumiex relatati mar-regoli soċjali.

3.6. Fil-kuntest kruċjali tal-ipprezzar fit-trasport bit-triq, il-KESE jindika li huwa ta' importanza ewlenija fil-pakkett tal-mobilità li jitressqu regoli ċari u li jistgħu jiġu infurzati faċilment u b'mod effettiv jiggarantixxu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi kollha tat-trasport bit-triq, irrispettivament mid-daqs tagħhom, u għall-ħaddiema mobbli kollha, mingħajr ma jinħolqu ostakli ġodda għas-suq intern jew titnaqqas il-leġislazzjoni soċjali. Is-suq intern jeħtieġ jaħdem għall-partijiet interessati kollha u fl-Istati Membri kollha, kemm antiki kif ukoll ġodda.

([1]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 176

3.7. It-tendenza 'l isfel fil-prezzijiet tista' trendi t-trasport bit-triq soċjalment, ekonomikament u ambjentalment mhux sostenibbli u tista' tillimita b'mod sinifikanti l-parteċipazzjoni ġusta ta' mezzi oħra tat-trasport fil-movimenti ta' merkanzija u passiġġieri madwar l-UE. Konsegwentement, il-KE tirriskja li timmina għanijiet politiċi oħra bħat-tnaqqis tal-miri tal-emissjonijiet u li titheġġeġ il-multimodalità. Biex tintlaħaq l-aġenda tal-KE għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd, l-unika alternattiva hija s-salvagwardja tad-drittijiet soċjali, l-iżgurar kemm tal-infurzar kif ukoll tal-infurzabbiltà tar-regoli u l-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta filwaqt li jitnaqqsu l-proċeduri onerużi.

3.8. Il-KESE jtenni li hemm numru ta' prattiki illegali li l-vittmi tagħhom huma l-kumpaniji li jaġixxu legalment u fl-aħħar mill-aħħar ix-xufiera professjonali fit-trasport tal-merkanzija.

3.9. Il-KESE jiddispjaċih għall-fatt li l-pakkett tal-mobilità, b'mod partikolari fil-każ tat-trasport tal-passiġġieri bix-xarabank u bil-kowċ, iġib aktar flessibilità fl-organizzazzjoni tal-ħinijiet tal-mistrieħ mingħajr valutazzjoni bir-reqqa tas-sikurezza tal-passiġġieri u tax-xufiera u tas-sikurezza stradali. Għalhekk, il-KESE jilqa' kull studju ġenerali madwar l-UE kollha dwar l-għeja tax-xufiera biex jiġu investigati l-fatturi li jikkawżawha, inkluż taħlita ta' attivitajiet ta' sewqan u ta' assistenza lill-passiġġieri, il-fatt li x-xufiera jridu jħejju l-vjaġġi tagħhom, il-vetturi tagħhom, eċċ. matul il-perjodu ta' mistrieħ ta' kuljum tagħhom, u l-fatt li l-iskedi tax-xogħol jinkludu perjodi ta' stennija sostanzjali bejn il-vjaġġi, li huma jqattgħu fil-biċċa l-kbira tagħhom fil-vettura, f'kundizzjonijiet sikwit mhux adatti, minkejja li jirrikonoxxi l-investiment mill-operaturi tat-trasport biex itejbu u jimmodernizzaw il-karatteristiċi tal-kabina tal-vetturi. Il-KESE jisħaq li kwalunkwe dispożizzjoni ġdida għandha tindirizza u tevita din il-prattika.

3.10. F'termini ta' sikurezza stradali, il-KESE jinnota l-fatt li fl-2010 l-UE ġeddet l-impenn tagħha li ttejjeb is-sikurezza stradali u tistabbilixxi mira għat-tnaqqis tal-imwiet fit-toroq b'50 % sal-2020, meta mqabbla mal-livelli tal-2010. Madankollu, sa mill-2014, il-progress prattikament waqaf kompletament. L-2016 kienet it-tielet sena ħażina konsekuttiva għas-sikurezza stradali, kif muri mill-Kunsill Ewropew għas-Sikurezza Stradali (ETSC). Fl-2015 biss madwar 4 000 persuna mietu f'kolliżjonijiet li jinvolvu trakkijiet (Fatti Bażiċi dwar is-Sikurezza tat-Traffiku 2016 – HGVs u Xarabankijiet, Osservatorju Ewropew għas-Sikurezza tat-Triq) mingħajr ma jiġi implikat neċessarjament li t-tort huwa tagħhom. Filwaqt li jirreferi għal inċidenti li jinvolvu vetturi tqal tal-merkanzija, l-ETSC jenfasizza li "minħabba d-daqs u l-piż tagħhom, il-ħabtiet jistgħu jkunu katastrofiċi b'riskju ferm ogħla ta' mewt jew korriment serju", u jirrakkomanda valutazzjoni bir-reqqa tar-riżultat possibbli ta' dan. Għaldaqstant, il-KESE jinnota l-isforz tal-KE biex tindirizza d-domandi tas-settur, iżda għal darb'oħra, itenni d-dubji tiegħu dwar regoli ġodda dwar il-flessibilità mingħajr valutazzjoni bir-reqqa.

3.11. Il-KESE jiddispjaċih ħafna wkoll li n-nuqqas ta' parkeġġi siguri ma ġiex indirizzat, inkluż il-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet bħall-kriminalità relatata mal-merkanzija u l-kundizzjonijiet tax-xufiera fil-parkeġġi. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri tanġibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 bħala mezz effettiv biex tittejjeb is-sikurezza fit-trasport bit-triq, jiġi indirizzat ir-riskju ta' serq tal-merkanzija, jiġi evitat aċċess għal oġġetti perikolużi u jiġu garantiti faċilitajiet xierqa għax-xufiera biex jipparkjaw il-vetturi f'netwerk ta' parkeġġi sikuri madwar l-UE, u skont l-Artikolu 39(2)(c) għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżviluppaw postijiet ta' mistrieħ fuq in-netwerk ewlieni tat-TEN-T, fuq awtostradi bejn wieħed u ieħor kull 100 km sabiex ikun ipprovdut biżżejjed parkeġġ għall-utenti kummerċjali tat-triq b'livell xieraq ta' sikurezza u sigurtà. Il-KESE jappella lill-KE biex tipprovdi verifika ddettaljata tan-netwerk eżistenti ta' parkeġġi fl-Istati Membri b'mod partikolari f'toroq u kurituri tat-trasport ġeografikament periferiċi, kif ukoll biex tiżviluppa pjan direzzjonali sabiex jiġu eliminati ż-żoni nieqsa mill-parkeġġ f'dak ir-reġjun, li għandu jkun kruċjali sabiex il-pakkett tal-mobilità jiġi implimentat b'mod effiċjenti. Mhuwiex eskluż li se jkunu meħtieġa tfassil ġdid ta' regoli ta' finanzjament tat-TEN u approċċ ġdid relatat tal-infrastruttura tat-toroq. Id-disponibbiltà attwalment limitata ta' spazji ta' parkeġġ siguri b'faċilitajiet adatti għax-xufiera, inklużi l-akkomodazzjoni, joħolqu r-riskju li l-obbligu ta' mistrieħ barra l-kabina jibqa' ma jitwettaqx fil-prattika.

3.12. Barra milli jirrikonoxxi t-tħassib li l-infrastruttura tal-parkeġġ spiss tonqos milli tissodisfa d-domanda, il-KESE jenfasizza l-għan ewlieni ta' żoni ta' parkeġġ, jiġifieri li x-xufiera professjonali, l-utenti tal-karozzi u l-passiġġieri jiġu offruti pawżi mis-sewqan u l-opportunità li jinfriskaw ruħhom mill-ġdid. Iż-żoni ta' parkeġġ ma ġewx ippjanati, u lanqas ma huma mgħammra biex jakkomodaw lix-xufiera tat-trakkijiet li jkollhom iqattgħu l-perjodi ta' mistrieħ kull ġimgħa fit-trakk tagħhom fuq bażi regolari u anke permanenti.

3.13. Il-KESE għalhekk jinnota l-analiżi tal-KE tas-sitwazzjoni attwali fis-settur, iżda jindika li l-proposti dwar il-leġislazzjoni soċjali jonqsu milli jilħqu l-objettivi tal-politika tal-KE u milli jindirizzaw b'mod effettiv il-problemi fit-trasport bit-triq.

## 4. Il-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ

4.1. Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 ġie adottat 11-il sena ilu u l-objettiv tiegħu kien maqsum fi tlieta: a) li jissalvagwardja l-kompetizzjoni ġusta fit-trasport bit-triq; b) li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur; u c) li jtejjeb is-sikurezza stradali.

4.2. Fl-aħħar deċennju, madankollu, il-kundizzjonijiet fit-trasport bit-triq inbidlu b'mod sostanzjali, notevolment f'termini ta' skedi ta' twassil aktar stretti u pressjoni tal-ħin biex jintlaħqu dawn l-iskadenzi fil-kuntest ta' żieda fil-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq Ewropej.

4.3. L-istudju tal-evalwazzjoni ex post imwettaq mill-KE fuq ir-regolamentazzjoni tal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ jorbot dawn iċ-ċirkostanzi ġodda ma' riskji ogħla għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol fit-trasport bit-triq bħall-għeja, l-istress u l-mard (Evalwazzjoni ex post tal-leġislazzjoni soċjali fit-trasport bit-triq u l-infurzar tagħha). Il-garanzija tas-sikurezza stradali u tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-ġodda turi li hija kompitu ferm aktar diffiċli għal dawk li jfasslu l-politika u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, madankollu l-KESE huwa tal-opinjoni li għandhom jinħataw prijorità meta titqies l-introduzzjoni possibbli ta' regoli aktar flessibbli.

4.4. L-għeja tax-xufier (inkluż meta x-xufier ma jiħux pawżi twal biżżejjed) hija waħda mill-kawżi ewlenin tal-aċċidenti li jinvolvu vetturi tqal tal-merkanzija bit-triq. Anke mumenti qosra ta' nuqqas ta' konċentrazzjoni jista' jkollhom konsegwenzi katastrofiċi. Ix-xufiera tat-trasport bit-triq għandhom ukoll tendenza li jsofru minn problemi tas-saħħa assoċjati ma' perjodi twal ta' sewqan b'pawżi insuffiċjenti, bħal kundizzjonijiet kardjovaskulari (tipikament attakki tal-qalb, puplesiji eċċ.); kundizzjonijiet muskoloskeletali (korrimenti fis-sinsla tad-dahar u tal-għonq); ilmenti relatati mas-sistema nervuża (stress u ansjetà, dipressjoni eċċ.) u mard tal-istonku/diġestiv. Il-limiti tal-ħin tas-sewqan u tax-xogħol infurzati strettament u perjodi ta' mistrieħ adegwati huma essenzjali sabiex jimminimizzaw dawn l-effetti (OSH in figures: Occupational safety and health in the transport sector — an overview [Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fiċ-ċifri: Is-Saħħa u s-Sikurezza okkupazzjonali fis-settur tat-trasport – Ħarsa ġenerali]).

4.5. Il-KE, permezz tal-pakkett tal-mobilità, tipproponi r-ridistribuzzjoni tal-perjodi tal-ħin ta' mistrieħ fuq perjodu referenzjarju itwal ta' erba' ġimgħat (minflok ta' ġimagħtejn). F'dan ix-xenarju, il-ħin tas-sewqan permess kull xahar jista' jiġi akkumulat fl-ewwel tliet ġimgħat tax-xahar, filwaqt li l-aħħar ġimgħa tista' tkun ta' mistrieħ, li jista' jirriżulta f'massimu ta' 18-il jum konsekuttiv ta' xogħol b'jumejn biss ta' mistrieħ bejniethom.

4.6. L-estensjoni proposta tal-perjodu referenzjarju tfisser li x-xufiera jistgħu jkunu sfurzati li jtawlu l-mistrieħ fil-ġimgħa tagħhom ta' 45 siegħa b'ġimagħtejn oħra. Minkejja li dan il-mistrieħ fil-ġimgħa mtawwal għandu jittawwal bil-perjodi ta' mistrieħ ikkumpensati kumulattivi, il-konsegwenza hija li x-xufier jista' ma jkollu l-ebda mistrieħ fil-ġimgħa itwal minn 24 siegħa sa massimu ta' tliet ġimgħat, li matulhom il-persuna ma tkunx verament libera biex tħalli l-vettura imma trid ikun responsabbli għaliha. Il-KESE huwa tal-opinjoni li din il-proposta għandha tiġi evalwata, fid-dawl tal-fatt li x-xufier tonqoslu l-abilità li jkollu biex iħalli l-vettura tiegħu u l-effetti possibbli tal-għejja.

4.7. Il-KESE bl-istess mod jindika li l-flessibilità proposta tal-perjodi ta' mistrieħ tista' fil-verità twassal għal inkonsistenzi mar-reġim eżistenti tal-massimu ta' sigħat ta' sewqan u ta' xogħol. F'dan ir-rigward, madankollu, il-KESE jenfasizza li l-ebda proposta m'għandha fil-fatt twassal għal sigħat tas-sewqan itwal, jew it-tnaqqis tal-limitazzjoni tal-ħin tax-xogħol, li l-objettiv primarju tagħha huwa li tiggarantixxi s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

4.8. Il-KESE jifhem l-isforzi tal-KE biex tipproponi miżuri li jirriflettu r-realtà tat-trasport bit-triq u l-ħtiġijiet tal-operaturi u x-xufiera imma jesprimi d-dubji tiegħu dwar l-implikazzjonijiet possibbli fuq il-bilanċ fin bejn il-kompetizzjoni ġusta, is-saħħa u s-sigurtà tax-xufier u s-sikurezza stradali.

4.9. Il-KESE jitlob lil-leġislatur biex iqis ukoll li jingħata kumpens għal perjodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa b'konnessjoni ma' perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum, kif provdut fir-regolament attwali. Fir-rigward ta' pawżi, il-KESE jissuġġerixxi li titqies valutazzjoni tal-impatt dwar il-possibilità li d-distribuzzjoni aktar flessibbli tal-45 minuta ta' pawża wara li jgħaddu 6 sigħat tithalla għad-diskrezzjoni tas-sewwieq. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tiffoka fuq il-kapaċità tas-sewwieq li juża l-waqfa biex jistrieħ u biex jinfriska, bejn perjodi ta' disa' sigħat, u rispettivament ta' għaxar sigħat, ta' sewqan.

4.10. Tabilħaqq, il-garanzija tas-sikurezza tal-utenti tat-triq u tal-passiġġieri tibqa' kwistjoni anke fil-kuntest tar-regoli ferm aktar stretti attwali. Il-kolliżjonijiet severi fis-snin reċenti li kienu jinvolvu trakkijiet u xarabanks jew kowċis u li rriżultaw f'numru serju ta' vittmi (Traffic Safety Basic Facts 2016 – HGVs and Buses [Fatti Bażiċi dwar is-Sikurezza tat-Traffiku – HGVs u Xarabankijiet), ERSO]) għandhom ikunu sinjal ta' allarm li l-Ewropa teħtieġ regoli sempliċi, infurzabbli u ċari biex toħloq klima ġusta għall-utenti, għax-xufiera u għan-negozju, bis-sikurezza fil-qalba tagħha. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat infurzar aħjar ta' dawn ir-regoli aktar minn analiżi dwar il-ħolqien ta' oħrajn aktar flessibbli.

4.11. Mill-perspettiva tal-infurzar, il-KESE ikollu dubji dwar xi aspetti mill-proposta tal-KE. L-ewwel nett, l-estensjoni tal-perjodu referenzjarju għad-distribuzzjoni tal-perjodi ta' mistrieħ m'għandux ikollha impatt negattiv fuq l-interpretazzjoni armonizzata tar-regoli, u ma tagħtix lok lil kull Stat Membru biex jippreżenta x-xenarji u l-kalkoli individwali. Fl-attività transfruntiera bħalma hu t-trasport bit-triq, l-interpretazzjonijiet individwali tar-regoli għandhom impatt fuq il-fluwidità ta' vjaġġ sħiħ jew operazzjoni bit-triq, u anke fuq l-attività inġenerali.

4.12. F'dan ir-rigward il-KESE jindika li l-KE u l-Istati Membri damu bosta snin biex finalment jaqblu fuq gwida komuni għall-interpretazzjoni tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-perjodi tal-mistrieħ kif stabbiliti mir-Regolament attwali (KE) Nru 561/2006 (ara l-pubblikazzjoni "Transport Regulators Align Control Enforcement" [Ir-Regolaturi tat-Trasport Jallinjaw l-Infurzar tal-Kontroll] minn TRACE, 2012). Il-KESE għalhekk jenfasizza l-importanza li jiġi stabbilit netwerk biex jappoġġja l-ħidma ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u jnaqqas ir-riskju ta' interpretazzjonijiet diverġenti.

4.13. It-tieni nett, il-KESE jqis li t-tibdiliet proposti għar-regoli tal-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ m'għandhomx ifixklu l-infurzar tagħhom. Huwa wkoll tal-fehma li l-bidliet proposti se jġibu spejjeż ġodda għall-Istati Membri, eż. f'termini tas-sostituzzjoni tas-softwer użat fil-kontrolli fil-ġenb tat-triq u mill-kumpanija, f'termini tat-taħriġ tal-ispetturi, eċċ. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jkun hemm disponibbli riżorsi adegwati biex jiżguraw il-monitoraġġ tal-konformità effiċjenti.

4.14. Bħala konklużjoni dwar l-infurzar, il-KESE jenfasizza l-punt li għandu jsir sforz ikbar mil-leġislatur fir-rigward ta' metodi ta' infurzar intelliġenti u mhux diskriminatorji. F'dan ir-rigward, il-KESE jfaħħar il-proposti tal-KE relatati mal-użu aħjar tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tar-riskju. Madankollu, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-ispetturi jaċċessaw id-data f'ħin reali u li jiġu pprovduti l-faċilitajiet għal skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu aħjar mir-reġistri elettroniċi nazzjonali (NER) u Ewropej (ERRU) meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 dwar l-aċċess għall-okkupazzjoni.

4.15. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-mistrieħ fil-ġimgħa għax-xufiera, il-KESE jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-KE li tindirizza l-kwistjoni. Madankollu, il-proposta tħalli xi inċertezzi.

4.16. F'każijiet konkreti, ix-xufiera "nomadiċi" li jqattgħu perjodi twal 'il bogħod mid-dar – u għalhekk huma direttament affettwati mill-proposta l-ġdida – huma reklutati mill-impriżi tat-trasport bit-triq li joperaw fl-Istati Membri b'pagi għolja, iżda li qed jippruvaw jibbenefikaw mill-ispejjeż tax-xogħol jew it-taxxi aktar baxxi fis-seħħ fi Stati Membri oħra. Huwa ta' importanza kruċjali li l-kwistjonijiet prattiċi relatati ma' assenzi twal mid-dar bħalma huma l-bżonnijiet ta' akkomodazzjoni jew l-ispejjeż tar-ripatrijazzjoni jiġu indirizzati u solvuti adegwatament peress li dan m'għandux ikun ta' spiża għax-xufier.

4.17. Fid-dawl tal-livell għoli ta' mobbiltà tax-xufiera, il-KESE jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex jiġi faċilitat ir-ritorn tax-xufiera lura lejn darhom u jirrimarka li t-tibdil propost għar-regoli tal-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ m'għandux iwassal biex titnaqqas l-abilità tal-persuna biex tqattal-ħin mal-familja fi tmiem il-ġimgħa u li jkollha ħajja soċjali deċenti. Madankollu, ix-xenarju potenzjali ta' tliet ġimgħat ta' xogħol intensiv b'jumejn biss ta' mistrieħ bejniethom jista' jkollu impatt negattiv fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tax-xufiera.

4.18. Barra milli jirrikonoxxi t-titjib u l-immodernizzar tal-karatteristiċi tal-kabina tal-vettura b'mod ġenerali, għad fadal restrizzjonijiet dwar id-disponibbiltà ta' spazju u faċilitajiet fil-kabina. Għalhekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-kjarifika importanti tal-KE, ikkonfermata mis-sentenza reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) tal-20 ta' Diċembru 2017, li l-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' 45 siegħa u aktar għandhom jittieħdu 'l bogħod mill-vettura, f'akkomodazzjoni mħallsa mill-impjegatur, id-dar jew f'post tal-għażla libera tax-xufier. Il-KESE, madankollu, iqajjem il-kwistjoni li meta x-xufier iqattal-ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa regolari fl-akkomodazzjoni privata jew fid-dar tiegħu dan jista' joħloq diffikultajiet rigward id-dokumentazzjoni. Madankollu, sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li x-xufier għandu jkun kapaċi "juża b'mod liberu l-ħin tiegħu/tagħha" matul il-mistrieħ fil-ġimgħa, huwa imperattiv li x-xufier ikun liberu li jħalli l-vettura u jieħu perjodu ta' żmien mingħajr interruzzjoni li matulu l-persuna ma tkunx responsabbli miż-żamma sikura u s-sigurtà tal-vettura. Bl-istess mod il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-disponibbiltà ta' parkeġġ sikur u faċilitajiet oħra li jiżguraw l-applikazzjoni tajba tal-miżuri proposti min-naħa l-oħra hija meħtieġa.

## 5. **L-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq**

5.1. Fit-trasport bit-triq id-differenzi fil-pagi tax-xufieri għadhom sostanzjali minħabba għoli tal-ħajja li jvarja fost l-Istati Membri. L-istudju li sar mill-Comité National Routier (CNR), ikkwotat ukoll mill-KE fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, jindika differenzi fil-paga grossa li jistgħu jkunu sa ħdax-il darba bejn l-Istati Membri.

5.2. Il-KESE jaqbel mal-KE li, b'dawn id-differenzi fil-pagi, jeħtieġ li r-regoli jinżammu fis-seħħ, f'konformità mal-valuri u l-prinċipji tal-UE ddefiniti mit-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li:

— tiġi evitata d-distorsjoni tas-swieq domestiċi, kemm tax-xogħol kif ukoll tat-trasport;

— tiġi eskluża d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità bejn ħaddiema tal-Istati Membri fir-rigward tal-impjieg, tar-rimunerazzjoni u ta' kundizzjonijiet oħra tax-xogħol u tal-impjieg, fil-kuntest tal-libertà ta' moviment;

— jiġi żgurat ambjent kompetittiv għan-negozju irrispettivament minn fejn dan tal-aħħar ikun stabbilit, minn fejn ikun jopera u minn fejn jirrekluta l-forza tax-xogħol tiegħu fl-UE.

5.3. Id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-ħaddiema (id-Direttiva 96/71/KE) hija parti mir-regoli msemmija hawn fuq. F'Diċembru 2016, il-KESE adotta Opinjoni speċifika (SOC/541) ([2]), li tressaq għadd ta' punti ta' tħassib u proposti.

5.4. Skont ir-regoli attwali, meta x-xufiera jaħdmu fi Stat Membru tal-UE li mhux tagħhom fuq bażi temporanja, huma jkunu koperti mid-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema jekk iwettqu kabotaġġ. Jekk ikunu involuti fit-trasport internazzjonali, huma jkunu stazzjonati biss jekk japplikaw il-kundizzjonijiet tal-istazzjonar definiti mill-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/71/KE.

5.5. Il-KE qed tipproponi, permezz tal-Pakkett tal-Mobilità, li jgħaddi ċertu żmien qabel ir-regoli dwar il-ħlas minimu u tal-vaganzi bi ħlas japplikaw għal xufier involut fit-trasport internazzjonali fil-kuntest tal-istazzjonar. Il-KESE huwa tal-opinjoni li dan għandu jikkorrispondi għall-aġenda politika tal-UE – stabbilita mill-President tal-KE Junker u mtennija mill-Istati Membri tal-UE fid-"Dikjarazzjoni ta' Ruma" – li tiġġieled kontra d-dumping soċjali, u taħdem għall-għan stabbilit mill-KE nnifisha fil-pakkett tal-mobilità, notevolment li jiġi żgurat suq intern ġust u kompetittiv għat-trasport bit-triq. Il-proposta għandha tagħmel ir-regoli aktar sempliċi, aktar ċari jew aktar faċli biex jiġu infurzati, filwaqt li jiġu evitati r-riskji tal-frammentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE.

5.6. Il-KESE jqajjem il-kwistjoni mhux iċċarata dwar kif il-proposta tkun tapplika għal operaturi tat-trasport stabbiliti f'pajjiż terz (mhux tal-UE) u kif se jiġu infurzati l-obbligi. Huwa jistieden lill-KE tagħti kjarifika.

---

([2]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 81.

5.7. Il-KESE jieħu nota tat-tħassib relatat mal-infurzar tar-regoli dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema fit-trasport internazzjonali, b'mod partikolari mill-SMEs, li b'mod partikolari huwa sfida amministrattiva kumplessa, meta jitqiesu d-differenzi nazzjonali fil-paga minima u li akkumulazzjoni esaġerata ta' drittijiet relatati mal-paga u l-vaganzi għal perjodi qosra ħafna jistgħu jikkawżaw diffikultajiet u spejjeż konsiderevoli. Għalhekk, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal aktar trasparenza rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, inkluż ir-rati minimi ta' ħlas, f'kull Stat Membru.

5.8. Il-KESE jirrikonoxxi n-natura speċifika tas-settur tat-triq u l-ħaddiema mobbli ħafna tiegħu. Madankollu, huwa tal-fehma li fil-forma attwali, il-proposta tal-KE speċifika għas-settur dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fit-trasport internazzjonali bit-triq ma tindirizzax għalkollox b'mod adegwat il-problemi msemmijin kif indikati f'din it-taqsima.

5.9. Il-KESE jaqbel bis-sħiħ li, għall-kabotaġġ, id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema għandha tkompli tkun applikabbli mill-ewwel jum. Madankollu, għandu dubju dwar l-applikazzjoni tar-regoli amministrattivi eħfef ġodda għall-kabotaġġ. Fir-rigward tal-operazzjonijiet purament ta' tranżitu, fin-nuqqas ta' kwalunkwe ċertezza legali, il-KESE jistieden lill-KE tiċċara li operazzjonijiet ta' tranżitu huma eżentati mir-regoli dwar l-istazzjonar.

5.10. Il-KESE jinnota t-talbiet ġejjin mill-industrija li jirrimarkaw li r-regoli dwar l-istazzjonar mhumiex adatti għan-natura mobbli tat-trasport bit-triq, kif ukoll it-tħassib espress min-negozju li l-proposta tal-KE se twassal għal piż amministrattiv konsiderevoli. Konsegwentement, jilqa' l-aġġustament tar-rekwiżiti ta' infurzar skont l-ispeċifiċitajiet tas-settur bħat-tneħħija tal-obbligu fuq l-operatur tat-trasport bit-triq li jinnomina persuna fl-Istat Membru ospitanti biex tikkollabora mal-awtoritajiet hemmhekk. Il-KESE jqis li l-piż amministrattiv jista' jittaffa li kieku kellu jiġi introdott one-stop shop għan-notifiki fl-UE kollha. Barra minn hekk, jissuġġerixxi li s-sewwieq ma għandhux ikun obbligat jipprovdi d-dikjarazzjonijiet tas-salarju tal-aħħar xahrejn matul kontrolli fil-ġenb tat-triq, sakemm dawn ikunu jingħataw permezz ta' mezzi elettroniċi. L-awtoritajiet ta' kontroll għandhom jiksbuhom direttament mingħand il-persuna ta' kuntatt u għandhom ikunu disponibbli permezz ta' mezzi elettroniċi fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti.

5.11. Madankollu, il-KESE għandu jirrikonoxxi bl-istess mod li, l-istazzjonar temporanju ta' xufier minn Stat Membru bi dħul baxx fi Stat Membru b'livell tal-pagi ogħla għandu, sa fejn dan jikkonċerna l-paga, tal-inqas jikkonforma mal-livelli minimi tal-pagi tal-pajjiż ospitanti, kif stabbiliti bil-liġi jew bil-prattika.

5.12. L-applikazzjoni madwar l-UE kollha tar-regoli dwar l-istazzjonar fit-trasport bit-triq hija ta' importanza ewlenija biex jinżammu dawn il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-ħaddiema u n-negozji bl-istess mod. Dan se jgħin ukoll fil-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament fuq skala wiesgħa tal-ħaddiema bi dħul baxx minn Stati Membri oħra li sar wisq prevalenti fit-trasport internazzjonali bit-triq u huwa kawża ewlenija li timbotta 'l isfel il-pagi u l-kundizzjonijiet għax-xufiera tat-trasport bit-triq.

5.13. Fuq dawn il-linji, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jkompli jsir progress lejn konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq bejn l-Istati Membri bi prestazzjoni ekonomika differenti u fl-istess ħin ikun hemm regoli armonizzati dwar l-istazzjonar li japplikaw b'mod uniformi madwar l-UE. Il-KESE bl-istess mod huwa favur miżuri ta' infurzar sempliċi, effettivi u mhux diskriminatorji għal dawn ir-regoli. Il-piż amministrattiv għandu jiġi evitat akkost ta' kollox. Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni simplifikata tal-istazzjonar li hija prevista f'din il-proposta. Madankollu, huwa jqis li l-kopertura ta' perjodu massimu ta' sitt xhur u grupp ta' xufiera jista' jnaqqas l-effettività tal-infurzar u tal-kontroll tar-regoli tal-istazzjonar.

5.14. B'mod partikolari fir-rigward tal-istazzjonar tax-xufiera, it-takografu intelliġenti huwa bla dubju għodda ferm aktar effettiva mill-proposta tal-Kummissjoni dwar l-entrati manwali. B'mod partikolari d-dħul manwali tal-kodiċijiet tal-pajjiżi huwa possibbilment espost għall-manipulazzjoni.

5.15. Finalment, biex jiġi żgurat infurzar transfruntier aħjar tar-regoli tal-UE applikabbli għat-trasport bit-triq, il-KESE jistieden lill-KE tistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq li l-kompetenza prinċipali tagħha tkun li ttejjeb il-kultura tal-konformità fit-trasport bit-triq u li tipprovdi appoġġ għat-tfassil tal-politika fis-settur kemm fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza li t-trasport bit-triq huwa l-uniku settur li m'għandux tali aġenzija,

filwaqt li huwa kompletament liberalizzat u għalhekk dipendenti ħafna fuq il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri. Tali aġenzija tkun ta' benefiċċju mhux biss għal kontrolli aħjar fuq l-istazzjonar u fuq ir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ, imma wkoll għall-kabotaġġ u għall-aċċess għall-okkupazzjoni. L-aġenzija tkun ukoll l-uniku mod kif nimxu lejn interpretazzjoni armonizzata tar-regoli. Madankollu, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri għandhom ikunu attivi fis-servizzi Ewropej eżistenti ta' spezzjoni tat-trasport u jinvestu fit-taħriġ tal-awtoritajiet ta' spezzjoni nazzjonali.

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

*Appendiċi*

**għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti:

**Punt 4.18**

*Barra milli jirrikonoxxi t-titjib u l-immodernizzar tal-karatteristiċi tal-kabina tal-vettura b'mod ġenerali, għad fadal restrizzjonijiet dwar id-disponibbiltà ta' spazju u faċilitajiet fil-kabina. Għalhekk, il-KESE jilqa' bi pjaċir il-kjarifika importanti tal-KE li l-perjodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa ta' 45 siegħa u aktar għandhom jittieħdu 'l bogħod mill-vettura, f'akkomodazzjoni mħallsa mill-impjegatur, id-dar jew f'post tal-għażla libera tax-xufier. Il-KESE, madankollu, iqajjem il-kwistjoni li meta x-xufier iqattal-ħin ta' mistrieħ fil-ġimgħa regolari fl-akkomodazzjoni privata jew fid-dar tiegħu dan jista' joħloq diffikultajiet rigward id-dokumentazzjoni. Madankollu, sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit li x-xufier għandu jkun kapaċi "jużа b'mod liberu l-ħin tiegħu/tagħha" matul il-mistrieħ fil-ġimgħa, huwa imperattiv li x-xufier ikun liberu li jħalli l-vettura u jieħu perjodu ta' żmien mingħajr interruzzjoni li matulu l-persuna ma tkunx responsabbli miż-żamma sikura u s-sigurtà tal-vettura. Bl-istess mod il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-disponibbiltà ta' parkeġġ sikur u faċilitajiet oħra li jiżguraw l-applikazzjoni tajba tal-miżuri proposti min-naħa l-oħra hija meħtieġa. In-nuqqas ta' parkeġġ sikur u ta' faċilitajiet oħra fir-realtà se jfisser li, għas-sewwieqa u l-operaturi, l-obbligu legali biex jittieħed perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa barra mill-kabina se jirrappreżentalhom dilemma impossibbli bejn riskju tal-merkanzija u l-vetturi jew konformità mal-liġi. L-awtoritajiet tal-infurzar għandhom iqisu sew din id-dilemma.*

Voti favur: 105

Voti kontra: 152

Astensjonijiet: 22

**Point 5.13**

*Skont il-KE,* ~~L~~l-applikazzjoni madwar l-UE kollha tar-regoli dwar l-istazzjonar fit-trasport bit-triq hija ta' importanza ewlenija biex jinżammu dawn il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-ħaddiema u n-negozji bl-istess mod. *Il-KE targumenta li din il-proposta* ~~*Dan se jgħin ukoll fil-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament fuq skala wiesgħa tal-ħaddiema bi dħul baxx minn Stati Membri oħra li sar wisq prevalenti fit-trasport internazzjonali bit-triq u huwa kawża ewlenija li timbotta 'l isfel il-pagi u l-kundizzjonijiet għax-xufiera tat-trasport bit-triq.*~~ *tkun kruċjali għall-ħolqien ta' settur tat-trasport bit-triq li jkun ġust, sigur, u ambjentalment u soċjalment sostenibbli. Il-KESE jittollera dawn l-għanijiet. Madankollu, il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza li d-dispożizzjonijiet dwar l-istazzjonar jiġu adattati għar-realtajiet tas-settur tat-trasport biex dawn ikunu effettivi, kif propost mill-KE. Għalhekk, meta jitqiesu l-kumplessità tax-xogħol amministrattiv involut u l-problemi ta' kontroll u infurzar, il-KESE jħoss li jeħtieġ jitqajjem dubju dwar il-valur miżjud tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-istazzjonar għat-trasport internazzjonali.*

Voti favur: 105

Voti kontra: 157

Astensjonijiet: 11

**Punt 5.14**

*Fuq dawn il-linji, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jkompli jsir progress lejn konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq bejn l-Istati Membri bi prestazzjoni ekonomika differenti u fl-istess ħin ikun hemm regoli armonizzati dwar l-istazzjonar li japplikaw b'mod uniformi madwar l-UE. Il-KESE bl-istess mod huwa favur miżuri ta' infurzar sempliċi, effettivi u mhux diskriminatorji għal dawn ir-regoli. Il-piż amministrattiv għandu jiġi evitat akkost ta' kollox. Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni simplifikata tal-istazzjonar li hija prevista f'din il-proposta.* ~~*Madankollu, huwa jqis li l-kopertura ta' perjodu massimu ta' sitt xhur u grupp ta' xufiera jista' jnaqqas l-effettività tal-infurzar u tal-kontroll tar-regoli tal-istazzjonar.*~~

| | |
|---|---|
| Voti favur: | 102 |
| Voti kontra: | 160 |
| Astensjonijiet: | 12 |

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Avjazzjoni: Ewropa Miftuħa u Konnessa"**

*(COM(2017) 286 final)*

**u dwar**

**"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004"**

*[COM(2017) 289 final – 2017/0116 (COD)]*

(2018/C 197/09)

Relatur: **Jacek KRAWCZYK**

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017 |
| | Parlament Ewropew, 15.6.2017 |
| | Kunsill, 19.6.2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.1.2018 |
| Adottata fil-plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 115/1/4 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni li adotta fl-opinjoni tiegħu dwar [1] "il-Pakkett tal-Avjazzjoni I" li l-għan prevalenti għall-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE, kif ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2015, jenħtieġ li jkun li "tittejjeb il-klima ta' investiment sabiex jitħeġġeġ iżjed investiment Ewropew fl-industrija tal-avjazzjoni tal-UE, u li jiżdiedu l-kompetittività tas-settur u r-rwol tiegħu għall-ekonomija, sabiex b'hekk jiġu promossi t-tkabbir ekonomiku globali u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda".

1.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza kruċjali tal-kwalità tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE għas-suċċess tal-avjazzjoni ċivili tal-UE. Kundizzjonijiet interni u esterni li qed jinbidlu b'mod rapidu, l-iżvilupp tas-swieq f'diversi direzzjonijiet, pressjoni dejjem tikber fuq in-nies u l-kumpaniji, kompetizzjoni dejjem tiżdied ġewwa u barra l-UE, teknoloġiji ġodda li joħolqu tfixkil u avvanz rapidu tad-diġitalizzazzjoni: dawn huma biss ftit mill-isfidi li jridu jiġu indirizzati meta tiġi implimentata l-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-UE. Kif il-KESE ppreveda fl-Opinjoni tiegħu dwar "il-Pakkett tal-Avjazzjoni I" [2], l-istrateġija saħħet il-viżibbiltà politika tal-avjazzjoni ċivili fl-aġenda tal-UE u din il-pożizzjoni jeħtieġ li tinżamm. F'dan il-kuntest, il-KESE jifraħ lill-Kummissjoni Ewropea għall-perseveranza tagħha fil-promozzjoni ta' skema aċċettata u implimentata globalment għad-dekarbonizzazzjoni tal-avjazzjoni. Bl-istess mod, il-ħtieġa għal djalogu soċjali settorjali effettiv fil-livelli nazzjonali kif ukoll tal-UE trid tiġi appoġġjata aktar minn qatt qabel. Il-KESE jirreferi għal darb'oħra għall-Opinjoni tiegħu dwar "id-Dumping Soċjali fl-Avjazzjoni" [3] u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra rimedji effettivi biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni.

(1) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.
(2) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.
(3) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 110.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-approċċ doppju tal-Kummissjoni għas-salvagwardja ta' kompetizzjoni internazzjonali ġusta – minn naħa, fl-għoti ta' aktar saħħa lil strument unilaterali biex jiġu mħarsa interessi tal-avjazzjoni komunitarja tal-UE (Proposta għal Regolament dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004, minn issa 'l quddiem imsemmija bħala l-Proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament 868/2004) u, min-naħa l-oħra, bit-tfittxija ta' mandati għan-negozjar ta' ftehimiet ġodda ta' aċċess għas-suq ma' pajjiżi terzi, flimkien ma' kunsens dwar kif għandha tinżamm il-kompetizzjoni ġusta. Il-KESE jibqa' konvint li ambjent ekwu jista' jkun żgurat biss b'mod sostenibbli jekk il-pajjiżi terzi jirrispettaw ukoll il-prinċipji bażiċi ta' protezzjoni tal-ħaddiema, kif definiti fl-istandards tal-ILO kif ukoll il-ħarsien tal-konsumatur u l-istandards ambjentali. Il-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-reviżjoni tar-Regolament 868/2004 tindirizza diversi nuqqasijiet fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 fil-forma attwali tiegħu; madankollu, it-twaqqif ta' djalogu soċjali li jiffunzjona għandu jsir element integrali ta' klawżola ta' "kompetizzjoni ġusta" miftiehma b'mod reċiproku fil-ftehimiet internazzjonali tas-servizzi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE jappoġġja għalkollox l-isforzi tal-Kummissjoni biex jiġu żgurati aktar mandati biex jinfetħu ftehimiet tal-avjazzjoni komprensivi ġodda u jitlob li n-negozjati li għaddejjin jitlestew b'mod rapidu u effiċjenti.

1.4. Il-linji gwida interpretattivi għal dispożizzjonijiet ta' sjieda u ta' kontroll jipprovdu ċarezza mtejba dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 biex l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra jiġu megħjuna fl-implimentazzjoni kontinwa tagħhom. Madankollu, fil-fehma tal-Kumitat, dawn il-linji gwida ma jikkunsidrawx biżżejjed it-tibdil fis-suq li qed iseħħ u l-isfidi rivoluzzjonarji u strutturali li l-avjazzjoni Ewropea se tiffaċċja f'terminu qasir u medju. Jekk l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-UE trid tkun robusta, il-KESE jirrakkomanda li tiġi abbozzata valutazzjoni tal-impatt abbażi ta' numru ta' xenarji li twitti t-triq għal kunsiderazzjoni infurmata tal-kwistjoni ta' sjieda u kontroll.

1.5. Il-Kumitat jappoġġja l-linji gwida interpretattivi proposti dwar l-Obbligu ta' Servizz Pubbliku (OSP) inkluż fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, filwaqt li jinnota li l-iżvilupp tas-suq fuq perjodu twil – li jinvolvi ħtieġa dejjem akbar għal aktar konnettività tal-Istati Membri fil-periferija tal-UE jew bi swieq domestiċi żgħar – se jirrikjedi analiżi ekonomika u soċjetali ulterjuri u aktar profonda dwar kif jistgħu jiġu provduti aħjar konnessjonijiet sostenibbli bejn l-ajruporti ewlenin tagħhom u d-destinazzjonijiet ewlenin fl-UE biex ikunu indirizzati aħjar l-eżiġenzi tal-passiġġieri. Ser ikunu meħtieġa aktar diskussjonijiet politiċi dwar dan filwaqt li jitqies ukoll l-Indiċi ta' Konnettività ppreparat mill-Maniġer tan-Netwerk u issa ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni Ewropea.

1.6. Il-Kumitat jemmen li r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jeħtieġ li jiġi rivedut b'mod komprensiv. Minħabba l-importanza fundamentali tiegħu għas-settur, huwa importanti ħafna li l-proċess tar-reviżjoni jinkorpora feedback mill-partijiet ikkonċernati kollha – inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili – u li jippermetti li l-viżjoni fit-tul tal-avjazzjoni ċivili tal-UE, kif stabbilita mill-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE, issir realtà. Bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni twettaq analiżi estensiva, u li din tkun ikkonfermata permezz ta' konsultazzjoni pubblika, ikun fl-aħjar interessi tal-UE li l-Kummissjoni attwali tipproponi reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

1.7. Il-KESE huwa tal-fehma li, fil-livell tal-UE, il-Maniġer tan-Netwerk [4] diġà beda l-proċess biex jittaffew l-interruzzjonijiet fis-Sistema tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM). Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali diġà għandhom l-għodda biex inaqqsu kwalunkwe impatt minħabba li huma implimentati b'mod reċiproku. Il-KESE jtenni li l-istrajks huma dritt fundamentali tal-ħaddiema u li d-dritt tal-istrajkjar jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-trattati tal-UE [5]. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, hija l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw kif dan id-dritt jiġi eżerċitat. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali żviluppaw sett ta' miżuri li jistgħu jiġu implimentati b'mod konġunt biex jitnaqqas ir-riskju ta' kunflitt industrijali ("Toolbox" [6]). Il-KESE jilqa' din l-inizjattiva bħala approċċ adegwat u effettiv sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun it-tfixkil fit-traffiku tal-ajru. Il-passiġġieri u ċ-ċittadini tal-Ewropa se jkunu l-benefiċjarji aħħarin ta' dan l-approċċ.

---

(4) Il-Maniġer tan-Netwerk huwa direttorat fi ħdan il-EUROCONTROL responsabbli għall-ippjanar tal-kapaċità tan-netwerk. Dan għandu jiżgura li l-kapaċità tat-traffiku tal-ajru ssir disponibbli u li tintuża bl-aħjar mod possibbli fl-operazzjonijiet ta' kuljum tan-netwerk pan-Ewropew. Għal dan il-għan huwa jikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri tiegħu u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru nazzjonali tagħhom.

(5) L-Artikolu 153(5) tat-TFUE.

(6) ATCEUC, CANSO and ETF (2016): Toolbox for successful social dialogue in air traffic management, disponibbli hawnhekk: http://www.etf-europe.org/files/extranet/-75/45567/Brochure%20ETF%20Toolbox%20March%202016.pdf

1.8. Biex tkun tista' sseħħ implimentazzjoni effiċjenti tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-UE, huwa essenzjali li fid-diskussjoni politika jiġu injettati l-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata dwar il-konsegwenzi politiċi, soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' dawn l-inizjattivi. Il-KESE, kif diġà stqarr f'diversi okkażjonijiet, huwa lest li jipparteċipa b'mod attiv f'dan il-proċess. Huwa wkoll ta' importanza kbira li fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill tipproċedi minnufih aktar ħidma leġislattiva dwar il-proposta li tirrevedi r-Regolament 868/2004 sabiex id-distorsjonijiet għall-kompetizzjoni internazzjonali jiġu indirizzati b'mod effettiv.

1.9. Il-KESE jtenni l-pożizzjoni adottata fl-Opinjoni tiegħu dwar "il-Pakkett tal-Avjazzjoni I" ([7]), fejn jirrakkomanda li "l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għandha tkun akkumpanjata minn spjegazzjoni strutturata u konkreta tal-mod li bih ser tiġi implimentata l-Istrateġija". Għadu meħtieġ pjan direzzjonali biex jiġi provdut aktar dettall dwar "kif il-Kummissjoni ser tindirizza lill-partijiet ikkonċernati bil-għan li tiggarantixxi dan is-sehem kruċjali min-naħa tagħhom. Il-mobilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha tal-avjazzjoni biex jaġixxu flimkien fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija hija diffiċli iżda meħtieġa".

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2017) 286 dwar L-Avjazzjoni: Ewropa Miftuħa u Konnessa (il-Komunikazzjoni) ppubblikata fit-8 ta' Ġunju 2017, issegwi t-tnedija tal-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2015 ta' "Strateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa" ([8]) (L-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-EU), li tistabbilixxi l-aġenda għal diskussjoni ffukata f ħdan il-komunità tal-avjazzjoni ċivili dwar l-elementi ewlenin neċessarji ta' politika tal-avjazzjoni olistika u kif l-aħjar li tiġi implimentata.

2.1.1. L-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE "(…) għandha l-għan li tagħti spinta lill-ekonomija tal-Ewropa, bit-tisħiħ tal-bażi industrijali tagħha u bl-issodar tal-pożizzjoni ta' tmexxija globali tagħha fl-avjazzjoni, filwaqt li tindirizza l-isfidi tal-klima u tal-ambjent, u b'hekk tikkontribwixxi b'mod dirett għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni" ([9]). Billi qieset l-aspetti ekonomiċi, legali, ambjentali, politiċi u soċjali tal-avjazzjoni, il-Kummissjoni qed issegwi approċċ olistiku għall-avjazzjoni u pproponiet objettivi biex jiġu indirizzati l-isfidi fis-suq tal-UE kif ukoll fis-swieq tal-avjazzjoni internazzjonali. Għad iridu jidhru r-riżultati l-aktar konkreti tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-UE.

2.2. Il-KESE kien involut b'mod attiv ħafna f'dawn l-aħħar snin fl-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar l-avjazzjoni ċivili. Huwa organizza għadd kbir ta' seduti pubbliċi, konferenzi u avvenimenti bilaterali u multilaterali biex jipprovdi aktar involviment tas-soċjetà ċivili f'diversi politiki dwar l-avjazzjoni ċivili tal-UE. Għaldaqstant huwa bena netwerk b'saħħtu ta' partijiet interessati tas-soċjetà ċivili tal-UE biex jirreaġixxi b'mod attiv għal proposti li ġejjin mill-Kummissjoni kif ukoll biex jippermetti u jagħti setgħa lis-soċjetà ċivili biex tinvolvi ruħha f'dan id-dossier sensittiv u importanti ħafna.

2.2.1. Fit-2 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonsulta lill-Kumitat dwar Politika tal-UE Integrata tal-Avjazzjoni. Bosta rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-Opinjoni tal-KESE dwar is-suġġett ([10]) (Settembru 2015) ġew inklużi fil-Proposta finali tal-Kummissjoni. Sussegwentement, mal-preżentazzjoni tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE, il-Kumitat appoġġja b'mod qawwi l-Proposta tal-Kummissjoni fl-Opinjoni tiegħu dwar "il-Pakett tal-Avjazzjoni I" ([11]) (Frar 2016).

2.3. Il-Komunikazzjoni attwali tal-Kummissjoni tindirizza kwistjonijiet kumplessi ħafna, kull waħda minnhom b'għadd kbir ta' ramifikazzjonijiet politiċi, legali u ekonomiċi. Il-Kummissjoni kienet elenkat dawn il-kwistjonijiet, fost oħrajn, fl-Anness ([12]) għall-Istrateġija tal-Avjazzjoni – bħala elementi integrali ta' "pjan ta' azzjoni" biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi ewlenin.

2.4. Mill-erba' miżuri proposti fil-Komunikazzjoni, waħda hija proposta leġislattiva. It-tlieta l-oħra huma linji gwida ta' natura legali mhux vinkolanti. Flimkien, huma kif ġej:

— Proposta ġdida għal Regolament dwar is-salvagwardja tal-kompetizzjoni fit-trasport bl-ajru, li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 868/2004,

(7) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.
(8) COM(2015) 598 final.
(9) COM(2017) 286 final, paġna 2.
(10) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 169.
(11) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.
(12) COM(2015) 598 final

— Linji gwida interpretattivi dwar Regoli dwar is-Sjieda u l-Kontroll ta' trasportaturi tal-ajru tal-UE inklużi fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008,

— Linji gwida interpretattivi dwar ir-regoli dwar l-Obbligu ta' Servizz Pubbliku inklużi fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, u

— Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Practices favouring Air Traffic Management Service Continuity (Prattiki li jiffavorixxu l-Kontinwità tas-Servizz tal-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru)" (mhux disponibbli bil-Malti) ([13]).

3. **Proposta leġislattiva: Regolament ġdid li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 868/2004 (abbozz ta' reviżjoni).**

3.1. Dokumenti ppubblikati mill-Kummissjoni flimkien mal-Komunikazzjoni jasserixxu l-ħtieġa ulterjuri li l-linji tal-ajru tal-UE jiġu mħarsa aħjar mill-prattiki ta' kompetituri mhux tal-UE li huma meqjusa li jfixklu l-kompetizzjoni ġusta fis-suq. Organizzazzjonijiet prinċipali fis-settur tal-linja tal-ajru tal-UE talbu lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex tindirizza dak li jikkunsidraw bħala nuqqas ta' approċċ xieraq għat-trasportaturi mhux tal-UE minn pajjiżi li ma jkollhomx regoli xierqa dwar kompetizzjoni ġusta. L-imsieħba soċjali għamlu talbiet simili abbażi tan-nuqqas ta' rispett għal standards soċjali u tax-xogħol komparabbli. Il-Kummissjoni ħadet pożizzjoni korretta fir-rigward ta' dawn it-talbiet qawwija billi ressqet abbozz ta' regolament ġdid.

3.2. F'każijiet fejn il-konnettività u l-kompetizzjoni tal-UE jitpoġġew f'riskju, l-Unjoni jeħtiġilha tkun kapaċi taġixxi b'mod effettiv biex tiżgura li li ma jkunx hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-avjazzjoni internazzjonali, u li ma ssirx ħsara lill-interessi tal-avjazzjoni tal-UE u li jiġu żgurati u jissaħħu d-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi b'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-konsumaturi u tal-passiġġieri. Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 kien maħsub biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet permezz ta' azzjoni unilaterali tal-UE.

3.3. Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 wera li għandu ħafna dgħufijiet serji ([14]): juża għodod, proċeduri u kriterji li jirriżultaw mil-liġi kummerċjali, filwaqt li s-suq tal-avjazzjoni internazzjonali huwa rregolat minn ftehimiet tas-servizzi tal-ajru. Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 ġie kkritikat ukoll minħabba s-sanzjonijiet inadegwati tiegħu: ġie kkunsidrat bħala "toothless tiger (mhux effettiv)".

3.4. L-għan tar-reviżjoni jew is-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 kien kondiviż mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew talab ukoll għal reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

3.5. Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati dwar proposta għal protezzjoni mtejba kontra s-sussidjar u l-prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi. Ġew ikkonsultati wkoll bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika għall-abbozzar tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE tal-Kummissjoni. Bħala riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet, ġie propost approċċ integrat mill-Kummissjoni bħala l-aqwa mezz biex jiġu indirizzati l-problemi identifkati. L-inklużjoni tat-tliet elementi importanti komplementari (negozjati internazzjonali, klawsoli tal-kompetizzjoni ġusta fil-ftehimiet internazzjonali, reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004) tgħin biex dawn isaħħu lil xulxin, toħloq sinerġiji, tagħmilha possibbli li tiġi salvagwardjata b'mod effiċjenti l-konnettività tal-UE u tappoġġja kompetizzjoni ġusta miftuħa bejn it-trasportaturi tal-ajru kollha.

3.6. Dan l-approċċ huwa mistenni wkoll li jikseb benefiċċji ekonomiċi billi jippermetti lil-linji tal-ajru tal-UE biex jikkompetu b'mod ġust mat-trasportaturi tal-ajru tal-pajjiżi terzi; ikun ta' benefiċċju wkoll għall-ajruporti u l-passiġġieri tal-UE permezz ta' żieda fit-traffiku u fl-għażla.

3.7. Il-Proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 868/2004 tipproponi li tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex taġixxi b'mod deċiżiv bħala l-istituzzjoni mexxejja tal-UE li tiżgura l-aderenza mal-obbligi internazzjonali minn pajjiżi terzi fi ħdan il-liġi u l-prinċipji stabbiliti sew tal-UE dwar it-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. L-emendi proposti jissemplifikaw il-proċess u jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonernati biex isolvu kwalunkwe kunflitt billi jirrikorru għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim reċiproka kull meta jkun possibbli. Il-Proposta tal-Kummissjoni, għaldaqstant – jekk tiġi adottata – ser tindirizza b'mod effettiv id-dgħufijiet fir-Regolament (KE) Nru 868/2004 fis-seħħ bħalissa.

([13]) SWD(2017) 207 final.
([14]) Studju għall-Kummissjoni f'April 2013 268/2004 – "A Case for Better Regulation (Każ għal Regolamentazzjoni Aħjar)".

3.7.1. Madankollu, diversi kwistjonijiet għadhom mhumiex ċari, b'mod partikolari liema miżuri tista' tieħu l-Kummissjoni biex tiżgura l-konformità mal-obbligi internazzjonali minn pajjiżi terzi ([15]).

3.7.2. Tħassib ieħor li tqajjem mill-partijiet ikkonċernati huwa l-assenza ta' azzjoni prevista f'każijiet fejn parti terza tonqos milli tikkonforma mal-prinċipji bażiċi tal-protezzjoni tal-ħaddiema kif deskritt fl-istandards tal-ILO jew fejn il-protezzjoni tal-konsumatur u/jew l-istandards ambjentali mhumiex rispettati. Fid-dawl tal-approċċ olistiku segwit mill-Kummissjoni, huwa importanti li jiġi sottolinjat li għandu jiġi żgurat approċċ bilanċjat bejn aċċess ħieles għas-suq bħal tad-WTO u kompetizzjoni internazzjonali sostenibbli fl-interessi tal-impjegati u l-konsumaturi.

3.7.3. Il-Proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament 868/2004 tipprovdi għal possibilità oħra biex jiġu rimedjati d-distorsjonijiet. Billi tindirizza prattiki kummerċjali inġusti li jikkawżaw ħsara lil linji tal-ajru tal-UE individwali, il-Kummissjoni tista' tintervjeni, jekk tiġi provduta evidenza prima facie li dawn il-prattiki inġusti jeżistu u għandhom effett ta' kawżalità u detrimentali fuq linji tal-ajru tal-UE. L-Istati Membri u l-linji tal-ajru jistgħu jippreżentaw ukoll ilment.

3.7.4. Biex il-Proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament 868/2004 taġixxi bħala katalist għal riżoluzzjoni volontarja tal-konflitti, huwa essenzjali li s-sanzjonijiet, jekk jiġu imposti, ikunu sinifikanti għall-parti terza. Għaldaqstant, il-Proposta tal-Kummissjoni tipprovdi miżuri bħas-sospensjoni ta' konċessjonijiet, ta' servizzi jew ta' drittijiet oħra tal-pajjiż terz, sakemm dan ma jwassalx għall-ksur tal-Ftehimiet tas-Servizzi tal-Ajru mal-pajjiż terz jew ta' obbligi internazzjonali oħrajn ([16]).

3.8. Għalhekk jista' jiġi argumentat li l-Proposta tal-Kummissjoni fil-verżjoni attwali tagħha tindirizza b'mod effettiv ir-riżervi ewlenin espressi kontra r-Regolament (KE) Nru 868/2004; biex il-Proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi r-Regolament tilħaq l-effett mixtieq li taġixxi bħala deterrent għal pajjiżi terzi jew trasportaturi ta' pajjiżi terzi milli jdgħajfu l-kompetizzjoni fl-avjazzjoni internazzjonali, tista' tidher meħtieġa aktar kjarifika dwar il-miżuri li l-Kummissjoni tista' introduċi għal dan il-għan u dwar l-approċċ usa' li għandu jiġi kkontemplat meta jiġi definit il-kunċett ta' kompetizzjoni "inġusta".

3.9. Madankollu, filwaqt li jappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni, xi dettalji jistgħu jsiru aktar stretti biex jiġi żgurat li r-Regolament rivedut ikun effettiv: jenħtieġ li jitnaqqas it-tul ta' investigazzjoni u jenħtieġ li ma jkunx possibbli li jitwaqqfu investigazzjonijiet mingħajr kawża suffiċjenti – bħall-ftehim mal-partijiet dwar miżuri ta' rimedju u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Jenħtieġ li jkun hemm ukoll strument għal għajnuna temporanja.

3.10. Sabiex l-industrija tal-avjazzjoni tal-UE tiġi salvagwardjata minn kompetizzjoni inġusta minn operaturi ta' pajjiżi terzi, il-KESE jinsisti li Regolament ġdid li jirrevedi dak attwalment fis-seħħ irid imur lil hinn minn kunsiderazzjoni ta' protezzjoni mtejba kontra s-sussidjar u prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi u jidentifika l-ħtieġa li tiġi indirizzata f'forma internazzjonali xierqa l-kwistjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jiksru l-Konvenzjonijiet ILO.

## 4. **Proposti mhux leġislattivi**

4.1. *Linji gwida interpretattivi dwar ir-regoli dwar is-sjieda u l-kontroll*

4.1.1. Fl-aħħar Opinjoni tiegħu dwar l-Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-UE ([17]), il-KESE qabel li l-għan prevalenti tal-istrateġija jenħtieġ li jkun li jappoġġja t-tkabbir ekonomiku globali u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Sabiex ikunu jistgħu jikbru, il-linji tal-ajru Ewropej jeħtieġu aċċess għall-investiment – inkluż l-investiment barrani. Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni, madankollu, għall-fatt li xi gvernijiet mhux tal-UE qed jużaw l-investimenti bħala għodda strateġika b'mod li huwa potenzjalment inkompatibbli mal-ispirtu u l-formulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

([15]) Eżempju ta' prattika inġusta bħal din jista' jkun sitwazzjoni fejn setgħa ekonomika ta' pajjiż terz importanti tirrifjuta de facto aċċess għal trasportaturi tal-UE għal slots kummerċjalment importanti fl-ajruporti ewlenin tagħha.
([16]) COM(2017) 289, Article 13.
([17]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 86.

4.1.2. Skont ir-regoli attwali dwar l-investiment tal-UE għal linji tal-ajru barranin, l-investiment ma jistax jaqbeż 49 % tas-sjieda ([18]). Barra minn hekk, il-kontroll effettiv tal-kumpanija jeħtieġ li jibqa' f'idejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropew jew iċ-ċittadini tagħhom ([19]). Dan l-aħħar, din ir-regola wasslet għar-reviżjonijiet ta' diversi investimenti barranin minn awtoritajiet tal-liċenzjar tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni ([20]).

4.1.3. Il-linji gwida interpretattivi dwar is-sjieda u l-kontroll ma jbiddlux ir-regoli eżistenti dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet; madankollu, jispjegaw diversi aspetti proċedurali importanti. Barra minn hekk, jistabbilixxu liema skemi ta' investiment huma aċċettabbli jekk il-linji tal-ajru jkunu jridu jibqgħu joperaw bil-liċenzji tagħhom tal-UE.

4.1.4. Diversi każijiet ta' akkwisti strateġiċi ta' minoranza minn linji tal-ajru mhux tal-UE ħolqu dibattitu pjuttost kontroversjali dwar jekk dawn jiksrux id-dispożizzjonijiet dwar is-sjieda u l-kontroll fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Dawn huma indikattivi tat-tibdil fundamentali li qed iseħħ fl-avjazzjoni internazzjonali ([21]). Għalkemm il-KESE jilqa' bi pjaċir il-proposta għal linji gwida interpretattivi dwar is-sjieda u l-kontroll, iqis li huwa importanti li f'dan ir-rigward ma jitqiesx biss kif għandhom jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet attwali, imma pjuttost li jiġi evalwat jekk dawn issa jkunux jirrikjedu reviżjoni fid-dawl tat-tendenzi tas-suq attwali u prevedibbli. F'dan il-kuntest, l-għoti ta' opportunitajiet ta' investiment ibbażati fuq ir-reċiproċità huwa wieħed mill-aktar mezzi importanti li għandu jiġi segwit. Sabiex jiġi evalwat l-impatt tal-iżviluppi tas-suq fuq il-kompetittività Ewropea fil-futur medju u fit-tul, il-KESE jirrakkomanda li tiġi abbozzata valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq għadd ta' xenarji. Din se twitti t-triq għal kunsiderazzjoni infurmata tal-kwistjoni tas-sjieda u l-kontroll.

4.2. *Linji gwida intepretattivi dwar ir-regoli dwar l-Obbligu ta' Servizz Pubbliku (il-linji gwida OSP)*

4.2.1. Fl-UE hija rikonoxxuta l-ħtieġa li jiġu indirizzati każijiet fejn, fuq ċerti rotot u minħabba kundizzjonijiet speċifiċi, domanda insuffiċjenti jew falliment tas-suq, ma jkunx possibbli li jiġu pprovduti biżżejjed titjiriet biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali. F'dawn il-każijiet, l-Obbligi ta' Servizz Pubbliku (OSP) – permessi taħt kundizzjonijiet speċifiċi ħafna stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 – jistgħu jiggarantixxu li reġjuni periferiċi jew li qed jiżviluppaw ikunu konnessi sew mal-bqija tal-Ewropa.

4.2.2. L-OSP intużaw ġeneralment minn Stati Membri biex jiżguraw konnessjonijiet fil-pajjiż tagħhom lejn u minn reġjuni mhux moqdija biżżejjed. OSP huma soġġetti għal valutazzjoni ta' neċessità li tqis ir-rekwiżiti ta' proporzjonalità ([22]), li wieħed jirrikorri għal mezzi ta' trasport, tariffi tal-ajru u kundizzjonijiet oħrajn, kif ukoll l-effett ikkombinat ta' trasportaturi tal-ajru li qed joperaw jew għandhom il-ħsieb li joperaw fuq ir-rotta ([23]).

4.2.3. Ir-regoli eżistenti dwar l-OSP mhux dejjem kienu implimentati b'mod konsistenti, li seta' wassal għal distorjoni kemm tal-konnettività kif ukoll tal-kompetizzjoni fuq xi rotot. Tqajmu mistoqsijiet minn Stati Membri dwar il-kontenut tad-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Linji Gwida tal-OSP.

4.2.4. Il-Linji Gwida tal-OSP jiddeskrivu l-metodoloġija proposta li trid tiġi segwita mill-Kummissjoni waqt il-valutazzjoni ta' kwalunkwe OSP. Dawn jikkonċernaw kollox mill-istabbiliment ta' OSP u proċeduri relatati għal spjegazzjonijiet dwar konċessjonijiet għal servizzi esklużivi u kumpens (rigward ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

4.2.5. Il-Linji Gwida tal-OSP se jikkontribwixxu għal implimentazzjoni u infurzar aktar trasparenti u aktar konsistenti tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Madankollu, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu nota b'attenzjoni tal-Opinjoni tiegħu dwar "Applikazzjoni tad-Deċiżjoni dwar il-kumpens pubbliku għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (2012/21/UE)" ([24]) li tirrakkomanda rekwiżit ta' inqas piż fuq il-gvernijiet nazzjonali u lokali b'rabta mal-konformità u r-rapportar tagħhom dwar l-għotjiet ta' OSP, speċjalment fejn il-ħtieġa għal intervent pubbliku

([18]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-Artikolu 4(f) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).
([19]) Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-Artikolu 4(f) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).
([20]) SWD(2017) 207 final, p. 4.
([21]) Eżempju: akkwist ta' minoranza ta' Air Berlin minn Etihad Airways bħala parti minn strateġija biex tinħoloq sħubija b'saħħitha bejn diversi linji tal-ajru Ewropej u Etihad Airways.
([22]) L-obbligu fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun.
([23]) Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-Artikolu 16(3) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).
([24]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 45.

sabiex jiġu appoġġjati servizzi tal-linji tal-ajru soċjalment meħtieġa iżda mhux kummerċjalment vijabbli tidher biċ-ċar (eż. biex tinkiseb il-konnettività għal żoni remoti, gżejjer, eċċ.). Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat ir-rispett tal-istandards soċjali meta jkun qed jingħata l-appoġġ pubbliku.

4.2.6. L-Istati Membri fil-periferija tal-UE jew bi swieq domestiċi żgħar jesperjenzaw diffikultajiet dejjem jiżdiedu mhux biss fl-iżgurar ta' konnessjonijiet domestiċi, iżda anke f'konnessjonijiet bejn l-ajruport ewlieni tagħhom u destinazzjonijiet ewlenin fl-UE u lil hinn. Il-kwistjoni għalhekk mhijiex biss waħda ta' ċarezza regolatorja, iżda ekonomikament u politikament kif tiġi żgurata konnettività suffiċjenti għal destinazzjonijiet periferali fl-Ewropa, b'hekk tirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tal-passiġġieri. L-Istati Membri kkonċernati huma interessati f'servizzi tal-ajru sostenibbli u affidabbli biex tiġi żgurata stabbilità tal-ippjanar fit-tul irrispettivament minn kostijiet tal-għażla possibbli li jinħolqu għat-trasportatur tal-ajru li jopera.

4.2.7. L-Indiċi tal-Konnettività għandu jipprovdi tagħrif dwar jekk tali approċċi usa' għall-OSP, li possibbilment jiżguraw aktar tkabbir ekonomiku, għandhomx ikunu ġustifikati. Fuq medda twila ta' żmien, wieħed jista' jargumenta dwar jekk id-dispożizzjonijiet fil-Linji Gwida tal-OSP jistgħux jibqgħu rilevanti u effettivi f'suq tal-avjazzjoni li qed jinbidel b'rata mgħaġġla.

4.3. *Il-kontinwità tal-Amministrazzjoni tat-Traffiku tal-Ajru*

4.3.1. Is-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar ta' konnettività tal-arja affidabbli filwaqt li jiggarantixxu l-prestazzjoni sikura tal-flussi tat-traffiku tal-ajru. Fil-perjodi l-aktar traffikużi tas-sena, is-sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) trid timmaniġġja aktar minn 30 000 titjira kuljum. Il-forza tax-xogħol għandha rwol essenzjali fit-twassil ta' dawn is-servizzi tal-ATM. Fl-Ewropa kollha, is-settur jimpjega 56 300 persuna: 17 370 kontrollur u 38 930 membru tal-persunal ieħor li jaħdmu fis-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru. Il-ħidma f'dan is-settur mhux biss teħtieġ teknoloġija mill-aktar avvanzata iżda wkoll ħiliet personali u professjonali għoljin ħafna. L-effiċjenza u r-reżiljenza tas-sistema tal-ATM dan l-aħħar tjiebet b'mod konsiderevoli u kienet kapaċi tassorbi ż-żieda fit-traffiku ta' 68 % f'għoxrin sena, minn 5,8 miljun titjira fl-1995 għal 9,74 miljun fl-2014. Dan it-titjib fl-effiċjenza, filwaqt li jinżammu l-ogħla standards ta' sikurezza, kien possibbli biss bis-saħħa tal-impenn qawwi tal-partijiet interessati kollha fil-katina tal-valur tal-avjazzjoni fiż-Żona Unika Ewropea tal-Avjazzjoni.

4.3.2. Matul is-seduta pubblika organizzata mill-KESE dwar "Il-kontinwità tal-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru f'Ewropa Miftuħa u Konnessa", il-Maniġer tan-Netwerk spjega l-proċess li ġie stabbilit biex jiġi minimizzat l-impatt tat-tipi kollha ta' interruzzjonijiet fl-Ewropa. Dawn il-miżuri jirrikjedu l-parteċipazzjoni tal-Fornituri ta' Servizzi tan-Navigazzjoni bl-ajru (ANSPs), il-linji tal-ajru u l-Istati Membri. Dawn urew li huma mezz effiċjenti ħafna biex jitnaqqas l-impatt ta' interruzzjonijiet għall-passiġġieri.

4.3.3. Waħda mill-kawżi possibbli ta' interruzzjonijiet hija l-azzjoni industrijali fis-settur tal-avjazzjoni. L-istrajks huma dritt fundamentali tal-ħaddiema u d-dritt tal-istrajkjar jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-trattati tal-UE ([25]). Huwa għalhekk obbligu tal-Istati Membri biex jiddeterminaw kif jista' jiġi eżerċitat id-dritt tal-istrajkjar, u l-maġġoranza tal-Istati Membri għandhom liġijiet jew regolamenti speċifiċi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tad-dritt tal-istrajkjar fl-ATM u fi kwalunkwe parti oħra tal-katina tal-valur tal-avjazzjoni tal-UE.

4.3.4. Is-sett ta' għodod għal djalogu soċjali li jirnexxi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ([26]), miftiehem bejn l-imsieħba soċjali, huwa eżempju tajjeb ta' approċċ effiċjenti biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi li jimminimizzaw ir-riskju ta' interruzzjonijiet. Dawn il-miżuri huma implimentati abbażi ta' kunsens reċiproku. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-imsieħba soċjali sabiex jiġi estiż l-ambitu tal-firmatarji u huwa lest li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

## 5. **Proposti oħra**

5.1. Biex tiġġieled kontra prattiki li jaffettwaw ħażin il-kompetizzjoni, u flimkien mal-Proposta tagħha għal Regolament 868 ġdid, il-Kummissjoni qed tinkoraġġixxi l-inklużjoni ta' regoli estensivi dwar il-kompetizzjoni fi ftehimiet tal-avjazzjoni komprensivi ma' pajjiżi terzi ([27]). Hija qed tħeġġeġ lill-Kunsill biex jagħtiha mandati ġodda biex tiftaħ negozjati dwar ftehimiet oħra bħal dawn mal-Bahrain, iċ-Ċina, il-Kuwajt, il-Messiku, l-Oman u l-Arabja Sawdija. Il-Kummissjoni qed tinsisti wkoll –bir-raġun – dwar l-iffirmar immedjat tal-Ftehim Komprensiv tal-UE dwar l-Avjazzjoni mal-Ukrajna.

([25]) L-Artikolu 153(5) tat-TFUE.
([26]) http://www.etf-europe.org/files/extranet/-75/45567/Brochure%20ETF%20Toolbox%20March%202016.pdf.
([27]) SWD (2017) 182 final, 3.4.4.

5.2. L-ewwel ftehim komprensiv ta' dan it-tip (il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru – ATA) konkluż bejn l-UE u l-Istati Uniti (2007) fir-rigward tal-kompetizzjoni inġusta jistabbilixxi kooperazzjoni bejn ir-regolaturi tal-kompetizzjoni, li joħloq qafas għal koordinazzjoni. L-Artikolu 14 tal-ATA jindirizza azzjoni fir-rigward tas-sussidji u l-appoġġ tal-istat ([28]) u jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Kumitat Konġunt tal-ATA d-dritt li jsolvu tilwim potenzjali – inkluż billi jsir rikors għal proċedura newtrali tal-arbitraġġ. Il-valur miżjud prinċipali ta' tali ftehimiet komprensivi jinsab fil-konverġenza regolatorja ta' bosta oqsma ewlenin (standards ta' sikurezza, ċertifikati u liċenzji, kif ukoll fil-qasam sensittiv tas-sigurtà). F'dan il-kuntest dan jirrelata wkoll mal-għajnuna mill-istat u l-appoġġ mill-istat.

5.3. Sal-lum, ġie konkluż ftehim komprensiv dwar l-avjazzjoni mal-Kanada. Attwalment, il-ftehim mal-Brażil qed jiġi nnegozjat mill-ġdid u l-UE kkonkludiet negozjati mal-Iżrael, il-Ġordan, il-Marokk, il-Moldova u l-Ġeorġja. Għadhom għaddejjin negozjati mal-Awstralja u ma' New Zealand. Wara l-għoti tal-mandati tal-Kunsill fl-2016, inbdew negozjati mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, il-Qatar, l-Emirati Għarab Magħquda u t-Turkija. F'kull każ, il-kwistjoni tal-klawsoli tal-kompetizzjoni ġusta ffurmat parti min-negozjati ([29]).

5.4. Bil-kundizzjoni li l-Kummissjoni jirnexxielha tikkompleta l-ATAs li attwalment ngħatat mandat għalihom, il-KESE jinnota l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura mandati oħrajn biex tiftaħ ftehimiet tal-avjazzjoni komprensivi ġodda u jħeġġeġ in-negozjar rapidu u effiċjenti ta' dawk li diġà nbdew. Madankollu, il-prattiki tax-xogħol ta' ċerti pajjiżi u tal-linji tal-ajru tagħhom huma sors ta' tħassib u jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-avjazzjoni internazzjonali. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-operaturi Ewropej jiġu ttrattati b'mod ġust u jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kunsill u l-Kummissjoni jagħrfu l-ħtieġa li jiġu nnegozjati klawżoli soċjali vinkolanti fil-ftehimiet tal-UE fil-qasam tal-avjazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

---

([28]) Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti, iffirmat fil-25 u t-30 ta' April 2007, l-Artikolu 14.
([29]) SWD (2017) 182 final, 2.2.1.3.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-Passiġġieri tal-Ferroviji (riformulazzjoni)"**

*(COM(2017) 548 final — 2017/0237 (COD))*

(2018/C 197/10)

Rapporteur: **Jan SIMONS** (NL-I)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 5.10.2017 |
| | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 10.10.2017 |
| Bażi legali | L-Artikolu 91 tat-TFUE |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni |
| Adottata fis-sezzjoni | 4.1.2018 |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 18.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 164/1/4 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

## 1. **Konklużjonijiet**

1.1. Il-Kumitat jista' japprova l-proposti tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, huwa japprova l-proposti sabiex jiġu ċċarati aktar ir-regoli attwali, tiġi pprovduta informazzjoni aħjar lill-passiġġiera, u billi jitneħħew l-eżenzjonijiet nazzjonali, tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tad-drittijiet tal-passiġġieri madwar l-UE. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-klawżola forza maġġuri bħala tali hija meħtieġa, sabiex it-trasport ferrovjarju jiġi allinjat ma' modi oħra ta' trasport.

1.2. Iżda dispożizzjoni ġdida (l-Artikolu 22(4) dwar l-għajnuna fl-istazzjonijiet li tikkonċerna lill-persuni b'diżabilità u persuni b'mobbiltà mnaqqsa) tista' tkun problematika. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda bis-sħiħ li jiżdied dan li ġej mal-Artikolu 22(4): "ħlief għall-istazzjonijiet mingħajr persunal li huma koperti mill-paragrafu 3".

1.3. Il-Kumitat għandu wkoll għadd ta' proposti għat-tisħiħ tal-abbozz ta' test; li huma stabbiliti wkoll fis-sezzjoni 4.3, u li qed nagħmlu referenza għalihom hawnhekk għall-qosor.

## 2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri f'kull tip ta' trasport, u b'hekk inkluża l-ferrovija, ġiet inkluża bħala objettiv tal-UE sa mill-White Paper tal-2001 dwar it-Trasport. Għal dak il-għan ġie adottat regolament dwar it-trasport ferrovjarju fl-2007 ([1]) u daħal fis-seħħ fl-2009.

2.2. Dan ir-Regolament jipprovdi lill-passiġġieri b'livell minimu ta' protezzjoni meta jivvjaġġaw bil-ferrovija. Ir-Regolament jobbliga lill-Istati Membri, l-awtoritajiet rispettivi tagħhom u l-impriżi ferrovjarji biex jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet fil-prattika tagħhom biex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-passiġġieri. F'dan il-kuntest, ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 huwa għodda importanti ta' armonizzazzjoni li għandu jiżgura li l-passiġġieri kollha li jivvjaġġaw bil-ferrovija fl-UE għandhom l-istess drittijiet.

2.3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2011 dwar Viżjoni Ewropea għall-passiġġieri "Komunikazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-mezzi kollha tat-trasport" ([2]) tiddikjara li d-drittijiet tal-passiġġieri huma bbażati fuq tliet elementi fundamentali: in-nondiskriminazzjoni; informazzjoni preċiża, f'waqtha u aċċessibbli; u assistenza immedjata u proporzjonata.

([1]) Regolament (KE) Nru 1371/2007.
([2]) COM(2011) 898 final.

2.3.1. Telenka wkoll għaxar drittijiet ewlieni tal-passiġieri tal-UE applikabbli għall-mezzi kollha ta' trasport:

1. id-dritt għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport,

2. id-dritt għall-mobilità,

3. id-dritt għall-informazzjoni,

4. id-dritt li jiġu rrinunzjati l-ispejjeż tal-vjaġġ (rimborż tal-ispiża sħiħa tal-biljett),

5. id-dritt li jitwettaq il-kuntratt tat-trasport fil-każ li dan jiġi interrott,

6. id-dritt għall-assistenza,

7. id-dritt għall-kumpens,

8. id-dritt għar-responsabbiltà tat-trasportaturi għall-passiġġieri u l-bagalji tagħhom,

9. id-dritt għal sistema rapida u aċċessibbli ta' trattament tal-ilmenti, u

10. id-dritt għal applikazzjoni sħiħa u għal infurzar effettiv tal-liġi tal-UE.

2.3.2. Id-drittijiet applikabbli għall-passiġġieri tal-ferrovija inklużi fir-Regolament tal-2007 jirriflettu l-10 drittijiet ewlenin tal-passiġġieri msemmija hawn fuq li diġà japplikaw għall-mezzi kollha ta' trasport.

2.3.3. Madankollu, ir-Regolament jipprovdi lill-Istati Membri b'diskrezzjoni wiesgħa ħafna fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet wiesa' mill-applikazzjoni tar-Regolament. Minkejja li dawn l-eżenzjonijiet jingħataw fuq bażi temporanja, li ma taqbiżx il-perjodu massimu ta' 15-il sena, għandhom impatt konsiderevoli fuq l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament.

2.3.4. Attwalment, erba' Stati Membri biss japplikaw ir-Regolament mingħajr kwalunkwe eżenzjoni, filwaqt li l-24 Stat Membru l-ieħor taw bosta eżenzjonijiet għas-servizzi ferrovjarji domestiċi, urbani, suburbani jew reġjonali. L-applikazzjoni estensiva ta' dawn l-eżenzjonijiet, minkejja li hija legalment permissibbli, ixekkel l-applikazzjoni u l-infurzar uniformi tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007. Il-passiġġieri tal-ferrovija għalhekk għandhom drittijiet differenti fi Stati Membri differenti.

2.3.5. Fir-rapport tagħha tal-2013 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ([3]), il-Kummissjoni enfasizzat ċerti oqsma problematiċi li ġew ikkonfermati b'valutazzjoni tal-impatt fl-2016/2017 ([4]).

2.4. Fl-2013, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet (Kawża C 509/11 ÖBB-Personenverkehr) li l-Artikolu 17 attwali tar-Regolament ma jippermettix li l-impriżi ferrovjarji jkunu eżentati mill-kumpens tal-passiġġieri għal dewmien minħabba forza maġġuri. Dan jiddistingwi t-trasport bil-ferrovija minn mezzi oħra tat-trasport.

2.5. Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li din il-proposta tikkonċerna biss lill-impriżi ferrovjarji liċenzjati skont id-Direttiva 95/18/KE; għalhekk ma tapplikax għat-trammijiet u l-metros. Barra minn hekk, il-proposta hija mirfuda mir-regoli uniformi dwar il-kuntratt għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri u bagalji bil-ferrovija (CIV).

## 3. **Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni**

3.1. Ir-riformulazzjoni propost isib bilanċ bejn it-tisħiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferroviji u t-tnaqqis tal-piż fuq l-impriżi ferrovjarji.

3.2. L-eżenzjonijiet għas-servizzi domestiċi ta' distanzi twal għandhom jitneħħew sal-2020. Għas-servizzi li jsiru barra mill-UE, l-Istati Membri għandhom jiġu meħtieġa jagħtu eżenzjonijiet biss jekk jipprovdu evidenza li l-passiġġieri huma protetti kif xieraq meta jkunu fit-territorju tagħhom. Ir-Regolament ser japplika bis-sħiħ għas-servizzi urbani, suburbani u reġjonali li jsiru bejn il-fruntieri biex tkun żgurata ċ-ċertezza legali fir-reġjuni transkonfinali.

([3]) COM(2013) 0587 final.
([4]) SWD(2017) 317 final.

3.3. Il-proposta ssaħħaħ id-drittijiet tal-**persuni b'diżabbiltà u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa**, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). L-Istati Membri ma għadhomx jistgħu jeżentaw l-għoti ta' assistenza u kumpens f'każ ta' dannu fit-tagħmir tal-mobbiltà ([5]). L-informazzjoni għandha tingħata b'formati aċċessibbli u b'konformità mar-rekwiżiti proposti fl-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà ([6]). Il-persunal tal-ferroviji għandu jingħata t-taħriġ kif xieraq.

3.4. Il-passiġġieri għandhom jingħataw **informazzjoni bażika** dwar id-drittijiet tagħhom meta ssir il-prenotazzjoni. F'pożizzjonijiet prominenti fl-istazzjonijiet u abbord għandhom jitwaħħlu avviżi li jinfurmaw lill-passiġġieri dwar id-drittijiet tagħhom.

3.5. Skont il-*Linji Gwida Interpretattivi* tal-2015 ([7]) u r-4 pakkett ferrovjarju tal-2016 ([8]), l-impriżi ferrovjarji u l-bejjiegħa tal-biljetti għandhom jagħmlu sforzi biex joffru biljetti kumulattivi, iżda jistgħu wkoll jagħtu prova li informaw lill-passiġġieri meta d-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri ma japplikaw għall-vjaġġ kollu.

3.6. Il-proposta tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-Korpi Nazzjonali tal-Infurzar, inkluż fil-każijiet transkonfinali u teżiġi li dawn jikkoperaw b'mod effettiv.

3.7. Il-proposta tintroduċi klawżola ġenerali li tipprojbixxi kull forma ta' **diskriminazzjoni**, u tallinja l-ferrovija ma' mezzi oħra tat-trasport.

3.8. Biex jonqos il-piż minn fuq l-impriżi ferrovjarji, il-proposta tobbliga lill-amministraturi tal-istazzjonijiet u tal-infrastruttura biex huma wkoll ikollhom pjani ta' kontinġenza.

3.9. L-impriżi ferrovjarji għandhom jingħataw id-dritt għal rimedju, jekk id-dewmien ikun seħħ tort ta' terza parti jew minħabba n-negliġenza. Din il-miżura tallinja d-drittijiet tal-passiġġieri tal-ferrovija mad-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru ([9]).

3.10. Biex jiġi prevenut li l-impriżi tal-ferrovija jkollhom iħallsu kumpens f'sitwazzjonijiet li ma ħolqux huma u ma setgħux jipprevenuhom, il-proposta tintroduċi klawżola tal-forza maġġuri li tapplika biss f'sitwazzjonijiet tassew eċċezzjonali li jiġu kkawżati minħabba kundizzjonijiet severi tat-temp u diżastri naturali ([10]).

3.11. Ir-Regolament ser jitniżżel fl-Anness għar-Regolament rivedut tal-Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur ([11]).

3.12. Il-proposta tinkludi referenzi għall-COTIF (ir-Regoli Uniformi tas-CIV), u b'hekk testendi r-regoli tagħha għas-servizzi tat-trasport domestiku bil-ferrovija fl-UE.

## 4. **Osservazzjonijiet**

4.1. F'termini ġenerali, il-Kumitat jista' japprova l-proposti tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, huwa japprova l-proposti sabiex jiġu ċċarati aktar ir-regoli attwali, tiġi pprovduta informazzjoni aħjar lill-passiġġiera, u billi jitneħħew l-eżenzjonijiet nazzjonali, tiġi promossa l-applikazzjoni uniformi tad-drittijiet tal-passiġġieri madwar l-UE. Barra minn hekk, l-introduzzjoni tal-klawżola forza maġġuri bħala tali hija meħtieġa, sabiex it-trasport ferrovjarju jiġi allinjat ma' modi oħra ta' trasport.

4.2. Ir-riformulazzjoni "li tibda mill-istrument legali eżistenti" ([12]) m'għandhiex tkun regola fissa. Xi kultant, b'mod partikolari fejn jinstab li direttiva tkun qed tiġi interpretata u applikata b'mod differenti minn Stati Membri individwali, l-aħjar huwa li jintgħażel strument legali differenti, f'dan il-każ regolament. Hawnhekk, madankollu, diġà ntuża regolament; ir-riformulazzjoni għandha għalhekk twassal għal regoli ċari, li mhumiex soġġetti għal diversi interpretazzjonijiet, iżda huma applikati b'mod uniformi, u appoġġjati minn sejbiet ġodda, bħalma huwa ġeneralment il-każ. Fir-rigward tal-partijiet inqas preċiżi li fadal tad-dokument, il-KESE jixtieq jagħmel il-kummenti li ġejjin.

---

([5]) COM(2017) 548 final – 2017/0237 (COD).
([6]) COM/2015/0615 final – 2015/0278 (COD).
([7]) ĠU C 220, 4.7.2015, p. 1
([8]) ĠU L 352, 23.12.2016, p. 1.
([9]) ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.
([10]) SWD(2017) 318 final.
([11]) COM(2016) 283
([12]) COM(2017) 548 final – 2017/0237 (COD).

4.3. *Proposti*

4.3.1. Xi kultant ikun diffiċli għall-persunal tal-ferroviji biex jidentifikaw il-passiġġieri b'diżabilità, partikolarment issa li huwa ssuġġerit li fid-definizzjoni ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa tiġi inkluża d-diżabilità mentali jew psikoloġika. Fil-każ ta' suspett ta' frodi dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet kritiċi u problemi prattiċi. Din il-kwistjoni għandha tingħata l-attenzjoni xierqa fit-taħriġ tal-persunal (l-Artikolu 26).

4.3.2. L-eżenzjonijiet li fadal għas-**servizzi nazzjonali fuq distanza twila** għandhom jibqgħu jiġu eliminati gradwalment sal-2024 f'konformità mar-rekwiżit tar-regolamentament eżistenti. Jekk l-eżenzjonijiet jintemmu aktar kmieni, fl-2020 kif propost mill-Kummissjoni, dan jista' jkun kmieni wisq għal xi Stati Membri. F'dak il-każ, għandha tinstab soluzzjoni xierqa fuq bażi ta' każ b'każ, sabiex ikun hemm tranżizzjoni mingħajr xkiel.

4.3.3. Il-kumpens minimu (l-Artikolu 17(1)) huwa soġġett għal minimu ta' 60 minuta dewmien. Madankollu, skont il-prattika attwali, huwa magħruf li jiġi applikat dewmien minimu iqsar. Din il-possibbiltà għandha tinżamm billi tissemma espressament f'dan l-Artikolu.

4.3.4. Fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar li għandha tiġi pprovduta, għandu jingħad li fejn id-dewmien minimu għal kumpens ser jintlaħaq jew jinqabeż kważi ċertament, dan għandu jiġi kkomunikat lill-passiġġieri u fejn possibbli, ikunu fil-fatt disponibbli l-formoli rilevanti ta' applikazzjoni għall-kumpens.

4.3.5. L-Artikolu 22 jistabbilixxi għajnuna fl-istazzjonijiet ferrovjarji. Fil-paragrafu 3 hemm indikat arranġamenti speċjali għal stazzjonijiet mingħajr persunal. Il-paragrafu 4 il-ġdid propost imbagħad jonqos milli jqis dan. Il-Kumitat jirrakkomanda li wara l-aħħar kelma fil-paragrafu 4 ("ferrovjarji") tiżdied il-frażi "ħlief, fl-istazzjonijiet mingħajr persunal, li huma koperti mill-paragrafu 3".

Brussell, it-18 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

*Appendiċi*

**għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Il-punti li ġejjin tal-opinjoni tas-sezzjoni nċaħdu minħabba emendi adottati mill-Assemblea iżda rċevew tal-inqas kwart tal-voti mixħuta favur iż-żamma tat-test tal-opinjoni tas-sezzjoni (Regola 54(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

4.3.6. Xi dispożizzjonijiet fil-proposta jistgħu jkunu problematiċi, qarrieqa u/jew sors ta' konfużjoni u dispożizzjoni minnhom saħansitra hija kontradittorja.

Riżultat tal-votazzjoni tal-emenda:

Voti favur: 73

Voti kontra: 50

Astensjonijiet: 24

4.3.6.1. Pereżempju d-dritt (l-Artikolu 10(5)) li l-biljetti jinxtraw abbord mingħajr ħlas żejjed jista' jiġi ddubitat fil-każijiet fejn ma jinbigħux biljetti abbord u tingħata informazzjoni dwar ix-xiri tal-biljetti fl-istazzjonijiet tat-tluq, kif diġà previst fl-Artikoli 10(2), 10(3) u 10(4).

Riżultat tal-votazzjoni tal-emenda:

Voti favur: 80

Voti kontra: 51

Astensjonijiet: 13

4.3.6.2. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni (Artikolu 23(4)) li tistipula li għandha tkun disponibbli għajnuna abbord il-ferroviji fil-ħinijiet kollha li matulhom joperaw is-servizzi ferrovjarji tista' tkun problema f'każijiet fejn il-ferroviji jkunu operati mingħajr persunal abbord b'mod ġenerali, sitwazzjoni li diġà hija rregolata fl-Artikolu 23(2).

Riżultat tal-votazzjoni tal-emenda:

Voti favur: 91

Voti kontra: 48

Astensjonijiet: 12

4.3.6.3. Biex jiġu evitati tilwim mhux neċessarju u obbligi mhux raġonevoli, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li jitħassru kemm l-Artikolu 10(5) kif ukoll l-Artikolu 23(4).

Riżultat tal-votazzjoni tal-emenda:

Voti favur: 90

Voti kontra: 48

Astensjonijiet: 14

Il-punt li ġej ġie mmodifikat biex jirrifletti l-emendi adottati mill-Assemblea.

1.2. Iżda wħud mid-dispożizzjonijiet il-ġodda (l-Artikolu 10(5) propost dwar ix-xiri tal-biljetti abbord; l-Artikolu 22(4) dwar l-għajnuna fl-istazzjonijiet u l-Artikolu 23(4) dwar l-għajnuna abbord il-ferroviji, li lkoll jikkonċernaw persuni b'diżabbiltà jew persuni b'mobbiltà mnaqqsa) jistgħu jkunu problematiċi, qarrieqa u/jew sors ta' konfużjoni u dispożizzjoni minnhom saħansitra tikkuntradixxi l-paragrafi preċedenti tal-Artikoli li għadhom kif issemmew, li jirreferu għal stazzjonijiet u ferroviji mingħajr persunal. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda bis-sħiħ li jitħassru l-Artikoli 10(5) u 23(4) u li jiżdied dan li ġej mal-Artikolu 22(4): "ħlief għall-istazzjonijiet mingħajr persunal li huma koperti mill-paragrafu 3".

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini"**

*[COM(2017) 735 final — 2017/0328 (COD)]*

(2018/C 197/11)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Parlament Ewropew, 11.12.2017<br>Kunsill, 14.12.2017 |
| Bażi ġuridika | L-Artikoli 114, 168(4)(c) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Kummissjoni kompetenti | Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum |
| Adottata fil-plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni<br>(favur/kontra/astensjonijiet) | 167/0/0 |

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul il-531 sessjoni plenarja tiegħu tas-17 u t-18 ta' Jannar 2018 (seduta tas-17 ta' Jannar 2018), b'vot unanimu, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea"**

*[COM(2017) 734 final – 2017/0326 (COD)]*

(2018/C 197/12)

| | |
|---|---|
| Konsultazzjoni | Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 14.12.2017 |
| | Parlament Ewropew, 11.12.2017 |
| Bażi legali | L-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| Sezzjoni kompetenti | Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali |
| Adottata fis-sessjoni plenarja | 17.1.2018 |
| Sessjoni plenarja Nru | 531 |
| Riżultat tal-votazzjoni | 167/0/1 |
| (favur/kontra/astensjonijiet) | |

Billi l-Kumitat japprova l-kontenut tal-proposta u jaħseb li m'hemm bżonn tal-ebda kumment min-naħa tiegħu, iddeċieda unanimament li ma jipproċedix għal diskussjoni ġenerali iżda li jgħaddi l-opinjoni minnufih għall-votazzjoni (l-Artikoli 50 (4) u 56(3)).

Brussell, is-17 ta' Jannar 2018.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Georges DASSIS

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT